# Il-Funzjoni ta' l-Awtorità tax-Xandir f'Socjetà Demokratika



# Seminar ta' Ġurnata
# dwar

# Il-Funzjoni ta' l-Awtorità tax-Xandir f'Soċjetà Demokratika

Organizzat mill- Awtorità tax-Xandir

Il-Ġimgħa 5 ta' Mejju 1995

Holiday Inn Crowne Plaza

Awtorità tax-Xandir

Published in 1997 by the
Broadcasting Authority
Mile End Road
Hamrun, Malta.
Telephone: 247908, 221281, 223289
Fax: 240855

Setting and printed by:
Offset Press Ltd - Mriehel

## Seminar organizzat mill-Awtorità tax-Xandir
## Il-Funzjoni ta' l-Awtorità tax-Xandir f'Soċjetà Demokratika
## 5 ta' Mejju 1995


Introduzzjoni u Merħba
Dr Joseph M Pirotta, B.A., Ph.D. (Reading)
*Chairman*, Awtorità tax-Xandir .......... v

Diskors tal-Ftuħ
L-Onor. Dr Michael Refalo, B.A. (Hons.), LL.D., M.P.
Ministru tal-Ġustizzja u Kultura .......... 1

L-Iżvilupp Storiku ta' l-Awtorità tax-Xandir
Dr J M Pirotta, B.A., Ph.D. (Reading)
*Chairman*, Awtorità tax-Xandir .......... 7

Diskussjoni .......... 21

Il-Pluraliżmu fix-Xandir: Tamiet imwettqa?
Is-Sur Laurence Mizzi, S. Th. Dip.
*Chairman* ta' l-Awtorità tax-Xandir 1989 u l-1993 .......... 25

Il-Fehmiet ta' l-Alternattiva Demokratika
Dr Wenzu Mintoff, LL.D.
*Chairperson*, Alternattiva Demokratika .......... 39

Diskussjoni .......... 49

Ir-Regolamentazzjoni tax-Xandir: L-Eżempju ta' l-Ingilterra
Dr Michael Redley, Ph.D.
Segretarju ta' l-*Independent Television Commission*, UK .......... 59

Diskussjoni .......... 76

Qafas Ġdid għas-Servizzi tax-Xandir
L-Onor. Dr Alfred Sant, M.Sc., M.B.A., D.B.A. (Harvard), M.P.
Kap ta' l-Oppożizzjoni .......... 79

Il-Funzjoni ta' l-Awtorità tax-Xandir f'Soċjetà Demokratika
L-Onor. Dr Eddie Fenech Adami, B.A., LL.D., M.P.
Prim Ministru .......... 87

Diskussjoni .......... 94

## Il-Professur Joseph M Pirotta

## Introduzzjoni u Merħba

Onorevoli Ministru u Sinjuri

F'isem l-Awtorità tax-Xandir nilqagħkom għal dan is-seminar ta' ġurnata. L-Awtorità tax-Xandir hija konxja ħafna li l-għan ewlieni tagħha, kif imfisser fil-Kostituzzjoni u fl-Att dwar ix-Xandir ta' 1991, hu li taġixxi fl-interess pubbliku. Għalhekk l-Awtorità għandha r-responsabbiltà ġenerika, li x-xandir f'Malta ikun fuq livell professjonali biex jagħti l-aħjar servizz lis-semmiegħa u lit-telespettaturi tagħna. L-ebda organizzazzjoni ma tista' tibqa' effiċjenti u dinamika jekk ma tkunx kontinwament impenjata biex issib kif tista' tevolvi u tiġġedded ħalli tirrifletti t-tibdiliet li jkunu qegħdin iseħħu fil-pajjiż, u jekk jista' jkun tgħin biex tinfluwenzhom. Dan it-tip ta' dibattitu intern ilu jsir fi ħdan l-Awtorità u issa ħassejna li tkun ferm utli li nisimgħu l-veduti ta' min finalment hu direttament responsabbli għad-deċiżjonijiet fil-pajjiż, u waqt li fl-istess ħin nagħtu ċ-ċans lil min hu involut kif ukoll lill-membri tal-pubbliku biex jikkontribwixxu.

# Diskors tal-Ftuħ



## L-Onorevoli Dr Michael Refalo
*Ministru tal-Ġustizzja u Kultura*

L-Onor Dr. Michael A. Refalo, Ministru tal-Ġustizzja u Kultura ggradwa u ġie l-ewwel fil-*merit course* fil-Liġi fl-1961. Ikkontesta l-elezzjonijiet ġenerali għall-Partit Nazzjonalista fl-1962; ġie elett fl-1971, 1976, 1981, 1987 u 1992. Kien Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu fl-1987. Inħatar Ministru għaż-Żgħażagħ u l-Arti fl-1994 u laħaq Ministru tal-Ġustizzja u Kultura fl-1995. Miżżewweġ lil Blanche Smith u għandu tifel u tlett ibniet.

## L-Onorevoli Dr Michael Refalo

## Diskors tal-Ftuħ

It is indeed my pleasure and privilege to open the proceedings and I am delighted to have such an opportunity to address this gathering of experts in the broadcasting field.

We also have with us today, Dr. Michael Redley, Secretary to the Independent Television Commission of the United Kingdom, and I am certain that you will join me and look forward to listening to his views and comments on the British experience of pluralism in broadcasting. No doubt we will all be most interested to hear his learned opinion on the regulatory role of a Broadcasting Authority in a democratic society.

Our interest will be heightened as each successive speaker takes the podium. The Leader of the Opposition, Dr Sant, will be addressing us this afternoon and I am sure that in view of the recently published Labour Party document on broadcasting you all expect Dr Sant to expand on the principles and proposals set out in the party's Policy Paper.

The Prime Minister also has many a personal experience to relate. He may possibly refer to the lessons learned during those most difficult times when, notwithstanding all the odds stacked against him, he successfully led the Parliamentary Opposition to take over the reigns of Government. He may also possibly wish to build upon his more recent experiences as head of a Government which introduced, established and now implements the principles of pluralism in broadcasting.

Issa wara dawn il-kelmtejn bl-Ingliż b'turija ta' rispett lil dawk il-mistednin li ma jifhmux l-ilsien tagħna, ippermettuli nkompli bil-Malti.

Ma jidhirlix li nkun qed intenni fehma ġdida meta nistqarr li sistema demokratika b'saħħitha, kif ukoll it-tħaddim ta' l-istess demokrazija, jiddependu b'mod determinanti mill-ispazju u l-libertà ta' azzjoni mogħtija lill-*media*, magħdudin fosthom il-mezzi kollha tax-xandir.

Ma jidhirlix li għandi bżonn infakkar u nirrakkonta fid-dettal il-ġrajjiet fi snin relattivament reċenti, meta l-partit, fil-gvern illum, kien fl-oppożizzjoni, u ż-żmien meta b'riżultat ta' manipulazzjoni, ta' spiss goffa u grossolana, abbużi ta' kull xejra u xorta, l-istess sisien tad-demokrazija, ta' kuljum, kienu qed jiġu mminati u mnaqqrin. F'dawk iż-żminijiet il-Maltin kollha, sew dawk li kienu jsostnu l-gvern tal-ġurnata, kif ukoll l-oħrajn, ġew imċaħħda mid-dritt li jirċevu u jiksbu mill-mezzi tax-xandir ta' l-istat dik l-informazzjoni korretta tant siewja għat-tfassil tal-fehmiet u tad-deċiżjonijiet.

Iżda utli li ntennu, għax in-nies għandha ħabta tinsa, li sa ftit snin ilu kellna f'Malta monopolju fil-qasam tax-xandir li, għal kważi sittax-il sena sħaħ, kien mhux biss miżmum taħt kontroll strett, iżda agħar, użat bħala strument ta' propaganda mill-gvern tal-ġurnata. Kien żmien meta l-Ministru ta' dik l-epoka responsabbli għax-Xandir, stqarr li x-xandir kien mezz f'idejn l-istat biex jagħmel miż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin ġenerazzjoni soċjalista.

Għandi bżonn infakkar x'tifsira kienet tingħata fil-prattika għal din l-ideoloġija soċjalista llum mitluqa fir-radam ta' l-istorja? L-istqarrija ta' dak il-Ministru ma kinetx għajr dikjarazzjoni ta' strateġija fit-tmexxija ta' pjan maħsub biex jinħasel moħħ il-poplu bl-użu selettiv u monopolistiku ta' l-uniku mezz ta' xandir f'Malta - dak ta' l-Istat.

Kien żmien ukoll meta ttellgħu l-barrikati biex kull min ried ixandar minn barra - għax minn Malta ma ħallewhx - sab ruħu mfixkel u mixli. Fis-snin tmenin, biex aktar joftom u jiżola lill-Malta u lill-Maltin mill-bqija tad-dinja, il-gvern soċjalista għadda l-liġi dwar l-indħil barrani. Kien tabilħaqq żmien ikrah għall-poplu Malti.

Kien żmien ukoll meta l-gvern kien jeħodha kontra l-Awtorità tax-Xandir, jabbuża minnha, u jużaha għall-iskopijiet tiegħu waqt li sensiela ta' *Chairmen*, uħud li damu biss ftit xhur, ma komplewx jew twarrbu meta l-"iva" li s-setgħana ppretendew minn għandhom ma seħħetx. Minkejja kundanni mill-qrati baqa' jsir biss dak li ried il-gvern. Ġew sfidati kemm il-darba l-Ordinanza u l-Kostituzzjoni u l-gvern strieħ biss fuq min kien lest jilbes l-għamad.

Infakkar ukoll fiż-żmien, bejn l-1982 u l-1986 - erbgħa snin sħaħ - li fihom il-gvern soċjalista rrifjuta li jaħtar l-Awtorità tax-Xandir.

Fl-1987, mal-bidla tal-Gvern, bdew jinqalbu x-xejriet fix-xena tax-xandir kif fil-verità bdew isiru wkoll bidliet għall-aħjar f'ħafna oqsma oħra.

Mill-oppożizzjoni l-Partit tiegħi, wiegħed li jilliberalizza għadd ta' setturi fosthom il-qasam tax-xandir. U mill-gvern ħdimna biex din il-wegħda nwettquha. Fl-1990 daħħalna l-pluraliżmu bl-għoti ta' liċenzji għax-xandir bir-radju, liż-żewġ partiti politiċi ewlenin u lill-Knisja Kattolika. Iż-żmien tal-monopolju fix-xandir spiċċa, kien għadda, kien warajna biex qatt ma nerġgħu ngħixuh.

Fl-1991 ġiet approvata l-Liġi tax-Xandir li fl-1994 ġiet emendata biex b'hekk ġie liberalizzat ukoll ix-xandir bit-televiżjoni. Issa hemm ixandru ħdax il-stazzjon tar-radju, disa' minnhom tal-privat, żewġ stazzjonijiet privati tat-televiżjoni, u erba' jistennew is-sinjal biex jibdew ixandru. Dan barra s-servizz vast tal-*Cable TV*.

Anke dawk li fis-setgħa kienu kontra l-pluraliżmu llum igawdu, u sewwa jagħmlu, mid-drittijiet u l-opportunitajiet ġodda li ħoloq il-gvern. Ix-xandir mhux biss qed joffri għażla ħielsa u varjata lill-poplu iżda qed idaħħal liċ-ċittadin fil-kurituri tal-poter b'mod li s-setgħa resqet lejn iċ-ċittadin. Iċ-ċittadin ingħata vuċi. Vuċi qawwija, li jużaha. Il-proċess ta' djalogu qed jitwettaq kull ħin, kull mument, fil-miftuħ permezz tal-mezzi tax-xandir.

Ix-xandir pubbliku u t-tmexxija tiegħu ġew mgħoddija lil kumpanija mwaqqfa mill-gvern - il-*Public Broadcasting Services Ltd.* - biex hekk, kif igħid id-dokument "Il-

Bidla Tkompli" ta' Ottubru 1993, "tkun aktar strument ta' djalogu u informazzjoni mill-Gvern, dejjem skond il-liġi tal-pajjiż."

Hu hawn li terġa' tidħol l-Awtorità. Din issa jeħtieġ tassumi funzjoni akbar u aktar wiesgħa - forsi wkoll aktar delikata, komplikata u diffiċli. L-atmosfera hi tajba għax l-Awtorità taħdem f'ambjent ferm aktar miftuħ, ħieles u b'saħħtu u hu għalhekk li nistenna iżjed kooperazzjoni bejn l-Awtorità u l-istazzjonijiet kollha b'mod partikolari l-PBS.

Tajjeb li niċċita xi tgħid il-*White Paper* tal-Gvern ippubblikata fil-11 ta' Novembru 1993 meta titkellem dwar il-qasam tax-xandir.

"L-Awtorità m'għandhiex tkun dominata minn nomini tal-partiti li fi kwalunkwe kaz ftit ġabet qbil dwar l-aġir tagħha."

"Anke fil-każ ta' l-Awtorità tax-Xandir, jidhrilna li jkun utili li d-diskussjoni pubblika teżamina l-funzjoni tagħha f'soċjetà radikalment differenti fil-qasam tal-*media* minn dik li kienet teżisti meta nħolqot l-Awtorità fis-sittinijiet. Anke f'dan il-qasam, jidhrilna li neħtieġu aġġornament."

U nittama li dan is-seminar jgħin biex tkompli d-diskussjoni u jsir eżami bir-reqqa u proposti dwar tabilħaqq x'inhi l-funzjoni ta' l-Awtorità illum fis-soċjetà demokratika li qed ngħixu.

Bħala l-Ministru responsabbli għax-xandir, inħeġġiġkom li tkunu ċari u miftuħa fi ħsibijietkom, biex ix-xandir, sies ewlieni li fuqu tistrieħ il-binja ta' soċjetà ħielsa, inkomplu nsaħħuh għall-ġid tal-poplu u għall-avvanz tan-nazzjon.

Minn qalbi nirringrazzjakom u niżżikhajr lill-Awtorità għall-inizjattiva li ħadet biex torganizza dan is-seminar.

Nawguralkom ħidma sfieqa.

# L-Iżvilupp Storiku ta'
# L-Awtorità tax-Xandir



## Professor Joseph M. Pirotta
*Chairman*
*Awtorità tax-Xandir*

Il-Professur Joseph Pirotta nħatar *Chairman* ta' l-Awtorità tax-Xandir f'Lulju ta' 1993. Huwa ggradwa *Ph.D. in Politics* fl-Università ta' Reading. Bħala akkademiku huwa *lecturer* u *Course Co-ordinator* fir-Relazzjonijiet Internazzjonali fil-Fakultà ta' l-Arti fl-Università ta' Malta. Dr Pirotta huwa l-awtur ta' '*Fortress Colony: The Final Act*' fi tlett volumi. Dan ix-xogħol janalizza u jiddeskrivi l-logħba komplessa għal poter mill-mexxejja tal-partiti politiċi, l-Knisja u l-*Unions* matul is-snin 1945-1964.

## Il-Professur J. M. Pirotta

## L-Iżvilupp Storiku ta' l-Awtorità tax-Xandir

L-Awtorità tax-Xandir taf it-twelid tagħha lill-kontroversja politika tas-snin ħamsin [1]. Kien f'dan iż-żmien li l-awtoritajiet Ingliżi, kemm f'Malta u kemm f'Londra, waslu għal konklużjoni li kellhom jinstabu mezzi biex jassiguraw li meta Malta terġa' tingħata miżura ta' awtonomija, ix-xandir pubbliku ma jkunx soġġett għall-kontrol u manipulazzjoni politika [2]. Biex jilħaq dan l-għan il-Gvern Kolonjali ippubblika l-Ordinanza XX ta' l-1961 [3] li permezz tagħha twaqqfet l-Awtorità tax-Xandir. Ftit jiem wara kienet ippubblikata l-Kostituzzjoni Blood [4] li parti minnha ġiet fis-seħħ fl-1 ta' Novembru ta' l-istess sena, u l-kumplament fit-23 ta' Marzu 1962.

L-Awtorità kellha tkun finanzjata prinċipalment minn fondi pubbliċi miġbura mill-ħlas tal-liċenzji tar-radju u tat-televiżjoni. B'hekk twaqqfet f'pajjiżna l-ewwel organizzazzjoni statutorja indipendenti. Minn Settembru 1961 'l quddiem is-servizzi kollha bir-radju u bit-televiżjoni f'Malta - bl-eċċezzjoni tax-xandir mill-Forzi Armati - saru r-responsabbiltà esklussiva ta' l-Awtorità tax-Xandir.

L-Ordinanza tax-Xandir kienet imfassla fuq l-*Independent Television Act* Ingliża ta' 1954 u għalhekk l-Awtorità kienet tikkompara ma' l-*Independent Television Authority*. Kien hemm differenza ewlenija. L-Awtorità kellha d-dritt u l-obbligu li tipprovdi servizzi tar-radju u tat-televiżjoni li mill-anqas 20% tagħhom kellhom ikunu ta' oriġini lokali. Dan setgħet tagħmlu billi tqabbad kuntratturi filwaqt li żżomm id-dritt li tipprovdi xi servizzi hija stess. Iżda l-funzjoni prinċipali tagħha kienet li tirregola u tikkontrolla x-xandir bil-għan li tassigura livelli aċċettabbli ta' dawn is-servizzi f'pajjiżna [5]. L-Ordinanza kienet tispeċifika, *inter alia*, li l-Awtorità kellha tara, nikkwota:

1. Pirotta J.M., *Fortress Colony : The Final Act 1945-1964*, Vol. II, (Studia Editions, Malta, 1991).
2. Ta' min wieħed ifakkar li l-kontroll tax-xandir sa dan iż-żmien kien f'idejn il-Gvern. Dan il-kontroll kien eżerċitat l-aktar mill-Gvern Imperjali Malti, li l-Kap tiegħu kien il-Gvernatur, u b'mod ħafna aktar limitat mill-Gvern elett Malti.
3. L-Ordinanza ġiet fis-seħħ fid-29 ta' Settembru 1961. L-ewwel membri ta' l-Awtorità nħatru fl-istess ġurnata.
4. Il-Kostituzzjoni li waqqfet l-Istat Rjali ta' Malta ġiet fis-seħħ parti fl-1 ta' Novembru 1961 u l-parti l-oħra fit-23 ta' Marzu 1962.
5. L-ewwel żewġ Programme Editors biex jagħmlu xogħol ta' monitoring ġew ingaġġati fl-1962.

(a) *that nothing is included in the programmes which offends against religious sentiment, good taste or decency or is likely to encourage or incite to crime or to lead to disorder or to be offensive to public feeling or which contains any offensive representation or reference to a living person;*

(b) *that the programmes contain a proper balance in their subject matter;*

(c) *that any news given in the programmes (in whatever form) is presented with due accuracy and impartiality.....;*

(g) *that due impartiality is preserved as respects matters of political and industrial controversy or relating to current public policy and that, subject as hereinafter provided in this subsection, no matter designed to serve the interests of any political party is included in the programmes.* [6]

Dan il-provediment ta' l-aħħar kien jeskludi l-kontenut ta' programmi li jkunu, nerġa nikkwota:

(i) *political talks made in accordance with a scheme approved by the Authority which fairly apportions facilities and time between persons holding different points of view;*

(ii) *properly balanced discussions or debates where the persons taking part express opinions and put forward arguments of a political character; and*

(iii) *factual and objective news coverage of events of political interest.* [7]

Il-Gvernatur kellu l-poter li jordna lill-Awtorità biex ixxandar, jew biex ma xxandarx, dak indikat lilha. Seta' ukoll jimponi fuq l-Awtorità, it-tul ta' ħin li stazzjon seta' jxandar, u wkoll il-ħinijiet tal-ġurnata li fihom seta' jsir ix-xandir [8]. Dan ir-*Reserved Power* illum qiegħed għand il-President.

6. The Broadcasting Ordinance, Ordinance XX, 1961, Section 7, para 2.
7. Ibid.
8. Ibid.

L-Awtorità wirtet il-kuntratti li kienu saru, lejliet it-twaqqif tagħha, bejn il-kumpanija *Rediffusion (Malta) Ltd.* [9] u l-Gvern ta' Malta [10]. L-Awtorità kellha wkoll l-obbligu li tonfoq mhux anqas minn £10,000 u £25,000 fi programmi fuq ir-radju u t-televiżjoni rispettivament [11].

Sakemm ġiet fis-seħħ l-Ordinanza dwar ix-xandir is-servizzi provduti mir-*Rediffusion* kienu biss ta' divertiment u ta' interess ġenerali. Il-Gvern, permezz tad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni kien jieħu ħsieb ix-xandir għall-iskejjel u x-xandir ta' informazzjoni pubblika. Il-*Government Broadcasting Board* kien itella' serje regolari ta' diskussjonijiet u xandiriet politiċi [12]. L-Ordinanza biddlet dawn l-arranġamenti. Ir-*Rediffusion*, bħala l-kuntrattur ta' l-Awtorità, ħa l-ipprogrammar f'idejh. Kellu jipprovdi servizz wiesgħa ta' aħbarijiet lokali u programmi regolari ta' ġrajjiet kurrenti. L-Awtorità żammet kontrol dirett tax-xandir għall-iskejjel [13], tax-xandiriet politiċi u ta' l-iskema tax-xandir għal waqt l-elezzjonijiet.

F'Settembru ta' 1962 beda f'Malta l-ewwel servizz tat-televiżjoni minn *studios* temporanji f'*Rediffusion House* [14]. Minn hawn 'l quddiem l-attivitajiet ta' l-Awtorità kienu jikkonċernaw ix-xandiriet kollha minn fuq ir-radju u minn fuq it-televiżjoni.

## L-AWTORITÀ ANKRATA FIL-KOSTITUZZJONI TA' L-INDIPENDENZA

Il-Kostituzzjoni ta' l-Indipendenza, u aktar tard dik tar-Repubblika, għarfet l-importanza ta' l-Awtorità tax-Xandir, billi poġġietha fuq pedamenti legali aktar sodi minn dawk provduti fl-Ordinanza ta' l-1961 [15]. Il-provedimenti kostituzzjonali dwar

9. Il-kuntratti kienu tlieta: (1) Dak li kien jagħti d-dritt esklussiv għal ħamsa u għoxrin sena lill-*Rediffusion* biex jipprovdi servizz tax-xandir bil-fili mingħajr preġudizzju li l-Awtorità tipprovdi servizzi ta' din il-kwalità hija stess. (2) Dak li kien jgħati d-dritt esklussiv lil Malta Television Services Ltd (sussidjarja tar-*Rediffusion*) biex tipprovdi servizz tax-xandir bit-televiżjoni fi żmien ħmistax-il xahar mill-iffirmar tal-kuntratt. (3) Dak li kien jagħti d-dritt lil Malta Television Services Ltd li tipprovdi servizz ta' xandir mingħajr fili u li tibda dan is-servizz mhux aktar tard minn ħames snin wara l-iffirmar tal-kuntratt. Dan il-ftehim anqas ma kien jippreġudika d-dritt ta' l-Awtorità li tipprovdi servizz ta' din ix-xorta.
10. Bejn l-aħħar ta' April 1958 u r-riżultat ta' l-elezzjoni ta' Frar 1962, il-gżejjer Maltin kienu mmexxija minn Gvern Kolonjali ppresedut mill-Gvernatur.
11. B'konsegwenza ta' l-insistenza li r-*Rediffusion* taqdi l-funzjonijiet tagħha skond l-eżiġenzi imposti fuq l-Awtorità l-kumpanija ħtiġilha tuża aktar riżorsi finanzjarji u umani.
12. *Malta Broadcasting Authority, First Annual Report*, (mimeographed, Malta, 1962), p.3.
13. Dan b'kollaborazzjoni sħiħa mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. *Ibid.*
14. Television House ġiet inawgurata uffiċjalment fil-5 ta' Frar, 1964.
15. Dan ma jfissirx li l-Ordinanza XX ta' 1961 kienet twarrbet. Il-provedimenti ta' din l-Ordinanza baqgħu jgħoddu sa fejn dawn ma kienux sorpassati mill-provedimenti tal-Kostituzzjoni.

l-Awtorità ma jistgħux jinbidlu mingħajr l-approvazzjoni ta' żewġ terzi tal-Kamra tar-Rappreżentanti. Minn naħa l-oħra l-Ordinanza ġiet ammendata u neħħiet l-esklussività li kellha l-Awtorità fl-għażla ta' min imexxi servizz tax-xandir. Minflok, dan id-dritt ġie mogħti lill-Gvern.

L-Awtorità għandha tkun magħmulha minn *Chairman* u minn mhux anqas minn erba' membri li huma appuntati mill-President fuq il-parir tal-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Kap ta' l-Oppożizzjoni. Skond il-Kostituzzjoni l-funzjoni ewlenija ta' l-Awtorità hi, nikkwota:

*"li tiżgura illi, safejn ikun possibbli, f'dawk is-servizzi ta' xandir ta' smiegħ u televiżjoni li jistgħu jkunu provduti f'Malta, tiġi miżmuma imparzjalità xierqa dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrijali jew li jirriferixxu għal policy pubblika korrenti u illi l-faċilitajiet u l-ħin ta' xandir huma mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti."* [16]

Il-Kostituzzjoni tagħmilha ċara wkoll li fil-qadi ta' dmirijietha l-Awtorità ma hiex soġġetta għad-direzzjoni jew kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra [17].

Kien mill-Indipendenza 'l hawn li daħlet id-drawwa li jiġu nominati erba' membri biss biex jiffurmaw l-Awtorità flimkien ma' *Chairman*. Il-kontroversji sħan li nqalgħu matul iż-żmien wasslu biex, sfortunatament, il-pubbliku Malti beda konsistentament jassoċja l-Awtorità tax-Xandir mal-politika partiġġjana.

## IL-KONTRIBUT TA' L-AWTORITÀ LEJN LIVELL AĦJAR TA' PPROGRAMMAR

L-Awtorità ħadet bis-serjetà l-obbligu tagħha biex ittejjeb il-livell tal-programmi mxandra. Għalkemm ma kinetx taqbel mal-provediment finanzjarju tassattiv li diġà semmejt, l-Awtorità kull sena wżat il-fondi tagħha biex ittella' sensiela ta' programmi

16. *Il-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta*, (Dipartiment ta' l-Informazzjoni, Malta, 1975), Sezzjoni 121. (8).
17. *Ibid.*

lokali li kienu ivarjaw minn dokumentarji għal dawk ta' interess ġenerali. Fejn kienu jintużaw il-faċilitajiet tal-kuntratturi tagħha l-Awtorità dejjem ħallset għal dan l-użu. Ħasbet ukoll biex timporta programmi prestiġġjuzi li kienu jinkludu: dokumentarji (xi wħud minnhom intwerew b'kummentarju bil-Malti), drama, *serials*, programmi tat-tfal, programmi ta' edukazzjoni għal kbar, programmi reliġjużi, u programmi dwar l-arti.

Mill-bidu tagħha l-Awtorità issieħbet f'organizzazzjonijiet internazzjonali bħal l-*European Broadcasting Union* u l-*Commonwealth Broadcasting Association* biex kemm jista' jkun iżżomm ruħha aġġornata ma' żviluppi internazzjonali fil-qasam tax-xandir, tkun tista' tipparteċipa f'inizjattivi internazzjonali, tiġbed għajnuna teknika u tikseb mezzi ta' taħriġ professjonali għal xandara Maltin. Għal bosta snin l-Awtorità ħadet sehem ukoll f'kompetizzjonijiet internazzjonali bħal l-*Prix Italia,* l-*Eurovision Song Festival* u *t-Tokyo Song Festival.*

Fl-1973 l-Awtorità iddeċidiet li ma terġax iġġedded għal darba oħra ż-żmien sabiex il-*Malta Television Services Ltd.* tibda topera servizz bir-radju [18]. Din id-deċiżjoni kkonċidiet mad-deċiżjoni tal-gvern biex jagħmel pressjoni fuq il-kumpanija tar-*Rediffusion* wara li kien falla l-attentat tiegħu biex jixtri l-assi tagħha, liema offerta ma ntlaqetx.

Radju Malta beda jitrasmetti permezz tad-*Deutsche Welle*, għal erba' sigħat kuljum fit-8 ta' Jannar, 1973 [19]. Bl-għajnuna tal-Libja li tat lill-Awtorità *transmitter*, u ta' l-Italja li tat antenna, Radju Malta espanda t-trasmissjonijiet tiegħu għal sbatax-il siegħa kuljum ta' trasmissjonijiet lokali u fi żmien sentejn kien qed jopera tliet stazzjonijiet. Fl-1975 il-Gvern innazzjonalizza x-xandir pubbliku, u waqqaf Xandir Malta, li kienet parti mill-Korporazzjoni Telemalta. Ittieħdet ukoll id-deċiżjoni li x-

18. Oriġinarjament il-Malta Television Services Ltd. kienet marbuta biex tiftaħ stazzjon tar-radju sa l-1966. L-Awtorità kienet, għal aktar minn darba, laqgħet it-talba tal-kumpanija biex jiġġeddilha ż-żmien li fih kellha tibda is-servizz u l-Awtorità kienet ġustifikata li tirrifjuta l-aħħar talba tagħha. *Broadcasting Authority Annual Report 1971/72*, (Progress Press, Malta 1972), pp. 19-20. L-Awtorità kienet ukoll urtata għal fatt li l-kumpanija kienet naqqset il-ħin tat-trasmissjonijiet tagħha bi sfida għall-ordni espressa ta' l-Awtorità. *Broadcasting Authority Thirteenth Annual Report, August 1st 1973 - July 31st 1974*, (mimeographed, 1974), p. 6.
19. *Ibid*., p. 8.

xandir kollu jkun konċentrat f'Dar ix-Xandir u b'konsegwenza - nikkwota mir-rapport ta' l-Awtorità:

*"All members of the broadcasting staff of the Broadcasting Authority were transferred to and engaged by the Emergency Council* [li kien qed imexxi x-xandir] *and all broadcasting equipment previously purchased or acquired by the Broadcasting Authority was also transferred to the Emergency Council."*[20]

## IX-XANDIR GĦALL-ISKEJJEL

Waħda mill-attivitajiet importanti ta' l-Awtorità kien ix-xandir għall-iskejjel. Dawn ix-xandiriet, l-ewwel fuq ir-radju u wara anke fuq it-televiżjoni, kienu jittellgħu mill-impjegati ta' l-Awtorità għall-ispejjeż tagħha. Dan kien isir b'kollaborazzjoni sħiħa mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni li kien jinnomina edukaturi ta' esperjenza biex iservu fuq l-*Schools Broadcasting Advisory Committee*. Mingħajr ebda dubju dawn ix-xandiriet kienu ta' siwi kbir. L-Awtorità bdiet tippubblika wkoll *work books*, noti għall-għalliema u l-*magazine: The Young Listener*, biex jirrendu ix-xandiriet aktar effettivi.

Fi-1975 il-Gvern għarraf lill-Awtorità li l-funzjoni tagħha f'dan ir-rigward kienet se tispiċċa, li x-xandir kollu kien se jkun ikkonċentrat f'Xandir Malta, fejn l-impjegati ta' l-Awtorità f'dan il-qasam kellhom jiġu sekondati.

## PROGRAMMI TA' L-AĦBARIJIET U TA' ĠRAJJIET KURRENTI

Wara li semmejna x-xogħol fejjiedi li l-Awtorità kienet qegħda tagħmel ma nistgħux ma nirrimarkawx li ħafna mill-ħin u l-enerġija tagħha kienu qed jintużaw biex titratta problemi ta' natura politika.

20. *Broadcasting Authority. Fourteenth Annual Report July 31st 1974 - 31st March 1975*, (mimeographed, 1975), p. 5.

Mill-bidu nett ta' l-eżistenza tagħha l-Awtorità iffaċjat problemi politiċi serji dwar is-servizzi ta' l-aħbarijiet u ta' ġrajjiet kurrenti. Dan ma setgħax jonqos meta niftakru li l-kuntest politiku kien iddominat minn kriżi kostituzzjonali u mill-iżvilupp ta' ġlieda politika-reliġjuża. L-Awtorità ikkumentat:

*"A difficult political situation plus unfamiliarity with an independent impartial service of this kind combine to make such a service a matter of considerable difficulty and often of controversy particularly in the matter of selection. Certain sections of opinion refuse to take part for reasons connected with the political and constitutional situation, but are quick to detect alleged bias; other sections of society are as yet somewhat timid of self-expression while still other sections are extremely suspicious of free comment and of the views of those who differ from them politically and in other ways."* [21]

Wieħed għalhekk jifhem is-sodisfazzjon li espremiet l-Awtorità għal fatt li l-kritika diretta lejn dawn is-servizzi ġodda kienet ġejja mill-kwartieri politiċi kollha. Iżda l-kritika dovuta għar-raġunijiet li semmejt wasslet biex il-programmi ta' ġrajjiet kurrenti kienu jevitaw suġġetti jaħarqu minħabba d-diffikultajiet biex isibu nies lesti jieħdu sehem f'dawn id-dibattiti.

Kemm il-programmi ta' l-aħbarijiet u dawk ta' ġrajjiet kurrenti baqgħu jkunu l-mira tal-kritika tal-partiti politiċi, (għalkemm tajjeb li wieħed jgħid li mhux il-kritika kollha kienet ġustifikata). Hu veru wkoll li dan it-tip ta' kritika kien jiħrax meta tkun qed toqrob elezzjoni u jilħaq l-għola livelli waqt il-kampanja elettorali.

Kollox ma kollox l-Awtorità kienet tipprova mill-aħjar li tista' biex taqdi l-obbligi kostituzzjonali tagħha iżda aktar ma bdiet toqrob l-elezzjoni ta' l-1976 anqas bdiet tkun effikaċi partikularment dwar il-ħarsien tal-bilanċ fix-xandir.

21. *Malta Broadcasting Authority ... September 1961 - 31st March 1962, op.cit.*, p. 3.

## XANDIRIET POLITIĊI

Ix-xandiriet politiċi mtella mill-Awtorità jistgħu jiġu kklasifikati fi tlieta: ix-xandiriet fl-iskeda politika; xandiriet Ministerjali; u xandiriet għal żmien l-elezzjonijiet.

Kull sena l-Awtorità kienet torganizza skema ta' xandiriet politiċi li fiha kienet tistieden lil kull partit biex jieħu sehem. Dan kienet tagħmlu mhux għax kienet rikjesta mill-liġi, imma għax kienet temmen li għandha tagħti skop lill-partiti biex iwasslu l-messaġġ tagħhom u b'hekk tisgura li l-poplu jkun infurmat kemm jista' jkun dwar materji politiċi. Fil-fatt l-Awtorità kienet, u għadha tqiegħed, għad-dispożizzjoni tal-partiti ħafna aktar ħin milli jiġi allokat lill-partiti politiċi barra minn Malta inkluż fir-Renju Unit. L-iskema ta' xandiriet politiċi setgħet wasslet biex tnaqqas il-kritika diretta lejn l-aħbarijiet u l-programmi ta' ġrajjiet kurrenti, iżda dan ma seħħx.

Ix-xewqa ta' l-Awtorità meta nidiet din l-iskema kienet li l-partiti jasslu fi ftehim bonarju dwar l-allokazzjoni tal-ħin imma t-tamiet tagħha kienu fieragħ. Għalhekk l-Awtorità bdiet talloka l-ħin proporzjonalment mar-rappreżentanza li kull partit kien igawdi fil-Parlament.

Fis-sittinijiet il-Partit Laburista kemm-il darba rrifjuta li jieħu sehem fl-iskema bħala protesta kontra l-klawsola fl-Ordinanza tax-Xandir li kienet tipproteġi s-sentimenti reliġjużi.

Fi żmien l-elezzjonijiet l-Awtorità dejjem torganizza sensiela ta' xandiriet elettorali. L-allokazzjoni tal-ħin isir skond in-numru ta' nominazzjonijiet li kull partit iressaq għall-elezzjoni. Dan il-prinċipju hu bbażat fuq il-ħsieb li aktar ma partit ikun qed irressaq nominazzjonijiet aktar ikun qed jagħmel attentat serju għal poter.

Fl-1963, konxja tal-ħtieġa li l-Gvern ikollu ħin għad-dispożizzjoni tiegħu biex, minn żmien għal żmien, iżomm lill-pubbliku infurmat dwar il-ħidma tiegħu, l-Awtorità allokat

ukoll total ta' 210 minuti fis-sena għal Xandiriet Ministerjali [22]. L-intenzjoni ta' l-Awtorità toħroġ ċara mill-*guidelines* li stabbilit f'dan ir-rigward. Nikkwota:

(1) *In view of their responsibilities for the care of the Nation, the Government should be able to broadcast from time to time Ministerial Broadcasts, which, for example, are purely factual or explanatory of approved legislative or administrative policies or in the nature of appeals to the nation to co-operate in national policies which require the active participation of the public .....*

(3) *It will be incumbent upon Ministers making such broadcasts to be as impartial as possible, and in the ordinary way there will be no question of a reply.* [23]

Kull xandira kienet limitata għal nofs siegħa. Minn Lulju ta' l-istess sena dawn ix-xandiriet kienu soġġetti għad-dritt tar-risposta. Fl-1974 il-ħin allokat tela' għal 240 minuta. Wieħed jinnota li sa l-1971 din l-allokazzjoni rari kienet tittieħed kollha u dawn ix-xandiriet ftit li xejn ħolqu problemi.

Minn l-1974 'l quddiem il-qagħda ħadet xejra oħra. Kien hemm kemm-il talba għad-dritt tar-risposta li ntlaqgħet u anke numru ta' każi fil-Qorti fejn ġie mgħoti dan id-dritt. Bħal eżempju nistgħu nsemmgħu li fis-sena ta' qabel l-elezzjoni tal-1976 kien hemm ħdax-il Xandira Ministerjali, u tmien talbiet għad-dritt tar-risposta. L-Awtorità tat dan id-dritt f''ħames każi u l-Qorti fi tnejn oħra [24]. Fis-sena ta' wara l-Awtorità tat l-istess dritt għal kull Xandira Ministerjali barra waħda [25].

Inkwiet ieħor x'aktarx ġabitu fuqha l-Awtorità stess meta fl-1974 amendat ir-regoli tax-Xandiriet Ministerjali biex ħolqot kategorija oħra, xandiriet mill-Prim Ministru. Dawn ix-Xandiriet lin-Nazzjon, kif kienu jissejħu, kienu barra mis-sensiela ta' Xandiriet Ministerjali u għalhekk il-ħin utilizzat għalihom ma kienx soġġett għall-

22. Dawn bdew f'Marzu 1963.
23. *Broadcasting Authority ... July 31st 1974 - 31st March 1975, op.cit.*, p. 21.
24. Ibid., p. 19.
25. *Broadcasting Authority Annual Report 1976-77*, (mimeographed, Malta, 1977), p. 17.

istess limitazzjonijiet. L-ammendi ġew ikkontestati mill-Oppożizzjoni. Id-dritt għar-risposta għalihom intalab kemm-il darba u ġieli ntalqa' kemm mill-Awtorità kif ukoll mill-Qorti [26].

L-ilmenti ta' l-Oppożizzjoni wasslu għal sentenza importanti mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell ippreseduta mill-Imħallef Caruana Curran. Fis-sentenza tagħha l-Qorti għamlitha ċara li fejn Xandira Ministerjali kienet issemmi materji li dwarhom kien hemm aktar minn opinjoni waħda fil-pajjiż, jew fejn tiġi mfaħħra żżejjed il-politika tal-partit fil-gvern, jew fejn partiti politiċi oħra jiġu kkritikati anke indirettament, l-Oppożizzjoni għandha tingħata d-dritt għal tweġiba. Id-dritt kellu jkun wieħed serju, reali u effettiv, sabiex b'hekk il-pajjiż igawdi l-benefiċċju ta' informazzjoni diversa [27].

## INKWIET POLITIKU SERJU

Hawn ta' min isemmi kif il-pożizzjoni ta' l-Awtorità ddgħajfet wara n-nazzjonalizzazzjoni tax-xandir. Id-deċiżjoni tal-Gvern li x-xandir jibda' jitmexxa mit-Telemalta wassal biex il-Kumpanija tar-*Rediffusion* assenjat id-drittijiet u l-obbligi li kellha taħt il-kuntratti ma' l-Awtorità lil din il-Korporazzjoni [28]. Għalhekk l-Awtorità issa kellha bħala l-kuntrattur tagħha lit-Telemalta [29], korporazzjoni pubblika mmexxija minn diretturi maħturin mill-Gvern. Din is-sitwazzjoni dgħajjfet serjament il-funzjoni kostituzzjonali ta' l-Awtorità li kienet intiża biex tirregola u tikkontrolla lill-kuntrattur tagħha tant li l-Awtorità ħassitha kostretta li tgħid pubblikament, li kellha l-ħtieġa li tingħata sanzjonijiet effikaċi biex tkun tista' tapplikhom skond il-bżonn li jinqala' u b'hekk tiżgura li l-istruzzjonijiet u d-direzzjonijiet tagħha jkunu osservati mill-kuntrattur[30].

Kien ukoll fl-istess żmien li l-Ministru responsabbli għax-xandir esprima l-opinjoni li x-xandir kellu jintuża biex titrawwem ġenerazzjoni soċjalista. L-Awtorità kitbet lill-Kap ta' Xandir Malta u wissietu li ma kinetx lesta taċċetta asserzjoni bħal din. Il-Kap ta' Xandir Malta wieġeb li hu ma kienx responsabbli għal dak li jgħid il-Ministru tiegħu. Id-diffikultajiet ta' l-Awtorità komplew jikbru bħal ma għamlu n-numru ta'

26. *Broadcasting Authority Annual Report and Accounts 1975-76*, op.cit., pp. 22-23.
27. Ibid., p. 23.
28. *Broadcasting Authority Annual Report 1976-77, op.cit.*, p. 4.
29. Dan seħħ permezz ta' att notarili.
30. *Broadcasting Authority Annual Report 1976-77, op. cit.*, p. 4.

lmenti kemm mill-Oppożizzjoni u anke minn organizzazzjonijiet oħra. L-Awtorità bdiet issib ruħha dejjem aktar fiċ-ċentru ta' kritika ħarxa minħabba dak li kien qed jidher bħala impotenza. Lanqas ma għenet it-tattika użata kemm-il darba minn xi membri ta' l-Awtorità li jitilqu 'l barra mill-laqgħat bil-għan li jwaqqfu kollox minħabba nuqqas ta' *quorum* [31]. Dan l-aġir wassal għal deċizjoni tal-Qorti ta' l-Appell li l-Awtorità, bħala Kummissjoni Kostituzzjonali kellha tkompli tiffunzjona minkejja nuqqas fil-membri tagħha [32].

L-inkwiet politiku fil-pajjiż kompla jikber. Il-Partit Nazzjonalista ordna bojkott fuq ir-reklamar ta' Xandir Malta. Bi tweġiba il-*General Workers Union* ordnat lill-membri tagħha f'Xandir Malta biex jibbojkottjaw l-attivitajiet tal-Partit Nazzjonalista. Sadanittant il-Partit Nazzjonalista kien qed ixandar bit-televiżjoni minn Sqallija. Dan wassal għal protesti mill-*Malta Labour Party* u mill-*General Workers Union* li qalu li x-xandir minn Sqallija kien qed joħloq żbilanċ. Għalkemm ir-rapport annwali ta' l-Awtorità jgħid sempliċement li hi ddeċidiet li ma kienx il-kompitu tagħha li twaqqaf dawn ix-xandiriet [33], fil-fatt l-Awtorità kienet iddeċidiet li kien hemm żbilanċ iżda ma setgħetx tiddeċiedi fuq rimedju għax ma kienx hemm *quorum*. Iżda tnax-il ġurnata wara din id-deċiżjoni, iċ-*Chief Executive* ta' dak iż-żmien, kiteb lil Kap ta' Xandir Malta u ssuġġerielu biex jittellgħu programmi bl-għan speċifiku li jibbilanċja t-trasmissjonijiet minn Sqallija.

Fis-16 ta' Diċembru 1981 żewġ membri ta' l-Awtorità rriżenjaw u l-postijiet tagħhom tħallew battala. Il-ħatra taċ-*Chairman* u taż-żewġ membri l-oħra ġiet imġedda sa l-aħħar ta' l-1982, iżda l-Qorti ddikjarat li l-Awtorità ma kinetx kostitwita legalment. Wara li spiċċa l-mandat tagħhom l-Awtorità baqgħet mhux kostitwita u kienet titmexxa miċ-*Chief Executive* tagħha, li kien ġie maħtur f'Jannar ta' l-1981 wara li l-post kien ilu vakanti mill-1976. Għal xi żmien l-istess *Chief Executive* kien ukoll jokkupa l-kariga ta' *Chairman* tat-Telemalta waqt il-qadi ta' dmiru fl-Awtorità. Fit-18 ta' Lulju 1986 reġa' beda dieħel forma ta' konsensus politiku dwar l-Awtorità, li għal darba oħra ġiet kostitwita u l-Oppożizzjoni ddikjarat li kellha fiduċja fiċ-*Chairman* u fi tnejn mill-membri [34].

31. Skond l-Ordinanza ta' l-1961 il-quorum kien jikkonsisti miċ-*Chairman* u tlett membri. Peress li kienet daħlet id-drawwa li jinħatru erba' membri biss ma kienetx ħaġa diffiċli biex il-quorum jiġi sfrattat. *Broadcasting Authority Annual Report 1976-77, op. cit.*, p. 7.
32. *Broadcasting Authority. Annual Report 1982*, (mimeographed, Malta, 1982), p. 2.
33. *Broadcasting Authority. Annual Report 1981*, (mimeographed, Malta, 1981), pp. 5-6.
34. Zammit Dimech F., *Il-Logħba tal-Qerq*, (Progress Press, Malta, 1987), p. 23.

## L-AĦĦAR TIBDIL

Fl-1987 il-Partit Nazzjonalista tela' fil-gvern kommess li jagħmel ċertu tibdil fix-xandir f'Malta. Dan ma setax ma jaffetwax lill-Awtorità. L-Att dwar ix-Xandir ta' l-1991, li ssostitwixxa l-Ordinanza ta' l-1961, għamel possibbli l-introduzzjoni tal-pluraliżmu; qata' lill-Xandir Malta minn mat-Telemalta u aktar tard waqqaf minflok kumpanija oħra, l-Public Broadcasting Services Ltd.

L-Att ta' l-1991 nissel tibdil importanti. Neħħa dik il-parti ta' l-Ordinanza li kienet tipprojbixxi l-inklużjoni fil-programmi ta' elementi kkalkolati biex jaqdu l-interessi ta' xi partit politiku. B'hekk sar possibbli li partit politiku jkollu stazzjon tax-xandir. Impona fuq l-Awtorità l-obbligu li kull sena ttella' skema politika li għandha tkun ristretta għal partiti rappreżentati fil-Parlament.

L-Att poġġa l-operat ta' l-Awtorità fuq sisien aktar sodi. Għamilha responsabbli għal ħruġ ta' liċenzji għal stazzjonijiet tar-radju u tat-televiżjoni. Saħħaħ il-poter tagħha biex timponi sanzjonijiet billi dawn ġew inkorporati fil-liċenzji u tat lill-Awtorità l-poter biex toħroġ linji ta' gwida li jkollhom is-saħħa ta' liġi. Pass pożittiv ieħor kien it-tneħħija tal-post ta' *Chief Executive* mill-kamp politiku li qabel, skond l-Ordinanza, kien jimtela mill-Prim Ministru. Illum dan il-post jimtela mill-Awtorità. Assigura il-finanzjament ta' l-Awtorità billi stabbilixxa li dħul tagħha jkun ta' 30% - li jista' jitla' sa massimu ta' 50% - tad-dħul mill-liċenzji tat-televiżjoni, imma li fl-ebda każ ma jista' jkun anqas minn Lm250,000. Din il-miżura eliminat dak li għal ħafna snin kien sors ta' nkwiet serju għall-Awtorità u qegħditha f'pożizzjoni aħjar biex tkun tista' taġixxi fl-interess pubbliku.

Sa llum qegħdin hawn. Imma n-natura tax-xandir hija waħda dinamika. Kontinwament tiġġedded, tevolvi u tespandi. Għalhekk lanqas ma għandu jkun statiku l-iżvilupp tar-rwol ta' l-Awtorità tax-Xandir. S'issa nafu fejn konna u nafu fejn qegħdin. Jeħtieġ neżaminaw bir-reqqa fejn irridu naslu.

# DISKUSSJONI

**Is-sur Reno Calleja:** L-ewwel nett xtaqt mill-ġdid nirringrazzja lill-Awtorità talli kultant żmien tagħtina opportunità li n-nies konnessi max-xandir jiltaqgħu u jaqsmu l-ideat. Ġejt bill-ħsieb li ma nagħmilx interventi għax il-politiċi inqas ma jitkellmu iktar aħjar, imma ma nistax ma nqumx meta dalgħodu smajt lill-Ministru responsabbli għax-xandir li flok għamel diskors ta' viżjoni li jgħid x'beħsiebu jagħmel il-Gvern tal-lum jew ta' għada, kif ser jirrisolvi l-kontroversja li hawn fix-xandir, għamel diskors partiġġjan mimli, fil-fehma tiegħi, ineżattezzi. Inkun qiegħed nonqos bħala rappreżentant tal-Partit Laburista, mhux biex nirrepeti l-partiġġjaniżmu, imma jekk ma nweġibx.

L-ewwel ħaġa li rrid ngħid hu li jekk il-Partit Laburista fil-Gvern kien ħati ta' żbilanċ fil-qasam tax-xandir, illum mhix eċċezzjoni. Fl-ewwel Seminar li għamlet l-Awtorità tax-Xandir fil-11 ta' Ġunju ta' l-1993 fil-*Malta Hilton*, is-segretarju ġenerali tal-Partit Nazzjonalista, Dr Austin Gatt, qal li la l-Partit Laburista daħħal l-impjegati max-Xandir aħna għandna d-dritt li ndaħħlu l-kapijiet max-Xandir. U dik kienet b'risposta għall-kritika li min inġab f'Malta biex imexxi x-xandir kien għodda f'idejn il-Partit Nazzjonalista. Din kienet id-dikjarazzjoni tas-segretarju ġenerali tal-Partit Nazzjonalista li qatt ma ġiet miċħuda mill-Gvern.

Ħalli nfakkar ukoll, li s-Segretarju Parlamentari s-sur Richard Muscat li għadu kif ġie maħtur, ġie miftiehem jgħid fil-programm *Bir-Rispett Kollu* fuq Xandir Malta li għaliex huma għandhom il-maġġoranza tal-membri tal-Parlament għandhom dritt ikollhom sopravvenza u aktar ħin fuq ix-xandir.

Mr Chairman għidtilna fi statistika li tajt, li fi żmien Gvern Laburista minn ħdax-il protesta, il-*Malta Broadcasting Authority* taħt gvern dittatorjali, gvern soċjalista, aċċetta tmienja mill-protesti. Mela allura ma kienx gvern dittatorjali, kien gvern demokratiku. U t-tnejn l-oħra aċċettathom il-Qorti biex nuru wkoll li anke l-Qorti kienet indipendenti fi żmien gvern dittatorjali u gvern soċjalista.

illum stennejt li l-Awtorità tax-Xandir tagħti statistika ta' kemm ipprotesta l-Partit Laburista llum u tgħid kemm ipprotesta fi żmien Gvern Laburista. Tajjeb li ngħidu li anke llum isiru protesti kontinwi, għaliex kull min ikun fl-Oppożizzjoni jħossu li hemm żbilanċ fix-xandir. Din hija sitwazzjoni li kienet hekk u għadha hekk. Bir-rapport li għamilna u bil-*policy* ġdida li għamilna, nisperaw li din il-kwistjoni nsolvuha, jekk mhux kollha għall-inqas parti minnha. Din il-*policy* ser jispjegha il-Kap tal-Partit Laburista aktar tard.

Ħalli nfakkar, f'każ reċenti meta l-Kummissjoni ta' l-Impjiegi taqta' kontra l-Prim Ministru li għamel diskriminazzjoni kontra s-sur Reno Camilleri, Xandir Malta din l-*item* ma xandariex u l-għada xandar il-*Press Conference* li għamel il-Prim Ministru li juri d-deċiżjoni li ħa b'riżultat ta' dik id-deċiżjoni.

Mr Chairman jiddispjaċini jekk jien ukoll kont partiġġjan, imma jien ma nistax nara lill-partit tiegħi jiġi attakkat u jien ma nweġibx għall-verità tal-fatti u wkoll biex ikun hawn il-bilanċ.

**Is-sur Maurice Mizzi:** Ma ġejniex hawnhekk biex nisimgħu xandira politika, sew minn naħa kemm minn l-oħra, u nixtieq nappella lil kulħadd biex inżommu l-politika barra minn dan is-Seminar u nimxu mas-suġġett kemm jista' jkun.

**Is-sur Joe Grima:** Mr Chairman, l-inqas ħaġa li stennejt dalgħodu li ser nibdew fuq nota daqshekk akkanita, diviżiva u politika. Jiena ħsibt li dan is-Seminar qegħdin nagħmluh biex niddiskutu l-affarijiet li jolqtuna intimament. Bħal ma taf int u bħal ma jafu l-membri ta' l-Awtorità hemm ħafna problemi wħud minnhom gravi fix-xandir illum. Irridu bil-mod il-mod naslu għal soluzzjoni għalihom.

Ħlejna ħafna ħin biex noqgħodu nisimgħu storja ta' mhux x'għamlet tajjeb l-Awtorità u x'irnexxielha tagħmel, imma kif ġiet sbattuta politikament tul is-snin minn meta twieldet. Jaf kulħadd li x-xandir, mhux hawn Malta biss imma kullimkien, huwa suġġett diviżiv. Fejn għandek għoxrin partit huwa diviżiv bejn għoxrin, fejn għandek

ħamsa huwa diviżiv bejn ħamsa u fejn għandek tnejn huwa akkanit u jaħraq. U n-nies li jidħlu għal din ir-responsabbiltà jistennew li jiġu sbattuti minn naħa għall-oħra miż-żewġ partiti li għandna.

Ir-raġuni hija ovvja għaliex, sfortunatament f'dan il-pajjiż, l-Awtorità tax-Xandir żviluppat f'organiżmu maqsum nofs b'nofs bejn iż-żewġ partiti rappreżentati fil-Parlament. Issa hemm *White Paper* li qed tipproponi li forsi dan jitbiddel. Imma s'issa din hi s-sitwazzjoni f'pajjiżna: għandna żewġ partiti, it-tnejn jirranġaw bejniethom jew jaqdu bejniethom fuq affarijiet purament politiċi. Meta l-ħuta tinten minn rasha tinten kollha, u għalhekk għandna l-problemi li għandna fix-xandir.

Jien mhux ser immur fuq dak li għidt inti Mr Chairman, għaliex tant għidt affarijiet u tant ikkwotajt ċerti dati imma ma kkwotajtx oħrajn li ma kontx naf il-*quotes* li qiegħed tagħmel għal liema perjodu qegħdin jirreferu. Din hija l-ewwel darba li smajt, kemm ilhi fix-xandir, minn mindu ġraw l-affarijiet li ġraw mill-1961 'l hawn li smajt lil xi ħadd jiddefinixxi dak li ġara, meta x-xandir għadda f'idejn il-Maltin, bħala nazzjonalizzazzjoni. Jien l-ewwel darba li smajtha li x-xandir ġie nazzjonalizzat mill-Gvern. Għaliex sa fejn naf jien min tinnazzjonalizzah ma tagħtihx nofs miljun lira. Il-kelma nazzjonalizzazzjoni għalija hija *misnomer*. Ġara dak li ġara. Ħadu *over* il-ħaddiema, imma jekk kienx spontanju jew jekk kienx organizzat, dawk il-ħaddiema li għamluha jafu jekk kienux spontanji jew jekk kienx hemm xi ħadd li instigahom biex jagħmluha jew inkella xi ħadd tagħhom xi protezzjoni minn qabel biex jagħmluha. Imma fil-fatt min kellu x-xandir f'idejh tħallas u ħa nofs miljun lira. Insejt ħaġa waħda li bejn l-1971 u 1976 qatt fl-istorja ta' pajjiżna ma kien hawn xandiriet diretti mill-Parlament daqs kemm kien hemm dak iż-żmien.

Mr Chairman inti għidt li l-post taċ-*Chief Executive* issa tneħħa mill-kamp politiku u tpoġġa f'idejn l-Awtorità tax-Xandir. Dan veru. Imma bħal ma taf inti, ċ-*Chief Executive* jappuntah il-Prim Ministru bil-konsultazzjoni mal-Kap ta' l-Oppożizzjoni. Xi kultant ikun hawn *Chief Executives* li jiġu suġġeriti mill-Oppożizzjoni, bħal ma jkun hawn *Chairmen* li jiġu suġġeriti mill-Oppożizzjoni, ma jiġux suġġeriti mill-Gvern

u jaċċethom il-Prim Ministru. Imma l-prattika kienet dejjem li dan kien kamp, kif titlob il-Kostituzzjoni, li huwa tat-tnejn. Veru li l-Prim Ministru jappunta imma dejjem b'konsultazzjoni mall-Kap ta' l-Oppożizzjoni. Il-fatt li ċ-*Chief Executive* illum jiġi appuntat mill-Awtorità, fl-opinjoni tiegħi, huwa aħjar, għaliex forsi noħorġu mill-kamp politiku, imma ma ninsewx li anke meta tappunta l-Awtorità hemm żewġ membri ta' partit u żewġ membri ta' partit ieħor. Jiġifieri, ma nafx kemm qed tappunta l-Awtorità u mhux il-partiti u mhux il-Gvern għaliex xorta bqajna fl-istess kamp: tnejn minn naħa u tnejn minn oħra.

# Il-Pluraliżmu fix-Xandir: Tamiet imwettqa?



## LAURENCE MIZZI

*Chairman*
*ta' l-Awtorità tax-Xandir 1989 u 1993*

Is-sur Laurence Mizzi kien maħtur *Chairman* ta' l-Awtorità tax-Xandir f'Lulju ta' 1989. Huwa kien membru ta' l-Awtorità sa mill-1986. Is-sur Mizzi għandu esperjenza ta' iktar minn 40 sena fix-xandir bħala kittieb, producer u preżentatur. Huwa okkupa l-post ta' *Schools Broadcasting Organiser* għall-ħafna snin wara li attenda kors ta' taħriġ barra minn Malta f'dik li hi produzzjoni għat-televiżjoni. Is-sur Mizzi kien għalliem u fis-servizz ċivili u llum huwa nvolut fil-ġurnaliżmu. Huwa wkoll awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet.

Laurence Mizzi

## Il-Pluraliżmu fix-Xandir: Tamiet Imwettqa?

Daqqa ta' għajn lejn il-*White Paper* li ħarġet f'Settembru 1990 turina li l-għan ewlieni tal-Gvern kien dak li jintemm il-monopolju ta' l-Istat kemm fil-qasam tat-televiżjoni kif ukoll f'dak tar-radju.

Fil-qasam tat-televiżjoni il-monopolju kellu jintemm bid-dħul tal-*Cable TV*, li fost l-għadd ta' kanali kellu jkun hemm tnejn bi produzzjonijiet lokali; wieħed immexxi mill-Awtorità tax-Xandir u l-ieħor imħaddem "flimkien mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni."

Il-monopolju fil-qasam tar-radju kellu jintemm bil-ħruġ ta' disa' liċenzji għal stazzjonijiet nazzjonali, minbarra tnejn allokati lil PBS; u għal radjijiet tal-komunità li l-għadd tagħhom ma kienx stipulat iżda li skond tagħrif li kellna fl-Awtorità, dak iż-żmien, dan l-għadd seta' jitla' anke sa mitt wieħed.

It-taqsima tax-xandir li sa mill-1975 kienet tagħmel parti minn Telemalta kellha tinqata' għaliha, issir kumpanija ġdida, *limited liability company* u tieħu l-isem ta' *Public Broadcasting Services Ltd.*

Għan ieħor tar-riforma kien it-titjib fil-"livell professjonali tekniku ta' produzzjoni u ġurnalistiku tax-xandir pubbliku f'Malta."

Ir-riforma mnedija kellha wkoll l-għan li ssaħħaħ l-Awtorità tax-Xandir biex din tkun tista' taqdi l-funzjoni tagħha bis-setgħat ġodda li ngħatawlha. Fost dawn is-setgħat hemm it-tmexxija ta' kanal televiżiv fuq *Cable TV*; l-għoti tal-liċenzji lir-radjijiet u (aktar tard kien maħsub) lit-televiżjoni u l-ħruġ ta' twissijiet u sanzjonijiet. Malli l-pjani tal-Gvern ġew ippubblikati kien hemm reazzjoni li, bħas-soltu f'pajjizna, kienet maqsuma min-nofs b'mod prevedibbli. Din ir-reazzjoni baqgħet tidwi għal xhur sħaħ

fl-istampa u d-dibattitu dwarha laħaq il-qofol tiegħu fil-Parlament. Imbagħad wara 22 seduta, l-Abbozz li tressaq għall-ewwel darba fit-8 ta' Marzu 1991 sar Liġi f'Ġunju ta' wara.

Ħassejt li f'dan id-daqsxejn ta' eżerċizzju m'għandix noqgħod biss fuq id-dokumenti uffiċjali, iżda nara wkoll x'kienu qed jistennew uħud minn dawk li kitbu jew tkellmu favur il-pluraliżmu, u x'kienu qalu wkoll jew kitbu dawk li kienu kontrih.

Nidbew b'dawk favur.

1. Il-pluraliżmu, bit-tmiem tal-monopolju ta' l-Istat, ser jipprovdi aktar ilħna, aktar għażla, aktar demokrazija.
2. Il-pluraliżmu ser jagħti x-xandir lura lill-poplu.
3. Ix-xandir pubbliku, b'riżultat tal-kompetizzjoni ser jagħmel qabża fil-kwalità.
4. Iċ-ċittadin ser jitqies aktar matur u ser jingħata mikrofonu biex ikun jista' jsemmgħa leħnu.
5. Ser tonqos il-pressjoni fuq TVM.
6. Ser jikbru l-opportunitajiet ta' impjiegi fil-qasam tax-xandir.
7. Ser ikun hemm inqas polarizzazzjoni u inqas partiġjaniżmu fix-xandir u iżjed programmi intelliġenti ta' informazzjoni, edukazzjoni u divertiment.
8. F'Malta hawn talent biżżejjed għall-għadd ta' stazzjonijiet li mistennija jiftħu.
9. Ir-radju tal-komunità ser ikun mezz ieħor aċċessibbli għal kulħadd u jista' jintuża minn gruppi, skejjel u għaqdiet.

Niġu għal kontra issa. Fost il-beżgħat, li bħat-tamiet ġew imfissra kemm fl-istampa kif ukoll fil-Parlament, insibu dawn li ġejjin:

1. Dan hu pluraliżmu biss għal min għandu l-mezzi; fil-fatt hu monopolju ta' min għandu l-flus.
2. Il-pluraliżmu ser ikabbar il-firda; l-abbużi ser jikbru għaxar darbiet.
3. Ma hawnx biżżejjed flus għar-reklamar għal għaxar stazzjonijiet.
4. Mhux ser ikun possibbli għall-Awtorità tax-Xandir biex tikkontrolla għaxar stazzjonijiet.

5. Il-liġi tax-xandir ser toħloq diskriminazzjoni għax il-biċċa l-kbira ta' dawk li jridu stazzjon tar-radju ser jibqgħu mingħajru.
6. Ma hawnx nies biżżejjed kompetenti fil-qasam tax-xandir għal għadd hekk kbir ta' stazzjonijiet.
7. Il-pluraliżmu ser jhedded lill-PBS u l-ħaddiema tiegħu.

Kemm minn dawn it-tamiet u l-beżgħat nistgħu ngħidu llum, tlett snin wara (erba' mindu għaddiet il-liġi) ġew realizzati? Nibdew b'dak li jista' jitkejjel.

Il-frekwenzi tar-radju li l-Gvern qiegħed għad-disposizzjoni ta' l-Awtorità kollha ġew allokati u kull min applika għal liċenzja ħadha, anzi ħaduha aktar milli kien hemm frekwenzi għaliex waħda minnhom inqasmet bejn il-MAS u r-Radju ta' l-Università. Għalhekk ma saret l-ebda diskriminazzjoni fl-għoti tal-liċenzji kif kien hemm min bassar li ser jiġri.

Fejn jidħol ir-radju komunitarju, minkejja li l-Pjan Nazzjonali tax-Xandir ried li dawn ikollhom regolamenti mill-inqas u minkejja li l-ispejjeż għall-ftuħ u t-tmexxija ta' stazzjon komunitarju m'humiex kbar, l-Awtorità ntalbet toħroġ liċenzja waħda biss li kienet maħsuba li tkun permanenti. Dan ir-radju beda jxandar f'April ta' l-1993, iżda wara xahrejn għalaq.

Liċenzji temporanji maħsuba sa mill-bidu biex ikopru perjodu ta' żmien limitat sa issa ngħataw tlieta. Dawn, li nfetħu għal skop ta' ġbir ta' fondi għall-karità jidher li laħqu l-għan tagħhom għax f'xi każi l-esperiment irrepeta ruħu. Dan kollu juri li t-tamiet dwar ir-radju komunitarju tista' tgħid baqgħu ma ġewx realizzati, ħlief għall-ftit eċċezzjonijiet li għadni kemm semmejt.

Għar-rigward tar-riforma fix-xandir ta' l-Istat infakkar li f'Settembru 1991 Xandir Malta nqata' minn mat-Telemalta u sar kumpanija awtonoma bl-isem ta' *PBS Ltd.* U għall-inqas f'din il-ħaġa l-objettiv intlaħaq.

Fejn jidħol il-pluraliżmu fil-qasam televiżiv wieħed jista' jgħid mingħajr biża' li jiżbalja li sa ċertu punt sar aktar milli kien maħsub. Għax waqt li l-Pjan Nazzjonali kien qed jipprevedi li sa l-ewwel erba' snin mid-dħul tiegħu l-pluraliżmu f'dan il-qasam kellu jfisser biss il-ftuħ tal-*Cable TV* u mbagħad wara erba' snin jiġi deċiż jekk jingħatawx aktar liċenzji televiżivi terrestri. Kif kulħadd jaf fl-1993 saret emenda fil-liġi li bis-saħħa tagħha twieled *Super One TV.* (L-inizjattiva, kif hu magħruf, kien ħadha l-MLP). Applikazzjonijiet oħra għadhom pendenti quddiem l-Awtorità li trid tħoll il-problemi tekniċi qabel tassenja l-ftit frekwenzi li għad iridu jingħatawlha.

Ta' min ifakkar li kanal komunitarju ta' l-Awtorità u ieħor imħaddem "flimkien mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni" fuq *Cable TV* sa issa għadhom ma bdewx joperaw. Din is-sitwazzjoni tidher li ser tinbidel fix-xhur li ġejjin. Ta' min isemmi wkoll li f'Ottubru li għadda l-Awtorità tat liċenzja lil *Smash TV* biex jopera fuq il-*Cable TV.* Għalhekk, kollox ma' kollox, wieħed jista' jgħid li fejn jidħol il-pluraliżmu televiżiv l-objettivi kollha tal-pjan ġew realizzati u kif ġa semmejna anke sorpassati.

Mela llum f'pajjiżna għandna tnax-il stazzjon nazzjonali tar-radju, żewġ stazzjonijiet televiżivi terrestri u *Cable TV* li dalwaqt ikollu żewġ kanali oħra oriġinati f'Malta. Nistgħu allura ngħidu li llum tassew għandna aktar ilħna, aktar għażla, aktar libertà? Nistgħu ngħidu li l-monopolju ta' l-Istat indifen? Ma naħsibx li t-tweġiba trid wisq biex tasal għaliha. Imma qegħdin il-mezzi li għandna joffru spazju adegwat lil kull min irid isemma' leħnu fil-libertà, fuq x'hiex irid, hu min hu u hi x'hini l-fehma tiegħu, ġej minn liema klassi ġej? Jew dawn il-mezzi huma monopolizzati mill-ftit li għandhom il-flus u s-setgħa - kif kien hemm min qal li ser jiġri?

Min jisma' mqar ftit stazzjonijiet tar-radju - hi x'inhi x-xeħta jew x-xaqliba tiegħu - għandu jibqa' impressjonat bil-programmi li jeżistu li fihom tista' tgħid ħafna drabi jipparteċipaw nisa u rġiel ta' kull età u kundizzjoni li jesprimu fehmthom fuq kull suġġett, mhux l-inqas fuq suġġetti kontroversjali li jmissu mal-politika u anke mat-twemmin. Il-biċċa l-kbira ta' l-istazzjonijiet għandhom programmi diretti li fihom jieħdu sehem is-semmiegħa, anzi nista' ngħid li qed iżommu bil-parteċipazzjoni

tagħhom. Infatti kull tant inħoss li morna fl-estrem l-ieħor.

Ħafna qed jaħtfu l-opportunità ġdida, il-mikrofonu li qed jiġi offrut lilhom u qed jiftħu ħalqhom anke meta ftit li xejn ikollhom xi jgħidu bis-sugu. Kultant anke ġieli xxandar materjal dubbjuż li qarreb lejn l-offensiv. Iżda dan huwa riskju li ried jittieħed; prezz li ried jitħallas għal-libertà li waslet mal-ftuħ ta' tant stazzjonijiet.

Mill-banda l-oħra nħoss dawk inkarigati qed iserrħu wisq fuq programmi ta' din ix-xorta. Ngħiduha, huwa ħafna aktar faċli ttella' programm ta' din l-għamla milli tipproduci *feature* li jkun magħmul minn tiżwieqa ta' kitba, forsi wkoll riċerkata, b'ilħna ta' parteċipanti mħarrġa li jafu s-sengħa tagħhom. U għalkemm programmi ta' din ix-xorta m'humiex esklużi għal kollox minn xi radjijiet privati, żgur li huma l-eċċezzjoni u mhux ir-regola. Kuntrarjament għall-programmi mużikali li għalihom ħafna mill-istazzjonijiet jiddedikaw il-biċċa l-kbira tal-ħin u ta' l-ipprogrammar. Hemm ukoll programmi ta' diskussjoni u sintendi l-aħbarijiet.

Kemm stazzjon jagħmel minn tip ta' programm u mhux minn ieħor jiddependi, jew suppost jiddependi, mill-karattru tiegħu. Diġà sentejn ilu, waqt l-ewwel seminar ta' din ix-xorta organizzat mill-Awtorità, kien hemm min ilmenta li r-radjijiet kienu qed isiru jixbħu wisq lil xulxin. Minn dak in-nhar il-qagħda marret għall-agħar. Ħafna stazzjonijiet għamlu tibdil sostanzjali (u mhux għall-aħjar) fl-istil u t-tip ta' programmi li jippreżentaw minn dak li kienu jagħmlu għall-bidu li kienu jxandru. Ċerti programmi sparixxaw għal kollox u ġew sostitwiti bil-mużika. Konferma ta' dan tinstab fit-taqsima *Performance Reviews 1994* ppubblikata fir-Rapport ta' l-Awtorità għal din is-sena. Fil-messaġġ tiegħu li jinsab fir-Rapport, iċ-*Chairman* fost ħwejjeġ oħra qal hekk: "*.... local broadcasting stations must now face up to the fact that pluralism was intended to offer the public a wide choice of programming at a consistently acceptable level. Listeners and televiewers have every right to expect this and the Authority has every intention to see that they get it.*"

L-Awtorità m'għandiex triq oħra x'tagħmel għajr li tiżgura l-varjetà mwiegħda mill-

istazzjonijet meta applikaw għal-liċenzja. Għax jekk ir-radjijiet tassew jiġu kollha, jew kważi kollha, jinstemgħu bħal xulxin, xi pluraliżmu jkun dan?

Biża' ieħor li ntwera għall-bidu kien dwar il-polarizzazzjoni. Għalkemm din hija diffiċli biex tkejjilha, nazzarda ngħid li dak li kien intqal li bir-radjijiet f'idejn il-partiti din kienet ser tiżdied, ma naħsibx li sar realtà. Jidhirli li meta radju politiku ta' naħa jagħti spazju lil kelliema jew esponenti ta' naħa oħra; meta fuq radju politikament newtrali jinstemgħu kelliema ta' żewġ jew tlett partiti jew naħat jiddiskutu kull suġġett immaġinabbli, dan iħalli effett pożittiv fuq is-semmiegħa; biex ma nsemmux il-fatt li r-radjijiet għenu biex tonqos ċerta attività politika fit-toroq bħal ma huma *mass meetings*. Jekk din it-tendenza tibqa', il-pluraliżmu ser ikun tassew irnexxielu jnaqqas u mhux iżid il-polarizzazzjoni. U dan minkejja li l-bulettini ta' l-aħbarijiet taż-żewġ radjijiet politiċi m'humiex li tgħidilhom xempju ta' imparzjalità u bilanċ.

Tajjeb wieħed ifakkar hawnhekk, biex inkun ġust, li l-leġislatur mill-ewwel ma riedx li l-liġi teżiġi li kull stazzjon privat ikun imparzjali - u fejn ikun il-każ - bilanċjat. L-imparzjalità u l-bilanċ, kien qal, jintlaħqu fuq il-medda kollha tar-radjijiet. Wieħed jibbilanċja lill-ieħor. Ħaġa li l-Awtorità ta' żmieni ma kenitx qablet magħha, għat-tajjeb u għall-ħażin. Illum kollox jindika li qed isir dak li kellu f'rasu l-legislatur bil-kunsens ta' l-Awtorità preżenti.

Apparti mill-imparzjalità u l-bilanċ, jiena nħoss li ħafna mill-istejjer politiċi li jixxandru fuq l-istazzjonijiet tal-partiti jiġbdu wisq fit-tul. Anke fejn jidħlu interventi permezz ta' intervisti u *voice clips* dawn ħafna drabi ma jibbastaw u jintemmu qatt, meta kull ma jkun meħtieġ ħafna drabi tkun sentenza jew tnejn tal-qofol.

Nuqqas ieħor li ġieli bir-raġun ilmentat minnu l-Awtorità hu li ma jkunx hemm biżżejjed distinzjoni bejn fatti u opinjoni. Dan, apparti konsiderazzjonijiet oħra, mhux ġust mas-semmiegħ li jista' jispiċċa mħawwad - biex ma ngħidx manipulat.

Il-qari ta' l-aħbarijiet fuq numru ta' stazzjonijiet jagħti lok għall-kritika għax isir b'mod

dilettantesk, kultant imbarazzanti, minn qarrejja li jidher ċar li jkunu tressqu quddiem il-mikrofonu mingħajr wisq taħriġ; uħud mill-ilħna li ġieli jinstemgħu m'humiex tajba u ma jmesshom qatt jitħallew jinstemgħu. Naturalment xandara tajba ma jaqgħux mis-sema. Il-komunikazzjoni bix-xandir hi sengħa li tiġi mgħallma lil min ikollu dan it-talent. Għalhekk il-ftuħ ta' Akkademja għax-Xandara mħabbar fl-aħħar Rapport ta' l-Awtorità għandu jgħin biex ma jibqgħux jinstemgħu t-tip ta' lmenti li għadni kemm għamilt. Żmien x'jintilef ma hemmx.

Kollox ma' kollox naħseb li wieħed jista' jgħid li fejn jidħlu l-bulettini ta' l-aħbarijiet, il-pluraliżmu għen biex titneħħa r-riġidezza li konna ilna s-snin biha; daħħal xi ideat ġodda, bħal per eżempju kuntatti diretti bit-telefon; u fuq kollox (għall-inqas hekk naħseb jien) għen biex tonqos il-polarizzazzjoni. Għalhekk f'dan ir-rigward hija l-fehma tiegħi li t-tamiet li kienu tfissru ġew realizzati.

Mill-banda l-oħra t-tama li għax ser ikun hawn il-kompetizzjoni l-livell tax-xandir kien ser jogħla ma naħsibx li ġiet realizzata; il-livell ta' għadd ta' stazzjonijiet li għall-bidu kien x'aktarx promettenti tbaxxa sew mhux tjieb jew għola. Ħaġa, din, li bir-raġun qed tippreokkupa liil-Awtorità kif joħroġ mill-aħħar Rapport.

Tama oħra li spiċċat fix-xejn hija dik dwar l-impjiegi. Għall-bidu l-istazzjonijiet offrew għaxriet ta' impjiegi li qabel ma kienux jeżistu. Iżda bil-mod il-mod, minħabba raġunijiet ta' ekonomija dawn l-impjiegi flok kibru u żdiedu ġralhom bil-maqlub - naqsu; f'xi każi anke drastikament.

Dan ifisser li beżgħat li kienu fissru xi wħud li f'pajjiżna ma hawnx dħul mir-reklamar biżżejjed għall-*media* kollha li hawn speċjalment wara d-dħul tal-pluraliżmu, kienu bażati fuq realiżmu. Infatti ninsab mgħarraf li għalkemm l-infiq fir-reklamar fuq il-*media* kollha jiżdied b'madwar 5% kull sena, id-dħul reali għall-istazzjonijiet tar-radju naqas bejn 30% u 40%. L-istazzjonijiet raħħsu b'mod qawwi dak li għall-bidu kienu jiċċarġjaw għar-reklami. L-i*spots* ħafna minnhom illum iqumu terż ta' dak li kienu jqumu tlett snin ilu.

Għalhekk jidher li l-aspettattivi dwar l-impjiegi u d-dħul ta' flus mir-radjijiet privati ma jidhirx li ġew realizzati.

Ngħaddu issa għax-xandir pubbliku. Kemm mill-ħolm, mill-aspettattivi dwaru ġew realizzati?

Il-Pjan Nazzjonali jgħid fost ħwejjeġ oħra li s-servizzi pubbliċi għandhom jikkonċentraw fuq il-livelli għolja ta' edukazzjoni ta' l-impjegati, waqt li jipprovdulhom taħriġ minn żmien għal żmien. Dawn is-servizzi, jkompli l-Pjan għax-Xandir, iridu jaddottaw metodi ta' produzzjoni fil-programmi u bulettini ta' aħbarijiet li huma jridu wkoll jikkunsidraw li jqassmu x-xogħol ta' produzzjoni u servizzi oħra lil *studios* u *producers* u kumpaniji barra skond l-esiġenzi tal-mument jew fuq bażi kontrattwali oħra sakemm dawn jilħqu l-livell meħtieġ.

Il-Pjan għax-Xandir jitkellem ukoll dwar id-dmir li għandu x-xandir pubbliku li jipprovdi, "aħbarijiet u programmi ta' avvenimenti korrenti li jirrispettaw il-ħtiġijiet kostituzzjonali ta' imparzjalità". Il-Pjan jgħid ukoll li s-servizzi jridu jkunu ta' kwalità f'dawk li huma programmi, aħbarjiet u analiżi. X'sar minn dan kollu?

Fejn għandhom x'jaqsmu l-faċilitajiet tekniċi żgur li sar ħafna kemm fil-qasam tar-radju kif ukoll f'dak televiżiv. F'dan ta' l-aħħar sar espansjoni ta' l-i*studio* prinċipali tat-televiżjoni u tiġdid ta' ħafna apparat. Naturalment ma sarx kollox - għad baqa' x'isir.

Dwar il-livell ta' edukazzjoni li minnu jitkellem il-Pjan, hi ħaġa ċara li dan jista' japplika biss għall-impjegati ġodda. Nifhem li ħaddiema *full time* ġodda ma' PBS ftit ġew impjegati u dawn kollha marru mat-Taqsima ta' l-Aħbarijiet.

Dwar it-taħriġ minn żmien għal żmien li jissemma, ma jidher li sar xejn fuq bażi interna. Jien mgħarraf li PBS - bħal ħafna stazzjonijiet privati - lanqas bagħat nies minn tiegħu għall-kors ta' taħriġ li l-Awtorità flimkien ma' *Strickland Foundation*

organizzat is-sena l-oħra. Madankollu kien hemm xi membri tat-Taqsima ta' l-Aħbarijiet li attendew korsijiet ta' taħriġ barra minn Malta li minnhom ma setgħux ma jibbenefikawx. Bħal ma żgur li ibbenefikaw dawk li marru u għadhom f'pajjiżi barranin biex jibgħatu servizzi waqt żjarat uffiċjali.

Rigward li PBS jibda jagħti xogħol ta' produzzjoni u servizzi oħra lil *studios*, *producers* u kumpaniji privati, dan issa ilu żmien li beda jitwettaq. Għadd ta' programmi li regolarment jixxandru fuq TVM fil-fatt jinħadmu barra, fi *studios* kummerċjali.

Fejn jidħol metodu ta' produzzjoni fil-bulettini ta' l-aħbarijiet wieħed jista' jgħid mingħajr tlaqlieq li sar titjib sostanzjali u tanġibbli f'dan il-qasam. Ċerti stejjer qed jiġu trattati b'ħafna aktar oriġinalità u immaġinazzjoni. Illum minbarra n-*newscaster* u l-filmati qed ikollok kummenti u intervisti regolarment fuq il-post fejn tkun qed isseħħ il-ġrajja li tkun qed tiġi rappurtata. Dan idaħħal lil min ikun qed isegwi, fl-atmosfera u jagħmel il-preżentazzjoni bla dubju aktar ħajja u aktar interessanti.

It-trattament ta' suġġetti varji fid-dettal fit-taqsima *Zoom* u fir-rubrika *Meridjan* jkompli jagħti servizz sħiħ lit-telespettatur. Dawn li semmejt huma kollha aspetti pożittivi li għandhom jagħtu sodisfazzjon lil min introduċiehom u wkoll lil dawk li jagħtu sehemhom biex ikunu implimentati jum wara l-ieħor.

Fost aspetti negattivi nsemmi l-fatt li xeba' jissemma, ċioè dak li l-bulettini ta' l-aħbarijiet għadhom dominati wisq minn dak li jiġri fix-xena politika u mill-qasam trejdjunjonistiku. L-istatistika titkellem waħedha.

Mir-rapporti ta' l-Awtorità joħroġ li fl-1990, 57.8% ta' l-aħbarijiet kienu dwar attivitajiet governattivi u attivitajiet jew stqarrijiet tal-partiti politiċi jew tal-unions.

Fl-1991 din il-figura niżlet għal 53.9%.

Fl-1992, is-sena ta' l-elezzjoni, kompliet tonqos u niżlet għal 45.5%. Konna ser nibdew nieħdu n-nifs.

Fl-1993, is-sena ta' wara, meta allura l-istazzjonijiet tal-partiti kienu ngranaw, reġgħet bdiet tiela' u saret 48%.

Is-sena l-oħra (1994) kompliet tiela' u laħqet 52% jew biex inkun eżatt 51.9%.

Dan ifisser li aktar minn nofs l-*items*, probabbli wisq aktar minn nofs, il-ħin kien dedikat għal rapporti dwar attivitajiet jew stqarrijiet tal-Gvern, tal-partiti politiċi u tal-unions - żgur mhux kollha kellhom strettament valur ta' aħbar. Wisq nibża' li l-Kamra ta' l-Aħbarijiet ta' PBS għadha kondizzjonata (biex ma nużax kelma iktar iebsa) minn normi li daħħlet hija stess fi żminijiet xejn feliċi għax-xandir f'pajjiżna.

Naturalment imqabbel ma' żminijiet oħra sar ħafna progress f'dan ir-rigward; iżda għad baqa' xi jsir. Nifhem id-diffikultajiet li jiffaċċjaw il-ħaddiema tal-PBS, (qiegħed nirrepeti dak li għidt sentejn ilu, anke jekk kont mifhum ħażin), nifhem id-diffikultajiet li jħabbtu wiċċhom il-ħaddiema speċjalment meta ssir pressjoni fuqhom minn diversi bnadi. Iżda jeħtieġ aktar kuraġġ. Aktar professjonaliżmu. Aktar rispett lejn il-valur veru ta' l-aħbar jekk irridu nilħqu l-livell internazzjonali msemmi fid-dokument.

Minħabba f'dan li għadni kemm għidt, inħoss li t-tama mfissra li l-ftuħ ta' ħafna stazzjonijiet, speċjalment dawk immexxija mill-partiti politiċi, kien ser inaqqas il-pressjoni fuq PBS, ma ġietx realizzata.

Fejn tidħol l-imparzjalità nemmen li kollox ma' kollox il-bulettini ta' PBS huma imparzjali. Sfortunatament ta' spiss jidher sforz biex idaħħlu bilanċ fejn ma jeżistix, superfiċjali, l-aktar bejn iż-żewġ qasmiet politiċi ewlenin. U għax ma jeżistix, fil-fehma tiegħi, mhux aċċettabbli.

Apparti dawn hemm ħwejjeġ oħra li jagħtu lok għal kritika li m'iniex ser noqgħod insemmi hawnhekk.

Fejn jidħlu programmi oħra apparti l-aħbarijiet, jien inħoss li TVM jista' jagħti aktar

produzzjonijiet lokali milli issa ilu jagħti f'dawn l-aħħar snin. Għalkemm skond l-aħħar ċifri maħruġa mill-Awtorità 42.5% tal-ħin fuq TVM hu dedikat għal produzzjonijiet lokali, inkluż l-aħbarijiet u programmi ta' ġrajjiet korrenti, jien ngħid li jekk tieħu l-programmi bħala tali, cioè bħala numru, dak li hu mtella' Malta paragunat ma' dawk importati, jirrappreżenta perċentwali bil-wisq aktar baxxa.

Kwart ta' seklu ilu t-telespettatur Malti a paragun kellu aktar programmi mtellgħin lokalment, maħsuba għall-gosti tal-Maltin milli għandu llum: programmi tat-tfal, programmi għaż-żgħażagħ, teledrammi, programmi mużikali, ta' mogħdija ta' żmien, dokumentarji.

Veru li f'dawn l-aħħar snin iddaħħlu ċ-*chat shows* li ħafna drabi jqajmu nteress għax huma kontroversjali. Iżda ma naħsibx li nkunu qed nagħtu servizz sħiħ lill-poplu jekk nixħtu l-enerġiji kollha tagħna u anke l-flus fuq dawn it-tipi ta' programmi u ninsew oħrajn li jappellaw għall-gosti ta' kulħadd.

L-aħħar daqqa ta' għajn xieraq li nagħtuha lill-Awtorità tax-Xandir. Intqal fid-dokumenti li r-rwol ta' l-Awtorità u l-funzjonijiet tagħha ser jitwessgħu. Barra mill-poteri li l-Awtorità diġà kellha, ngħatat ukoll is-setgħa li talloka kanali fuq *Cable TV*, minbarra dawk il-poteri li diġà għamilt referenza għalihom. Ingħatat ukoll is-setgħa li "tagħti twissijiet formali u informali" u li "tkun tista' tinsisti u tingħata traskrizzjonijiet tar-registrazzjonijiet tal-programmi" u bħala konsegwenza ta' dak li jirriżultalha mill-eżami tar-*recordings*, l-Awtorità għandha s-setgħa li tissospendi jew tqassar il-perjodu li għalih tkun valida l-liċenzja.

Biex tagħmel dan kollu l-Awtorità naturalment teħtieġ nies u fondi. Il-liġi tax-xandir ħasbet għall-fondi. Illum l-Awtorità qed tirċevi ħafna iżjed fondi biex tkun tista' tidħol għar-responsabbiltajiet mitluba minnha. Allura b'dan qed infisser li l-Awtorità tinsab f'qagħda li tista' tissorvelja b'mod effiċjenti dak kollu li jxandru tnax-il stazzjon tar-radju, żewġ stazzjonijiet terrestri tat-TV (għal issa) u fl-istess ħin tipproduċi l-programmi tas-soltu u magħhom torganizza u tipproduċi programmi fuq il-kanal

televiżiv komunitarju tagħha fuq *Cable TV*? Biex ma nsemmix il-*monitoring* u l-investigar u ħidma oħra marbuta ma' l-ilmenti li jaslulha f'għadd konsiderevoli (imqar jekk dawn naqsu) fil-biċċa l-kbira tagħhom mill-partiti politiċi?

U xi ngħidu għat-twissijiet "formali u informali" u s-setgħat l-oħra li ngħatat mil-Liġi tax-Xandir biex ma nsemmix obbligi oħra ġodda? Kemm hija f'qagħda l-Awtorità li tieħu azzjoni, passi konkreti meta inizjattivi tagħha favur l-osservanza tal-liġi jiġu injorati, kif ġieli ġew? Forsi ta' min jistaqsi: ftit snin biss wara d-dħul tiegħu, bdejna nintebħu - jekk bdejna - li l-pluraliżmu u Awtorità tax-Xandir kif tnisslet 34 sena ilu huma inkompatibbli? Tgħid wasal il-waqt li nagħtu ħarsa ġdida issa lejn l-Awtorità, nibdew mill-mod ta' kif inhi komposta (tnejn u tnejn) u nibqgħu sejrin sal-funzjonijiet li trid taqdi llum f'kuntest għal kollox differenti minn dak li kien jeżisti fl-1961 meta l-uniku mezz tax-xandir f'pajjiżna kien stazzjon wieħed tar-radju fuq il-*cable* u jinqabad biss mill-abbonati?

Id-deċiżjoni f'idejkom, sinjuri.

# Il-Fehmiet ta' l-Alternattiva Demokratika



## Dr Wenzu Mintoff
*Chairperson*
*Alternattiva Demokratika*

Twieled fl-11 ta' Diċembru tal-1959 u ħa l-edukazzjoni tiegħu fil-Liċeo u fil-Kulleġġ De La Salle. Ħa d-Diploma ta' Nutar Pubbliku mill-Università ta' Malta fl-1982 u ggradwa bħala avukat fl-1984. Ħadem bħala avukat għal xi żmien fl-Uffiċju ta' l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika, fil-*Legal Office* tal-*Mid-Med Bank* u fil-preżent jokkupa l-pożizzjoni ta' *Legal Advisor* mal-*Malta Development Corporation.* F'Ġunju tal-1987 ġie elett f'elezzjoni każwali bħala deputat parlamentari f'isem il-MLP. Għal xi żmien okkupa l-pożizzjoni ta' *Whip* u Segretarju tal-Grupp Parlamentari Laburista sakemm f'April tal-1989 ta r-riżenja tiegħu minn dawn il-karigi minħabba diverġenzi politiċi mat-tmexxija tal-MLP. Wenzu Mintoff huwa wieħed mill-fundaturi ta' l-Alternattiva Demokratika fejn jokkupa l-kariga ta' *Chairperson.*

## Dr Wenzu Mintoff

## Il-Fehmiet ta' l-Alternattiva Demokratika

Ma hemmx dubju li erbgħa u tletin sena mit-twaqqif ta' l-Awtorità tax-Xandir, huwa xieraq li jsir dibattitu dwar ir-rwol li għandu jkollha din l-istituzzjoni. Huwa importanti li dan id-dibattitu jsir fi sfond aktar wiesgħa ta' x'riformi istituzzjonali huma meħtieġa biex il-Kostituzzjoni tagħna tkun tirrifletti bl-aħjar mod possibbli l-esiġenzi u l-aspettativi ta' soċjetà moderna u demokratika għal aktar trasparenza u *accountability* f'sistema ta' *checks and balances* bejn l-organi differenti ta' l-Istat.

Wieħed ma jridx jinsa wkoll li matul l-erbgħa u tletin sena li għaddew minn fuq l-Awtorità tax-Xandir, inbidel radikalment il-kuntest li din trid topera fih. Minn sitwazzjoni ta' monopolju li kien igawdi operatur barrani tax-xandir fis-snin sittin, fil-bidu tas-snin sebgħin għaddejna għal sitwazzjoni ta' kważi monopolju meta l-Awtorità tax-Xandir stess kellha l-istazzjonijiet tar-radju tagħha jikkompetu mal-*Cable Radio*. Sussegwentement is-snin tmenin dawn wasslu għall-monopolju assolut ta' l-Istat bid-deġenerazzjonijiet u sitwazzjonijiet xejn pjaċevoli li dan ġab miegħu. Lejn bidu tad-disgħinijiet assistejna għal fenomenu tal-'privatizzazzjoni' ta' numru ta' frekwenzi. 'Il quddiem ngħid għalfejn f'dan il-kuntest nippreferi l-kelma 'privatizzazzjoni' flok pluraliżmu. Huwa ovvju li r-rwol li tfassal għall-Awtorità tax-Xandir fi żminijiet mbegħda m'għandux ikun neċessarjament identiku għall-funzjonijiet li l-Awtorità għandha taqdi fiċ-ċirkostanzi radikalment mibdula tal-lum. Premessa oħra li xtaqt nagħmel qabel ma nipprova nidħol fil-qalba tas-suġġett huwa l-kuntest soċjo-politiku li kellhom joperaw fih entitajiet kostituzzjonali bħall-Awtorità tax-Xandir li suppost għandhom l-indipendenza ta' l-uffiċċju tagħhom imħarsa bil-Kostituzzjoni tal-1964. Esperjenza post-kolonjali fl-iżvilupp demokratiku relattivament qasira flimkien maċ-ċokon tal-pajjiż huma fost il-fatturi ewlenin li fil-fehma tiegħi għamluha diffiċli għal dawk li jservu fuq dawn l-organi kostituzzjonali li dawn jaġixxu u jidhru li qed jaġixxu mingħajr biża' jew favur u mingħajr ma jiġu ittimbrati politikament.

Sfortunatament id-demokrazija f'pajjiżna għadha ma laħqitx dak il-grad ta' żvilupp fejn il-pubbliku jkollu fiduċja f'dawk li jokkupaw kariga istituzzjonali li dawn ma jagħmilx bihom il-preġudizzju politiku jew xi interess ta' tip ieħor. Anki l-mod kif tiġi komposta l-Awtorità tax-Xandir skond il-prattika kostanti, b'żewġ nomini mill-Gvern u tnejn oħra mill-Oppożizzjoni, jagħmilha diffiċli għal membri ta' l-istess Awtorità li dawn jasserixxu l-awtonomija tagħhom mill-partit li jkun innominahom. Mhux fil-każ ta' l-Awtorità tax-Xandir biss, is-soluzzjoni (hekk imsejħa soluzzjoni) tan-nomini nofs bin-nofs, m'hi soluzzjoni xejn għax fil-waqt li dan l-arranġament jista' jissalvagwardja l-interessi immedjati tal-partiti li jkunu rappreżentati, mhux bilfors jiżgura li jiġi mħares l-interess aktar wiesa' tas-soċjetà b'mod ġenerali.

Ironikament fl-istess żmien li anki f'Malta kliem bħal *accountability*, *watchdog* u viġilanza saru *buzz words*, hawn min qed isostni li r-rwol ta' l-Awtorità tax-Xandir bħala viġilanti u *watchdog* fuq ix-xandir f'pajjiżna, dan ir-rwol huwa sorpassat u għandu jispiċċa. Tant hu hekk f'seminar organizzat mill-Awtorità s-sena li għaddiet l-Onorevoli Evarist Bartolo[1] kien argumenta li l-Awtorità "hija makkinarju *obsolete* avolja qegħda fil-Kostituzzjoni ... għandna ħafna partijiet fil-Kostituzzjoni li huma *obsolete* u allura b'daqshekk m'għandiex iżżommna milli niddiskutu jekk il-kunċett ta' l-Awtorità tax-Xandir huwiex sorpassat ukoll u għandniex inbiddluh".

Jekk nista' nifhem sew l-argument tal-Onorevoli Bartolo, il-viġilanza u il-kontroll fix-xandir kienu ħwejjeġ tajba u li jagħmlu sens sakemm il-*Malta Labour Party* fetaħ stazzjon tar-radju u ieħor tat-TV meta allura fid-daqqa w il-ħin dawn il-kontrolli bdew isiru antikwati. Naturalment l-*Malta Labour Party* jista' jwiegħed lill-elettorat kontrolli kemm irid fuq l-operat tiegħu għal meta xi darba jkun fil-Gvern, iżda huwa preokkupanti l-fatt li l-kontrolli eżistenti li jistgħu jsiru fuqu meta għadu fl-Oppożizzjoni diġà hemm min jikkunsidrahom bħala sorpassati u *obsolete*.

Mill-banda l-oħra, fuq in-naħa l-oħra ta' l-ispettru politiku, is-sur Lou Bondì fl-istess seminar[2] u fl-istess okkażjoni kien sostna li "l-introduzzjoni tal-pluraliżmu biddel il-

1. Awtorità tax-Xandir - Seminar Series 2 - Bilanċ u Imparzjalità fix-Xandir - (18 ta' Frar, 1994) p. 68.
2. Awtorità tax-Xandir - Seminar Series 2 - Bilanċ u Imparzjalità fix-Xandir - (18 ta' Frar, 1994) p. 55.

fiżjonomija tal-kommunikazzjoni b'mod li l-ħarsien tal-bilanċ u l-imparzjalità fix-xandir politiku mill-Awtorità m'għadux jagħmel sens ... f'sitwazzjoni ta' pluraliżmu jagħmel ħafna aktar sens li primarjament ikun is-semmiegħ u t-telespettatur li jiġġudika l-kwalità ta' l-informazzjoni politika milli xi organu ieħor bħal ma hi l-Awtorità".

Huwa evidenti li kemm il-Partit Nazzjonalista u kemm il-*Malta Labour Party* huma tant moqdija tajjeb bis-sitwazzjoni tax-xandir kif inhi llum f'pajjiżna li Awtorità tax-Xandir prattikament nominata nofs bin-nofs bejniethom qed jarawha żejda u ta' xkiel għalihom. L-argument dwar ir-rwol ta' l-Awtorità kif ġie impostat minn dawn l-esponenti tal-Partit Nazzjonalista u tal-*Malta Labour Party* m'huwiex dwar il-ħtieġa ta' aġġornament li għandu jieħu kont ta' l-iżviluppi li seħħew fl-aħħar 34 sena fil-qasam tax-xandir, ħaġa li naħseb li jaqbel magħha kulħadd, imma jekk l-Awtorità għandiex tibqa' teżisti jew le. Ta' min jgħid li f'każ li l-Awtorità ma tibqax teżisti l-Onorevoli Bartolo diġà serraħ moħħ l-impjegati ta' l-Awtorità li "nagħtuhom xogħol ieħor, għax forsi mhux sew li jispiċċaw bla xogħol".[3]

Għalkemm ilha mwaqqfa dan iż-żmien kollu, huwa fatt li f'ħafna mill-iżviluppi kruċjali li ġraw fix-xandir f'pajjiżna, l-Awtorità li suppost hija l-entità speċjalizzata li tirregola x-xandir f'pajjiżna, kienet xi ftit jew wisq ininfluwenti fuq l-iżviluppi li seħħew matul is-snin. Ħafna drabi l-Awtorità ġiet rinfaċċjata b'*fait accompli* u ġiet sorpassata bid-deċiżjonijiet politiċi li ħadu gvernijiet jew partiti. Huwa fatt li fix-xhur ta' qabel u anke wara l-elezzjoni tal-1987, l-Awtorità tax-Xandir taħt it-tmexxija ta' Dr. Joe Micallef Stafrace kien irnexxielha tirkupra ftit mill-kredibbiltà li tilfet għal kollox matul l-ewwel nofs tas-snin tmenin. Flok ġew intensifikati l-isforzi f'din id-direzzjoni sabiex l-Awtorità tassumi r-rwol ta' *watchdog* kredibbli u effikaċi, f'daqqa waħda seħħ żvilupp importanti li kellu l-effett li jpoġġi lill-Awtorità fi *straight-jacket*. Ftit xhur qabel ma beda jitħaddem l-Att tal-1991 dwar ix-Xandir, b'mod deliberat biex l-Awtorità ma titħallix tidħol hi fil-kwistjoni, il-Prim Ministru offra liċenzji temporanji għal xandir bir-radju lil Partit Nazzjonalista, lil Partit Laburista (li qatt ma kien applika għal liċenzja) u lil Knisja Kattolika.

3. Awtorità tax-Xandir - Seminar Series 2 - Bilanċ u Imparzjalità fix-Xandir - (18 ta' Frar, 1994) p. 68.

Bl-iskuża tal-pluraliżmu fix-xandir, minn monopolju ta' l-Istat għaddejna għall-eġemonija kważi assoluta tal-partiti. Il-loġika li segwew il-partiti tradizzjonali biex waslu għal dan il-*modus vivendi* kienet - "m'għandniex fiduċja fl-istitituzzjonijiet li dawn jistgħu jwassluna biex innaqsu l-paranojja w is-suspetti ta' bejnietna. Mela għax ma naqsmux il-kejk bejnietna biex nibdew inxandru tagħna f'tagħna". Din il-miżura barra li kienet tammonta għall-vot ta' sfiduċja lampanti fl-Awtorità tax-Xandir, kellha wkoll l-effett li tistituzzjonalizza l-bipolariżmu eżistenti f'pajjiżna. Fuq kollox din is-sitwazzjoni tirriduċi r-rwol tal-*media* minn mezz potenzjali ta' kontroll fuq il-poter għal strument subaltern għal poter. Qed tirriduċi r-rwol tax-xandir minn mezz ta' informazzjoni u edukazzjoni għall-mezz ta' propaganda partiġġjana.

Sakemm Silvio Berlusconi ddeċieda li jidħol direttament fil-politika, Malta kienet probabbilment l-uniku pajjiż fid-dinja demokratika fejn partit politiku barra li huwa sid ta' stazzjon tar-radju, huwa wkoll is-sid tal-uniku stazzjon tat-TV privat fil-pajjiż. F'dan l-aħħar każ l-Awtorità ma tistax tgħid li hi kompletament bla tort bħal dil-kwistjoni tal-liċenzji temporanji tar-radju. Fil-fatt l-Awtorità kellha sehem u kkontribwit għal din is-sitwazzjoni assurda.

Fil-fehma tiegħi l-Awtorità kkapitulat għat-theddid ta' min qabillu jirraġuna bħal dak li jieħu 'sogru' u jtella' bini illegalment għax għandu l-konvinzjoni morali (jew immorali?) li l-ebda awtorità mhix se twaqqfu milli jkompli jibni jew li xi darba se ġġegħlu jwaqqa'.

L-allokazzjoni bl-iktar mod arbitrarju ta' l-unika frekwenza tat-televiżjoni libera għad-disposizzjoni ta' l-Awtorità tax-Xandir lill-partit politiku li kien qed ixandar abbużivament, saħħaħ il-mentalità prevalenti f'dan il-pajjiż illi fl-aħħar mill-aħħar l-abbuż jiġi ppremjat. Dan barra li deċiżjoni bħal din kienet tiddiskrimina sfaċċjatament kontra persuni u entitajiet privati li wkoll applikaw għal liċenzja u baqgħu b'idejhom vojta. Fil-kuntest tal-għoti tal-liċenzja għax-xandir lil *SuperOne Television*, ma nixtieqx ninsa nsemmi fattur ieħor importanti li fil-fehma tiegħi jista' jaffettwa b'mod negattiv l-iżvilupp tax-xandir f'pajjiżna. Fil-proċess li tingħata din il-liċenzja lil

*SuperOne Television*, saret emenda *ad hoc* fl-Att tal-1991 dwar ix-Xandir mingħajr ma nġabru r-rappreżentazzjonijiet minn partiti oħrajn interessati li setgħu wkoll kellhom interess li jressqu emendi għall-Liġi tax-Xandir, saret emenda għal ta' l-apposta biex dawk il-provvedimenti fil-liġi hekk imsejħa *anti-trust* jitneħħa ħafna mill-effett tagħhom.

Ma tantx jawgura tajjeb ix-xenarju ipotetiku fejn minn naħa waħda x-xandir pubbliku jibda jimxi fuq il-linji propagati mis-Segretarju Parlamentari inkarigat mix-xandir l-Onorevoli Richard Muscat[4], li s-servizz pubbliku għandu jirrifletti *slant* ovvju favur l-opinjonijiet tal-maġġoranza fil-pajjiż, jiġifieri l-opinjonijiet tal-Gvern, u fl-istess waqt il-partit fil-Gvern ikollu stazzjon tar-radju u tat-televiżjoni tiegħu, bħala partit, jimmartellaw il-ħin kollu fuq l-imħuħ tal-Maltin u tal-Għawdxin. M'hix daqshekk remota l-possibbiltà li hawn Malta naslu għas-sitwazzjoni perikoluża għad-demokrazija bħal ma hemm fl-Italja fejn teżisti konċentrazzjoni qawwija tal-propjetà fil-*media* televiżiva u stampata f'idejn l-istess persuna.

Biżżejjed ngħid li fl-aħħar elezzjoni ġenerali li saret l-Italja fl-1994, huwa stmat li minħabba l-propaganda sfaċċata favur Berlusconi fuq l-istazzjonijiet tal-*Fininvest*, madwar 14% ta' l-eletturi bidlu l-preferenza tagħhom ġranet biss qabel l-elezzjoni. Iżda fl-Italja għal inqas hemm għaddej dibattitu jaħraq dwar il-ħtieġa ta' liġi *anti-trust* fil-qasam tax-xandir, tant li dan huwa wieħed mill-proġetti ewlenin tal-Gvern magħmul minn tekniċi u mmexxi minn Lamberto Dini. Mill-banda l-oħra hawn Malta bl-iskuża li issa għandna l-pluraliżmu, hawn min isostni rigward l-Awtorità tax-Xandir li din m'għadx fadal skop għall-eżistenza tagħha jew li din m'għandux ikollha dritt tivviġila fuq dak li jiġi mxandar kemm fl-istazzjonijiet pubbliċi kemm f'dawk l-istazzjonijiet privati.

Apparti r-radjijiet *SuperOne* u *101* li m'huma xejn aktar minn "*their master's voice*", nistgħu nargumentaw bis-serjetà li hawn Malta jeżisti pluraliżmu u aċċess għax-

4. Waqt il-programm 'Bir-Rispett Kollu' - Ottubru 1994 - TVM.

xandir ibbażat fuq il-libertà ta' l-informazzjoni? Il-fatt li l-Istat neża mill-monopolju li kellu fix-xandir billi għamel aċċessibbli numru ta' frekwenzi lill-privat huwa minnu nnifsu żvilupp importanti u posittiv. Iżda wara l-ewforija tal-*honeymoon* tar-radjijiet privati, wara tlett snin minn meta bdew ixandru, x'inhija s-sitwazzjoni li bil-mod il-mod qed tikkristallizza f'dan is-settur? Aktar ma jgħaddi ż-żmien qed jiġi innotat li fir-radjijiet privati il-livelli u l-*istandards* qed jitbaxxew[5] u qed tonqos l-importanza li suppost tingħata lis-servizzi ta' aħbarijiet u informazzjoni.

Fit-taqbida sfrenata għall-għixien kummerċjali tagħhom, diversi stazzjonijiet m'humiex joqgħodu ma' l-obbligi tal-liċenzja tagħhom, liema kundizzjonijiet kienu intenzjonati li jsawru l-identità u l-individwalità li kellha tiddistingwi stazzjon minn ieħor. Bil-konsegwenza li flok pluraliżmu llum għandna numru ta' stazzjonijiet li saru kważi fotokopja ta' xulxin u li bażikament qed ifittxu li jaqdu l-gosti popolari tal-massa u kważi xejn aktar. Ninsabu għalhekk f'sitwazzjoni fejn apparti l-istazzjonijiet politiċi li huma forum ta' diskussjoni limitata u fonti ta' informazzjoni strumentalizzata, ix-xandir privat huwa essenzjalment attività kummerċjali li qed titqabad għas-sopravvivenza tagħha. Naħseb li nkunu qed nilludu rwieħna jekk naħsbu li l-hekk imsejjaħ pluraliżmu ġab miegħu xi rivoluzzjoni kulturali li saħħet is-sens ta' trasparenza u *accountability* fuq is-sistemi tal-poter f'pajjiżna.

## IR-RWOL TA' L-AWTORITÀ TAX-XANDIR F'SOĊJETÀ DEMOKRATIKA

F'sitwazzjoni konkreta fejn in-numru ta' frekwenzi għax-xandir huwa limitat u fejn allura l-kompetizzjoni ma tistax titqies li hija kompletament ħielsa; f'ċirkostanzi fejn il-partiti politiċi li alternaw bejniethom fil-poter mill-gwerra 'l hawn, jinsabu jokkupaw pożizzjoni dominanti kemm fix-xandir pubbliku u anke f'dak privat; f'sitwazzjoni fejn ħafna mill-istazzjonijiet privati għal raġunijiet ta' *self-preservation* jippreferu li jikkonvivu u jinnamraw mal-poter flok jirfsu l-kallijiet kif u fejn hemm bżonn, huwa evidenti li huwa assolutament meħtieġ li nsaħħu u mhux indgħajfu l-istituzzjonijiet li

5. Rapport Annwali ta' l-Awtorità tax-Xandir - 1994 p.2.

jivvigilaw fuq dawn il-mezzi ta' informazzjoni daqstant vitali għal ħajja demokratika tal-pajjiż. Għall-iżvilupp demokratiku tal-pajjiż huwa essenzjali li tiġi kkontrollata l-pożizzjoni dominanti tal-partiti fil-mezzi tax-xandir u dan jista' jsir biss billi jissaħħah s-sens ta' l-Istat (*il senso dello Stato*) u l-presenza ta' l-istituzzjonijiet minflok il-presenza tal-partitokrazija.

Il-Kostituzzjoni ta' Malta[6] qed tipproteġi l-interess kollettiv tas-soċjetà meta tisħaq li għandha tinżamm l-imparzjalità f'dawk il-programmi li jittrattaw materja ta' kontroversja politika jew industrijali jew fi kwistjonijiet ta' natura kurrenti. Tajjeb jew ħażin hija l-Awtorità tax-Xandir li ġiet mogħtija d-delega biex taġixxi ta' garanti għal dan l-iskop fl-interess pubbliku. Huwa veru li l-Att ta' l-1991 dwar ix-Xandir[7] jintroduċi l-kunċett ġdid li biex jintlaħaq il-bilanċ fix-xandir, stazzjon żbilanċjat jista' jibbilanċja ma' stazzjon ieħor żbilanċjat. Iżda nkunu qed nidħku bina nfusna jekk nieħdu bis-serjetà lil min jargumenta li kull stazzjon għandu jkun regolatur tiegħu innifsu u li l-Awtorità għandha tirrinunzja għar-rwol tagħha ta' regolatur mogħti lilha mil-Liġi suprema tal-pajjiż. Fil-fehma tiegħi Malta għadha ferm 'il bogħod minn dak il-grad ta' ċiviltà u maturità politika li jkun jippermettilna l-lussu li nagħmlu hekk.

Funzjoni oħra importanti mogħtija lil Awtorità tax-Xandir mill-Kostituzzjoni[8], hija t-taqsim ġust ta' faċilitajiet u ħin għax-xandir bejn persuni li jappartjenu għal partiti politiċi differenti. F'dan ir-rigward inħoss li kellha tkun l-Awtorità stess ( u mhux l-Alternattiva Demokratika) li tieħu l-inizjattiva li tirrikorri b'urġenza fil-Qorti Kostituzzjonali rigward il-kostituzzjonalità ta' dik il-parti tal-Liġi tax-Xandir li tillimita l-parteċipazzjoni fil-programmi politiċi ta' l-iskeda mtella' mill-Awtorità tax-Xandir għall-partiti rappreżentati fil-Parlament[9]. Sfortunatament minħabba d-dewmien li hemm fil-Qrati din il-kawża, minkejja li ilha li ġiet intavolata madwar sentejn u nofs, għadha ma ġietx deċiża. Infakkar li l-Kostituzzjoni, li ma tagħmel l-ebda limitazzjoni ta' dan it-tip, għandha tipprevali f'sitwazzjoni ta' konflitt ma' liġi ordinarja[10]. Fil-fehma

6. Kostituzzjoni ta' Malta.
7. Att tal-1991 dwar ix-Xandir.
8. Kostituzzjoni ta' Malta.
9. Att tal-1991 dwar ix-Xandir - Artikolu 13(2)(f).
10. Kostituzzjoni ta' Malta - Artikolu 6.

tiegħi l-Awtorità kellha tapplika l-Liġi suprema li hija l-Kostituzzjoni fejn limitazzjoni ta' dan it-tip ma teżistix.

Qabel ma' l-Awtorità tax-Xandir ikkonċediet lill-*Malta Labour Party* l-unika frekwenza tat-televiżjoni disponibbli, Alternattiva Demokratika kienet sostniet li dan il-kanal għandu jiġi ġestit mill-istess Awtorità sabiex jiġi garantit l-aċċess għall-organizzazzjonijiet kollha (inklużi l-partiti) li jixtiequ jxandru. L-Awtorità qed tipprova toqrob lejn din il-mira permezz tal-*Community Channel* li però se jkollu udjenza limitata minħabba li se jxandar fuq il-*Cable TV*.

Bħala regolatur li għandu jkollu l-awtonomija tiegħu mħarsa mill-Kostituzzjoni, għandha tkun l-Awtorità tax-Xandir li taħtar l-ogħla strutturi tax-xandir pubbliku u mhux il-gvern tal-ġurnata. U fil-fatt analoġiji ma' dan it-tip ta' reġim legali jeżistu f'diversi pajjiżi fejn il-kummissjoni tal-viġilanza fuq ix-xandir anke taħtar id-diriġenza tax-xandir pubbliku. Biex tiġi msaħħa l-awtonomija ta' l-Awtorità tax-Xandir huwa assolutament neċessarju li jiġi mibdul radikalment il-mod kif din tiġi komposta. Ċertament għandu jibqa' jkollhom id-dritt li jaħtru r-rappreżentanti tagħhom, però mhux hekk biss. Fil-fehma tiegħi fi sfond ta' dibattitu aktar ġeneralizzat dwar ir-rwol li jassumi l-President tar-Repubblika fil-qafas kostituzzjonali, għandu jkun il-persuna li tokkupa l-għola kariga fil-pajjiż li jaħtar iċ-*Chairman* u numru biżżejjed ta' persuni biex jiżgura li dawn ikollhom il-bilanċ tad-deċiżjonijiet f'idejhom u mhux il-partiti politiċi. Perjodu ta' ħatra definit mingħajr il-possibbiltà ta' rikonferma fil-ħatra u *security of tenure* simili għal dak ta' l-imħalfin huma t-tip ta' salvagwardji meħtieġa biex l-Awtorità tkun f'qagħda li tasserixxi l-awtorità tagħha.

# DISKUSSJONI

**Is-sur Joe Grima:** L-ewwelnett ippermettili nikkumplimenta liż-żewġ kelliema: Dr. Wenzu Mintoff u s-sur Laurence Mizzi. Dr. Wenzu Mintoff għamel analiżi mil-lat politiku. Is-sur Laurence Mizzi tkellem mill-esperjenza ta' xandar ta' ħafna snin li għadda mill-magni kollha ta' snin twal jimmilita fil-kamp u allura ma jistax wieħed ma joqgħodx attent meta jisma' diskors minn persunaġġ ta' din il-kwalità.

Jien nixtieq nieħu ftit punti minn dak li smajt, u nagħmel riflessjoni ċkejkna fuq dak li qalet l-Awtorità fir-Rapport tagħha. L-Awtorità għamlitha bħala *il cavallo di battaglia* ta' dan ir-rapport il-fatt li l-*istandards* fuq l-istazzjonijiet tar-radju niżlu. L-eku ta' dan smajniegħ anke mingħand is-sur Laurence Mizzi. Jien ma nafx b'liema kejl inkejlu meta oġġett jitla' jew jinżel jew inkella min qiegħed ikejjel jew jekk il-*yardstick* ta' min qiegħed ikejjel hiex *yardstick* korretta jew le, ma nafux.

Għandna din l-asserzjoni, li issa qiegħed jirrepetieha kulħadd, *headlines* fil-ġurnali kollha li l-*istandards* fir-radjijiet naqsu u niżlu. Hemm radjijiet li mhux qegħdin isegwu l-*promise of performance*, insomma sejrin lura. Ir-radjijiet privati l-ewwel ma jsemmulek, huwa fejn marru lura fid-dħul għaliex ma tistax tippretendi, bħal ma nippretendu aħna l-Maltin li aħna notorji f'dan il-kamp, li rridu kollox mill-aqwa, kollox *first class*. Għall-stazzjon wieħed irridu ħdax, għall-stazzjon tat-televiżjoni wieħed irridu tużżana, basta ma nħallsux għalih aħna. L-importanti illi jħallas għalih ħaddieħor. Imbagħad wara li jkun ħallas għalih ħaddieħor noqgħodu infittxulu id-difetti kollha, għax issa qiegħed hemm espost quddiemna. Allura qiegħed hemm biex iservi lilna u allura għandna d-dritt li nikkummentaw, nikkritikawh fil-gażżetti, ngħidu li l-*istandards* niżlu mingħajr ma ngħidu xi *standards* huma. L-aqwa li ma ħallasnihx aħna. Hemm min ħallas hu, kif għamilna aħna, bħal ma jħallsu l-istazzjonijiet privati kollha li ġew iffinanzjati minn fondi privati. L-ewwel ma jikkummentawlek l-istazzjonijiet privati hija li *across the board* l-istazzjonijiet kollha, bil-politiċi b'kollox, naqsilhom id-dħul. Illum nafu li naqas bejn 30 u 40 fil-mija.

The ITC asks for regular data returns from its terrestrial licensees to establish whether or not their 'positive programme requirements' are being met, and in this area an annual audit is done for the terrestrial services. The audit for 1994 has infact just been published of how each licensee has performed. The publication of this document which is the size of a small paperback book gives the ITC an opportunity to comment also not just on the performance of each licensee, but on trends within the broadcasting scene generally, and it helps to develop public debate

and to inform public criticism of the licensees. We also do our own audience research to identify what viewers think about various aspects of the services which are provided - which gives us an independent view, we are not dependent on what the licensees tell us, but we can do our own accounting.

Coming then on to the second aspect which I suppose is that the regulator has some credible response. The ITC also has available sanctions which can be applied if necessary where licensees fail to meet any requirements. These include requiring a broadcaster to apologise on screen (which can be quite a powerful sanction because broadcasters do not like to apologise), fines of up to three per cent of revenue for a first offence and five per cent for a second and subsequent offence, shortening the term of a licence by up to two years, and then renewing it for good behaviour, declining to renew it, and finally, the ultimate weapon of revocation. However promoting the ethos of a penal colony is probably not, in the end, the best way to encourage quality on the screen, which is after all the end purpose of regulation.

Among the means of regulation, I would set some value, finally, on an atmosphere in which broadcasters are impelled, as far as possible, to pursue quality in its various forms for themselves. This is not an easy matter, and requires, as well as regulation based as far as possible on consent, an informed and critical public, an industry within which there is a sense of competition among programme makers and broadcasters, and, as I mentioned earlier, adequate revenues to support experimentation and innovation, and to address the needs of the specific audiences rather than simply filling up time at the lowest possible cost.

I come finally to the issue of what regulation should aim for. Here I will refer simply to a few key points. The first is indigenous production. Nothing else, it seems to me, is more likely to support quality in the way I have tried to define it. Production which is close to its audiences is far more likely to be able to reflect their needs and interests. Contrary to what many commentators thought would happen, it is now

clear that audiences for commercial television in a deregulated market tend to prefer drama, entertainment or factual programming, provided its production values are good enough, which has been made locally over material acquired on the international market, no matter how fashionable. The ITC requires from its terrestrial broadcasters and of Channel 3 in particular, that not less than 65 per cent of the material broadcast on these channels (including repeats) should have been produced originally for the channel.

This is actually quite a powerful mechanism. It slaloms its way through a number of quite difficult problems one of which is discrimination against suppliers in other countries. It in no way discriminates against supplies from abroad, it merely says that programmes broadcast on a channel should originally have been made for that channel, and that I think is a very valuable principle, because the freshness of the material is likely itself to commend it to the audience. The general trends are almost bound to be true for the UK. But the same general trend is now apparent, I think certainly across northern Europe where commercial television is a far newer creation and where the same sort of regulation does not apply.

In the UK there have been notable examples of demand for programmes breeding its own supply of independent producers, often on a very small scale as businesses but extremely effective as suppliers. The conditions for this are established where broadcasters operate within an appropriate framework set by regulation, and finance and rights are settled between the broadcaster and the producer on an orderly basis. This has proved to be a more effective way of putting quality on the screen than either the import of programming originally made for other markets or the maintenance of large local production factories with a monopoly of supply, much of it of inferior quality and made to the order of the producer rather than the audience. A second objective should be to seize the new opportunities offered by technology. Nothing will discredit regulation or store up problems for the future more quickly than failing to do so. The variety of new channels and the means to provide them in the format of multi-channel television often seems a fearsome challenge, likely to

fragment audiences without adding effectively, except in a purely numerical sense, to choice of viewing or the diversity of available programmes.

The new technology also brings with it new means of paying programmes and services and therefore the opportunity to draw new resources into broadcasting without displacing what is already there.

I would not like to suggest that there is no scope for taking a strategic immediate view, for example, about news supply which I mentioned earlier on in this new rapidly changing world. It may be that that is part of the plan, part of the scheme of legislators and regulators. The public services may well suffer most when a previously rigid structure of which they were the centre-piece begins to change quickly. Established players are less likely to be affected adversely where they have the inbred capability to respond positively to competition.
Nor is it by any means clear that the audience for the old-style generalist channels will indefinitely erode in the face of specialist and niche services.

The evidence from the United States where specialised programme channels have been in existence for nearly 20 years suggests the contrary. The networks in the US still have a very substantial proportion of the audience, and are making profits at least as satisfactory as they were 20 years ago. It is perfectly possible that the new technology can bring with it, within the right regulatory framework, an enhancement of quality. The points to work on are the competition in broadcasting, even if it operates only at the margin, is likely to encourage quality; and the people value quality, will respond positively to its provision, and as in other markets, given an opportunity will pay proportionately more for it.

My third and final point concerns viewers. I have mentioned them frequently in this talk, and I would like to emphasise their importance for regulation. Many other interests, including the broadcaster, the producer, the investor, the politician, the advertiser and sponsor, the equipment manufacturer and other media, such as the

magazine and broadsheet press, are crucially involved. But quality on the screen which concerns the regulator is the end result of the actions of all these other interests for, and on behalf of, the viewer.

Regulation must go with the grain of commercial reality because it is most unlikely to meet its most minimal objectives unless it does. But it must ultimately steer by the star of viewers' concerns and interests. This means communication and consultation with the public generally and with bodies representing specialised interest. Economic interest within the industry will do this too, but their concern is not, ultimately, the public interest, but, quite properly, their own interest. This is what sets broadcasting regulation apart, and from which it surely derives whatever authority and influence it has.

That concludes my presentation. I am only too aware that I have concentrated on the UK perspective, but that is what, under the commitment to 'value for money', I was asked to do. I wonder, Mr Chairman, if I may be permitted a brief reflection on your closeness to Italy which I was struck very forcibly by as I flew over Sicily and almost immediately landed at Malta.

The patron saint of television as you know is Saint Claire. The story is that living at Assisi in Tuscany, Saint Claire had a vision in which she saw Saint Francis, who was at a distance of 20 miles, as though he was right in front of her. The story does not reveal whether the picture she saw was in black and white or in colour, whether it was owned by Rupert Murdoch or whether it was interrupted by advertisements or sponsored by Coca Cola or perhaps Opus Dei. Ladies and gentlemen there is no indication that the signal Saint Claire saw was regulated. Perhaps this is not surprising given the country from which the story arises. I suspect that it should have been regulated, I think Saint Claire would have been glad if it had - a new job for the Authority perhaps.

# DISKUSSJONI

**Is-sur Joe Grima:** Mr Redley, thank you for a very enlightening address this afternoon, I think parts of your address may affect our Broadcasting Authority the same way that the story of the Ten Commandments affected that young girl. You probably have given them ideas as to how they can now come down like ten tons of bricks on the broadcasters instead of one hundred bricks as they do at present. However, one thing that I am sure they will not heed is where you suggested that the broadcasters should have adequate revenues - the Broadcasting Authority in this country is not concerned with that aspect of life, but we are.

The broadcasters are being regulated at the moment in accordance with, what the Broadcasting Authority terms as, their promise of performance. In the view of some of us, this promise of performance is very narrowly interpreted. Let me read to you what our promise of performance was when we applied for a licence.

The hallmark of Radio One Live is that all programmes are broadcast from the source where the programmes originate. In most cases this system provides an opportunity for listeners to interact with participants and challenge opinions. Programmes will cover all aspects of life in Malta and provide music, information, analysis of current affairs, chat and discussion programmes and constant phone-ins making Radio One Live a popular station. This is what we promised. In this country we are being tied down not just to this promise of performance but to a sample schedule that we presented on the day that we asked for a licence three years ago. Perhaps you can tell me what the situation is in the UK on this issue.

Also in this country there is no separation between the broadcaster and the regulator. The regulator intends to broadcast as well. This is not new, it has happened before, and is going to happen again. Also one of the innovations of this Authority, is that now the proposal is that we are regulated before the event. This has not happened before in this country and is going to happen now, I believe from this month. We

have been asked to present not just a title of programmes, but who is going to appear in those programmes before the programmes actually take place, so that the Authority will look at the subject of balance.

**Dr Michael Redley:** Thank you very much for your intervention sir. I think of your remarks only one calls for a comment from me, a mere outsider. But that has to do about the question of the promise of performance as assessed by the regulator in the UK. The attempt has been made in the form of regulation we have adopted to arrive at a sort of measurable and verifiable statement. I realise this may not be of great comfort to you, because I suspect it does mean tons of bricks rather than anything else.

What we do is we ask for detailed forms to be filled in saying how much in different strands of programming will you offer, averaged over the year in weekly amounts and so you may fall short of that particular week, but you have to make it up by the end of the year and shortfalls in these levels will have to be reported to Parliament. It is not a trivial matter, it is rather a serious issue. There obviously is an issue about how the world changes when you put in programme plans in 1993 or 1994 when you come to 1996 the world will look different and there is something slightly difficult about things set in concrete like that.

The way ITC deals with that is that it is open to the regulator to accept proposals for a variation of the conditions. But they have got to be demonstrated to have arisen out of a real change in public taste or in interest since the original commitments were made. The proposition is that a deal is a deal, you make a bid and you do it in the full knowledge of the situation or at least your best estimate of it.

The regulator cannot be expected to know better than you that the thing was right. He is only a regulator, he is not a commercial operator, he is not the person who is putting his shirt on the proposition. His role is to give you every opportunity to facilitate within the law but not beyond it. I think the answer again which would not

be very comforting perhaps to you is that if you cannot hack it you have to give it up.

**Mr Chairman:** I think I ought to put it clear for the record that we do not regulate before, we do not interfere with the schedule and we do not exercise or try to exercise any control over who is presenting or appearing in a programme.

# Qafas Ġdid Għas-Servizzi tax-Xandir



## L-Onorevoli Dr Alfred Sant
*Kap ta' l-Oppożizzjoni*

L-Onorevoli Dr Alfred Sant twieled fl-1948 studja u ħadem f'Malta, Franza, l-Belġju u l-Istati Uniti ta' l-Amerika. Għamel xi snin fis-servizz ta' l-Affarijiet Barranin Malti. Kiseb dottorat fit-tmexxija industrijali mill-Università ta' Harvard u kien Deputat *Chairman* eżekuttiv tal-Korporazzjoni Maltija ta' l-Iżvilupp. Ippublika artikli f'It-Torċa, l-*Weekend Chronicle*, u gazzetti oħra, kif ukoll kotba ta' drammi, rumanzi u essays politiċi, fosthom 'Silġ fuq Kemmuna', 'Bejgħ u Xiri', u 'l-Impenn għall-Bidla'. F'Jannar ta' l-1982 inħatar *Chairman* tad-Dipartiment tat-Tagħrif tal-Partit Laburista; kien elett President tal-Partit Laburista fl-1984, daħal fil-Parlament Malti f'Diċembru ta' l-1987. Kien editur ta' 'il-Helsien', u preżentament huwa *Chairman* tal-Fondazzjoni Ġużè Ellul Mercer u tal-Festival Kulturali 'Ijieli Mediterranji'. Inħatar Mexxej tal-Partit Laburista u Kap ta' l-Oppożizzjoni f'Marzu ta' l-1992. *

*Wara l-Elezzjonijiet Ġenerali ta' Ottubru 1996, Dr Alfred Sant inħatar Prim Ministru ta' Malta.

## L-Onorevoli Dr Alfred Sant

## Qafas Ġdid Għas-Servizzi tax-Xandir

Ma naħsibx li għandu jkun hemm dissens fuq dan il-punt: meta niddiskutu dwar sitwazzjoni ta' attwalità, tkun liema tkun, irridu nitilqu mill-fatti kif inhuma, mhux kif xtaqnihom li jkunu. Għall-ebda settur din ir-rimarka ma tgħodd daqs kemm tgħodd bħalissa għas-settur tax-xandir.

Jekk taqra r-rapport ta' l-Awtorità tax-Xandir per eżempju, jew tisma' ċerti kummenti li jagħmlu xi erwieħ tajba, tieħu l-impressjoni li fil-qasam tax-xandir ninsabu neżlin niżla kbira 'l isfel, fil-kwalità, fil-varjetà u fil-kontenut ta' l-ipprogrammar bil-Malti jew fl-ipprogrammar Malti. Xi nies donnhom skoprew fl-aħħar xhur kemm hu ċkejken is-suq Malti u kemm hu diffiċli biex f'sitwazzjoni ta' kompetizzjoni, l-istazzjonijiet tax-xandir ikampaw waqt li jibqgħu ixandru programmar li jħabbatha ma' tal-B.B.C. Imma skużi, din dejjem kienet il-problema quddiem il-pluraliżmu fix-xandir, kif il-Gvern preżenti ried jimplimentah bil-politika tiegħu. Il-problema dejjem kienet u tibqa' dik li tant hu ċkejken is-suq Malti tar-reklami li ma jistax ikun li ħafna stazzjonijiet privati tax-xandir jibqgħu fil-wiċċ mingħajr ma jnaqqsu l-'kwalità' tas-servizz li jipprovdu. L-ebda gvern u l-ebda Awtorità tax-Xandir ma jistgħu jabolixxu l-liġijiet tas-suq.

L-għażla dejjem kienet bejn pluraliżmu awtentiku fi ħdan struttura monopolistika ta' xandir pubbliku u bejn privatizzazzjoni tas-servizzi tax-xandir, maġenb preżenza soda, imma mhux monopolistika, ta' xandir pubbliku. Fil-fehma tiegħi, iż-żewġ toroq huma leġittimi u hemm ħafna x'tgħid favur u kontra, kemm waħda u kemm l-oħra. Il-Gvern preżenti ddeċieda li jagħżel it-tieni triq. Fil-mument li kienu qed jiġu dibattuti dawn l-affarijiet, il-Partit Laburista wera li jippreferi l-ewwel triq.

Issa li tlaqna għal għonq it-tieni triq, b'servizzi privati tax-xandir u servizz mhux monopolistiku ta' xandir pubbliku, jien l-ewwel wieħed ma narax il-ħtieġa li noqgħodu

naraw kif ser nibdlu l-affarijiet. Din li gvern wieħed jaqleb ta' taħt fuq kull ħaġa li jkun għamel gvern ta' qablu la hi strateġija għaqlija għall-pajjiż u lanqas tagħmel wisq sens.

Mela, issa li qbadna t-triq ta' servizzi privati tax-xandir, irridu naraw kif ser noħolqu l-aħjar kundizzjonijiet biex dawn is-servizzi jiżviluppaw. Inutli imma li noqgħodu nitbekkew fuq il-problemi li dawn is-servizzi qed jiffaċċjaw u ser jibqgħu jiffaċċjaw, qisna ma konniex nafu bihom minn qabel.

Ma naqbilx li qed jinqalgħu l-problemi sempliċement għax tlaqna għal għonq servizzi tax-xandir privati mingħajr ma ħejjejna l-infrastruttura professjonali, kulturali u ekonomika għalihom, kif donnha qed tgħid l-Awtorità tax-Xandir fl-aħħar rapport annwali tagħha.

Il-qafas ġdid li jrid jinħoloq għax-xandir irid jitlaq miċ-ċirkostanzi li jeżistu f'pajjiżna, biċ-ċokon tagħna, biex tipprovdi għall-eżistenza vijabbli ta' servizzi privati maġenb servizz statali tax-xandir. Dan il-qafas għandu jaħseb biex is-settur privat tax-xandir jopera f'kundizzjonijiet li kemm jista' jkun, jiġu ekwivalenti għall-kundizzjonijiet li diġà jeżistu fil-qasam ta' l-istampa.

Minn naħa l-oħra, fil-qasam pubbliku, il-kundizzjonijiet li taħthom issir il-ħidma għandhom ikunu tali li jimmiraw biex is-servizz pubbliku jagħti servizz ta' kwalità għolja, waqt li jibqa wieħed popolari. Popolari fis-sens li ma jkunx elitista.

F'dan is-sens, ma narax li hemm xi alternattiva għall-prinċipju li s-sevizzi privati għandhom jiġu primarjament regolati mill-esigenzi tas-suq waqt li jkunu soġġetti għall-istess liġijiet bħall-istampa fejn jidħlu malafama, verità tal-fatti u morali pubblika. Bħal fil-każ ta' l-istampa, għandhom ikunu l-Qrati li jiddeċiedu jekk is-servizzi privati ta' xandir ikunux qabżu xi limitu.

X'għandu jiġri mill-kriterji dwar imparzjalità u bilanċ politiku? M'hinix konvint li fil-

qasam tax-xandir privat dawn huma wisq rilevanti.

L-idea li bilanċ politiku għandu jinżamm fuq spektrum ta' stazzjonijiet, kif imdaħħla fil-liġi preżenti, ftit tista' tkun koerenti mar-realtà.

L-idea li l-Awtorità tax-Xandir għandha tkun abilitata biex tiġġudika dwar imparzjalità u bilanċ politiku fil-qasam privat, għalija ftit tista' tirnexxi. Biżżejjed wieħed jara kif l-aħħar rapport annwali ta' l-Awtorità tax-Xandir jitkellem dwar l-operat tar-radjijiet *SuperOne* u 101. Is-*SuperOne* skond l-Awtorità hu konsistentement "*politically slanted*" waqt li 101 għandu biss "*pronounced political tinge*".

Min isegwi x-xena tax-xandir, kif nagħmlu aħna bl-esperjenza diretta tagħna, jagħraf il-manipulazzjoni konsistenti u żbilancjata li jagħmel l-istazzjon 101 fil-preżentazzjoni ta' l-aħbarijiet lokali - u għandu dritt jagħmel hekk wara kollox. Bir-raġun, ikollu jikkonkludi li ġudizzji assurdi bħal dawn li semmejt, iservu biss biex jiskwalifikaw kompletament lill-Awtorità tax-Xandir minn xi kompetenza professjonali fil-materja ta' sorvelja politika, tgħid xi tgħid il-liġi.

Il-punt jibqa' li l-kriterji dwar imparzjalità politika jew bilanċ, m'humiex rilevanti aktar f'sitwazzjoni ta' xandir privat. L-istess kif m'humiex rilevanti fil-qasam ta' l-istampa. Fejn m'għandix noqgħod ngħid l-iżbilanċ fejn qiegħed.

Waqt li ngħid hekk, nifhem kif effettivament, huma l-forzi tax-xellug li se jkunu żvantaġġati politikament minn din il-qagħda. Hu aktar probabbli li l-forzi kummerċjali li għandhom nifs finanzjarju biżżejjed b'saħħtu biex jidħlu għall-investiment fix-xandir privat, se jiġbdu politikament favur il-lemin u mhux politikament favur ix-xellug.

Xorta waħda, fl-aħħar xhur jien bqajt sorpriż bin-nies li sa ftit ilu kienu jgħidu kemm huma favur ix-xandir privat u li issa donnhom ma jaqblux li għandna nittrattaw dan is-settur kif nagħmlu lill-istampa.

Iqajmulek l-argument tal-kwalità: bħal li kieku m'huwiex mod validu li tkejjel il-kwalità ta' programm, minn skond x'irid jisma' u xi jrid jara l-pubbliku.

Iqajmulek l-argument li l-kanali ta' trasmissjoni huma ftit u huma ta' natura pubblika - '*a public good*', kif jgħidu l-ekonomisti. Bħal li kieku l-barrieri għad-dħul b'pubblikazzjonijiet ġodda fil-qasam ta' l-istampa tal-ġurnaliżmu m'humiex huma wkoll barrieri ta' dħul kbar ħafna u se jibqgħu jiżguraw li l-għadd ta' gazzetti fostna dejjem se jibqa' żgħir ħafna.

Kieku l-Gvern juri impenn politiku sod biżżejjed biex jikkompensa għal trasmissjonijiet minn barra li qegħdin jikkapparraw kanali ta' trasmissjoni Maltin, kieku għandna aktar minn biżżejjed kanali ta' trasmissjoni, kemm bir-radju u kemm bit-televiżjoni, għal kull min fostna jitħajjar iwaqqaf stazzjon. Bil-wasla tat-teknoloġija diġitali, l-ammont ta' kanali ta' trasmissjoni, sejjer ikompli jiżdied mhux jonqos.

Fejn naqbel li tista' u għandha titpoġġa xi forma ta' regolamentazzjoni madwar is-settur privat hu permezz ta' kundizzjoni li torbot lil kwalunkwe stazzjon li joħroġ ċertu persentaġġ ta' programmar lokali. Meta ngħidu hekk, nittama li qed nifhmu kif malli nagħmlu kundizzjoni bħal din qegħdin nerġgħu mmexxu kundizzjoni li ser isservi biex tnaqqas in-numru ta' stazzjonijiet privati.

Qasam ieħor fejn wieħed jista' jaqbel ma' ċertu ammont ta' regolamentazzjoni tkun f'dak li għandu x'jaqsam ma' konċentrament ta' mezzi ta' komunikazzjoni varji fl-istess id. Imma l-mod kif ħaġa bħal din tiġi definita irid ikun preċiż u mhux maħsub biex jaġevola ċertu tip ta' interess a skapitu ta' interessi oħra.

Se jkun hemm min jgħid: imma la qed tiġi proposta din is-sistema xxamplata għas-servizzi privati, għaliex ma nimxux pass ieħor 'il quddiem u ninsistu li bħal fil-każ ta' l-istampa, l-istazzjonijiet kollha tax-xandir ikunu privati, mingħajr l-ebda preżenza ta' xandir pubbliku.

Naħseb li soluzzjoni bħal din tfisser il-mewt ta' pluraliżmu ġenwin. F'sitwazzjoni fejn ix-xandir ikun kollu privat, jiena naħseb li jingħalaq mhux jinfetaħ, l-ispazju għall-espressjoni ta' ċerti fehmiet, kulturi, gosti, interessi. Konklużjoni bħal din tista' tinħass paradossali wara snin li fihom ġejna indottrinati bl-argument li x-xandir statali għax hu tal-gvern, bilfors se jispiċċa biss għodda ta' propaganda għal min jinsab fil-gvern. Bil-maqlub, jien nemmen li taħt sistema ta' tmexxija trasparenti, ix-xandir pubbliku għandu jservi biex iżomm il-pluraliżmu għaddej, u ma jħallihx jiġi fgat bl-għafsa tal-forzi tas-suq li dejjem jaġevolaw fehmiet u gosti maġġoritarji, waqt li jiffavorixxu l-manipulazzjoni tagħhom. Jiġifieri, ix-xandir pubbliku jkun l-appoġġ essenzjali tal-pluraliżmu.

Jiena nemmen li l-Istat għandu jalloka riżorsi finanzjarji u umani mill-iprem lix-xandir pubbliku, biex dan ikun jista' jikkompeti direttament mas-settur privat. Fl-istess ħin, ix-xandir pubbliku irid iservi ta' sostenn għall-iżvilupp ta' l-identità nazzjonali tal-pajjiż fid-dimensjonijiet differenti tagħha.

La huma fondi pubbliċi li jkunu qed jintużaw għat-tmexxija tax-xandir pubbliku, hu evidenti li f'dan il-każ, iridu jiġu osservati normi ta' imparzjalità u bilanċ politiku. Hu hawnhekk li tidħol mill-ġdid l-Awtorità tax-Xandir. Għandha tkun hi li tassumi responsabbiltà għat-tmexxija tax-xandir pubbliku. Ma hemm xejn ta' barra minn hawn f'din il-proposta, kif ippretendew dan l-aħħar xi wħud. Il-liġi eżistenti diġà tagħti dan ir-rwol lill-Awtorità li sal-lum, wara dawn is-snin kollha, dejjem eżerċitatu billa qabbdet kuntrattur ieħor ħalli jmexxi.

Sal-lum, il-kritika li x-xandir hu manipulat mill-gvern tal-ġurnata - Awtorità u mhux Awtorità - għadha kritika valida. Jekk l-Awtorità ssir responsabbli direttament għat-tmexxija ta' l-istazzjon pubbliku, iż-żamma ta' l-imparzjalità u bilanċ politiku jiġu marbuta bil-wisq aħjar ma' l-operat tagħha bħala Awtorità.

Dan kollu ma jfissirx u ma għandux ifisser li l-Awtorità tax-Xandir trid isservi ta' xi bord tal-*management* tas-settur pubbliku. Ċertament li din il-funzjoni trid titħalla

f'idejn amministraturi u xandara li jkunu professjonalment kompetenti. Huma għandhom ikunu garantiti l-ispazju professjonali kollu meħtieġ biex iwettqu l-ħidma tagħhom. Fil-linja li qiegħed infisser, il-funzjoni ta' l-Awtorità tiġi simili għal dik li għandu l-*Board of Governors* tal-B.B.C. L-Awtorità tax-Xandir tkun responsabbli għal dak li tagħmel quddiem il-gvern tal-ġurnata u quddiem il-Parlament.

Inkluża fil-qafas ġdid għax-xandir li qiegħed jipproponi l-Partit Laburista, hemm proposta biex jinħatar bord professjonali konsultattiv ħalli jgħin fl-iżvilupp tax-xandir pubbliku. Hemm proposta oħra biex kumitat magħżul tal-Kamra tar-Rappreżentanti jkollu l-inkarigu li jissorvelja l-operat tax-xandir pubbliku. B'dan il-mod, nistgħu noħolqu sistema ta' '*checks and balances*' li jippermettu lix-xandir pubbliku jiżviluppa l-karattru tiegħu, ikun ta' appoġġ għall-pluraliżmu, u jikkompeti max-xandir privat.

Fil-fatt, nistgħu nagħmlu dan kollu waqt li nibqgħu bil-fasla istituzzjonali eżistenti. B'hekk nevitaw li noqogħdu nidħlu fil-ħafna diskussjonijiet twal li jinqalgħu bejn il-politiċi dwar bidla fl-istituzzjonijiet liema diskussjonijiet iservu ħafna drabi aktar biex joskuraw milli biex idawwlu l-futur u ma jaslu imkien.

Biex nagħlaq: Jiena nemmen li x-xandir jinsab quddiem sfidi mill-aktar eċċitanti. It-teknoloġiji ġodda li qed jinħolqu se jiftħu modi ġodda kif ix-xandir jista' joffrilna kuntatti dejjem aħjar mad-dinja li ddawwarna. Irridu nkunu lesti biex inwarrbu kull sens ta' inferjorità biex nieħdu l-opportunitajiet ġodda li se jinfetħu, malli dawn jinfetħu, u nagħmlu hekk waqt li dejjem nitilqu miċ-ċirkostanzi attwali ta' pajjiżna u mhux nippretendu li dawn iċ-ċirkustanzi attwali ma jeżistux.

L-għodod diġà jeżistu biex f'qafas ġdid għax-xandir, nibnu bilanċ modern bejn kompetizzjoni u kollaborazzjoni, bejn dak li hu tradizzjonali u dak li hu ġdid. Minkejja l-ilħna kollha ta' Cassandra li sirna nisimgħu madwarna dan l-aħħar dwar l-qagħda tax-xandir, jiena nipprevedi f'dan is-settur futur interessanti u sabiħ. Il-Partit Laburista jagħti l-appoġġ tiegħu lil kull inizjattiva li twassal biex malajr kemm jista' jkun, dan il-futur li qed insemmi jsir il-preżent.

# Il-Funzjoni ta' l-Awtorità tax-Xandir f'Soċjetà Demokratika



## L-Onorevoli Dr. E Fenech Adami

*Prim Ministru*

Dr Fenech Adami twieled fl-1934 u ggradwa fl-Arti u l-Liġi mill-Università ta' Malta. Fis-sittinijiet, hu akkwista reputazzjoni bħala uffiċjal determinat u kapaċi fi ħdan il-Partit Nazzjonalista u bħala Membru Parlamentari. Laħaq Mexxej tal-Partit fl-1977. Fl-1987 hu rnexxielu jrebbaħ lill-Partit Nazzjonalista fl-Elezzjonijiet Ġenerali u reġa' wettaq rebħa elettorali oħra fi Frar tal-1992. Mill-bidu mexa fit-triq tan-nofs u għamel kemm seta' biex jevita kull konfrontazzjoni, u mexxa l-Gvern 'l quddiem bil-viżjoni li Malta ssir membru sħiħ ta' l-Unjoni Ewropea. Apparti d-doveri tiegħu bħala Prim Ministru hu responsabbli wkoll għall-Armata, iċ-Ċivil u l-Kunsilli Lokali.

## L-Onorevoli Dr Eddie Fenech Adami

# Il-Funzjoni ta' l-Awtorità tax-Xandir F'Soċjetà Demokratika

Id-dritt tal-libertà ta' l-espressjoni u dak tal-libertà tal-kelma, garantiti mill-Kostituzzjoni ta' pajjiżna, huma drittijiet fundamentali għal kull soċjetà demokratika. Wieħed mill-modi li bihom ċittadin jista' jeżerċita dawn id-drittijiet hu billi jkollu aċċess għall-informazzjoni libera li tista' tasallu jew jista' jwassal hu stess permezz tax-xandir.

Kull dritt iġib miegħu l-obbligu li, f'soċjetà ċivili, jiġu rispettati d-drittijiet ta' ħaddieħor. Dan jgħodd ukoll għall-qasam tax-xandir.

Fil-fatt, f'pajjiżna biex jassigura li x-xandir ma jkunx abbużat, inħolqot l-Awtorità tax-Xandir, biex fost ħwejjeġ oħra, tissorvelja u safejn hu possibbli tiżgura li, fi kliem il-Kostituzzjoni ta' Malta, "f'dawk is-servizzi ta' xandir ta' smiegħ u televiżjoni li jistgħu jkunu provduti f'Malta, tiġi miżmuma imparzjalità xierqa dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrijali jew li jirreferixxu għal *policy* pubblika kurrenti u li l-faċilitajiet u l-ħin ta' xandir ikunu mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti".

Nafu, storja reċenti ta' pajjiżna, li hemm ċerti tapep fl-istorja tax-xandir li huma ta' min ifakkarhom:

- Sa l-1961, bħala mezz ta' xandir f'Malta kien hawn ir-*Rediffusion* b'monopolju privat.
- Sena wara beda l-istazzjon tat-televiżjoni Malti, ukoll bħala parti mir-*Rediffusion*.
- Fl-1973 l-Awtorità tax-Xandir innifsha bdiet tipproduċi l-programmi tagħha stess u xxandarhom fuq l-istazzjon Radju Malta 1, Radju Malta 2 u Radju Malta 3. Kien ixandar ukoll il-BFBS, l-istazzjon tar-radju tas-Servizzi Ingliżi.
- Fl-1975, ir-*Rediffusion* u t-tliet stazzjonijiet tar-Radju saru parti mid-diviżjoni

Xandir Malta tal-Korporazzjoni Telemalta u twieled il-monopolju ta' l-istat.

- Fl-1991 il-monopolji fix-xena tax-xandir inqerdu bl-liġi ġdida dwar ix-xandir u bdew l-ewwel stazzjonijiet privati fil-qasam tar-radju.
- Fl-1992, id-diviżjoni Xandir Malta nqatgħet minn mat-Telemalta u saret kumpanija bl-isem ta' *Public Broadcasting Services Ltd* u bdiet topera f'ambjent ta' pluraliżmu għalkemm fir-radju biss.
- Illum il-pluraliżmu Malti ġie estiż anke fit-televiżjoni: apparti it-TVM hemm is-*Super One TV* u *Smash TV*. Għandna wkoll sistema ta' *Cable TV* u l-ftuħ għaċ-ċittadin ta' l-użu tad-dixxijiet tas-satellita. Barra minn dan, fuq il-*Cable TV* hemm programmat stazzjon edukattiv tat-televiżjoni filwaqt li l-Awtorità tax-Xandir ukoll qed tippjana li tibda channel għall-komunità fejn organizzazzjonijiet, soċjetajiet u interessi oħra jkollhom aċċess lill-pubbliku.

Fid-dawl ta' dan l-iżvilupp u wara 32 sena mit-twaqqif ta' l-Awtorità tax-Xandir, wieħed jistaqsi jekk din l-Awtorità għandhiex tibqa' bl-istess funzjonijiet li kienu ngħatawlha f'ċirkostanzi differenti minn dawk tal-lum u f'każ affermattiv jekk hiex f'kundizzjoni, bl-istrutturi li għandha llum, li tlaħħaq max-xogħol attwali li hu mistenni minnha.

Skond l-Att dwar ix-Xandir ta' l-1991, l-Awtorità tax-Xandir għandha wkoll il-funzjoni li tirregola s-servizzi tax-xandir ta' smiegħ u ta' televiżjoni f'Malta u li toħroġ liċenzji għall-għoti ta' dawk is-servizzi.

Meta tfasslet din il-liġi li ġiebet magħha bidliet radikali u dinamiċi fil-qasam tax-xandir, ittieħdet id-deċiżjoni ta' *policy* li saħqet fl-istess żmien ta' bidla, fuq l-istabilità u tisħiħ ta' l-Awtorità tax-Xandir. Il-Gvern ried li l-esperjenza tal-pluraliżmu fix-xandir tieħu l-kors tagħha f'qafas ġdid leġislattiv u b'Awtorità tax-Xandir imsaħħa.

Il-pluraliżmu fix-xandir, qed ikun esperjenza ta' fejda kbira għall-ħajja demokratika ta' pajjiżna, hu suċċess kbir għax, kontra dak li kienu jgħidu l-Ġeremiji, serva biex kienu ventilati l-opinjonijiet ta' kulħadd u kkontribwixxa għal djalogu aktar apert bejn persuni ta' opinjonijiet differenti.

Hi funzjoni mportanti ta' l-Awtorità li tibqa' dik li tassigura l-imparzjalità u l-bilanċ fix-xandir.

Għal ħafna snin, l-'imparzjalità' u 'l-bilanċ' ingħataw interpretazzjonijiet ristretti ħafna u partikolari għal kull programm individwali. L-Att dwar ix-Xandir jissuġġerixxi li l-kunċett ta' l-imparzjalità u bilanċ jittieħdu f'kuntest aktar wiesa' mhux biss ta' l-ipprogrammar kollu iżda wkoll tal-firxa sħiħa tax-xandir fil-pajjiż.

L-Artiklu 13 (d) subinċiż 'f' tal-Liġi dwar ix-Xandir jgħid li jkun id-dmir ta' l-Awtorità li tissodisfa lilha nfisha li "tinżamm l-imparzjalità dovuta dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrijali jew li għandhom x'jaqsmu ma' *policy* pubblika kurrenti." Il-Liġi żżid li "iżda ħlief fil-każ ta' servizzi pubbliċi tax-xandir, fl-applikazzjoni tal-paragrafi imsemmija, l-Awtorità tista' tikkunsidra l-produzzjoni ġenerali ta' programmi provduti mid-detenturi ta' liċenzji u kuntratturi tax-xandir diversi, ilkoll flimkien bħala ħaġa waħda."

L-interpretazzjoni ta' din il-parti tal-liġi hi li ħlief fil-każ tax-xandir pubbliku, il-kunċett tal-bilanċ u l-imparzjalità jista' jinżamm ukoll bejn stazzjon u ieħor u mhux neċessarjament fi ħdan l-istess stazzjon wieħed. Fi kliem ieħor, l-Awtorità trid tara li jkun hemm bilanċ, bejn dak li jxandar *Radio 101* u dak li jxandar *Radio Super One* u mhux neċessarjament li dak li jxandar *Radio 101* irid ikun bilanċjat fih innifsu jew dak li jxandar *Radio Super One* irid ikun imparzjali, meħud f'kuntest iżolat.

Għalkemm waqt li kienet qed tkun dibattuta fil-Parlament il-Liġi dwar ix-Xandir, kien hemm fehmiet kontrastanti dwar din il-fakultà libera ta' interpretazzjoni li l-liġi indikat u l-Oppożizzjoni kienet kontra dan il-kunċett, illum jidher li qed tinsisti fuqu u allura nħoloq ċertu *consensus* dwar dan għallanqas għal dawk li huma ż-żewġ forzi politiċi bl-akbar appoġġ tal-poplu.

Fil-fatt, il-Liġi tax-Xandir ġiebet arja ġdida f'dan il-qasam u naqsu ħafna l-ilmenti dwar żbilanċ u imparzjalità għal dak li jirrigwarda l-istazzjonijiet privati tar-radju.

Minn naħa l-oħra, ix-xandir pubbliku għadu suġġett ta' kontroversja għalkemm wieħed irid jgħid ukoll li naqsu ħafna l-kawżi fil-Qrati f'dan ir-rigward.

L-Awtorità tax-Xandir, għandha wkoll obbligu li tara li fil-programmi tar-radju u t-televiżjoni jkun hemm perċentwali ta' kontenut prodott lokalment u li l-programmi jkunu ta' ċertu livell kemm fil-kontenut kif ukoll fil-kwalità teknika. Din hi forsi l-akbar sfida li l-Awtorità għandha. Sfida li ma tridx tilqagħha billi tfittex biss l-iqsar triq li tista' tkun li hi stess tipproduċi programmi għax-xandir partikolarment dak pubbliku.

Imma hija sfida li trid ukoll, anzi primarjament tilqagħha billi tinkoraġixxi l-istazzjonijiet, inklużi dawk pubbliċi, biex b'ħidma tagħhom stess jgħollu l-livell ta' l-iprogrammar tagħhom u jtejbu l-kwalità tal-programmi li joffru lill-pubbliku.

Din hija biċċa xogħol iebsa għaliex l-Awtorità tax-Xandir trid tkun taf issib u żżomm il-bilanċ bejn intervenzjoni meħtieġa u inkoraġġiment effettiv.

Il-Liġi dwar ix-Xandir hi stess tinkludi ċerti kodiċijiet iżda tipprovdi wkoll li l-Awtorità tista' tagħmel kodiċijiet ta' gwida biex tirregola diversi tipi ta' xandiriet bħal ma huma, fost affarijiet oħra, x-xandir bit-*teletext*, ix-xandir ta' reklamar u *sponsorship*, il-wiri ta' vjolenza partikolarment f'każi li l-udjenza jkun fiha tfal u żgħażagħ.

Hu ta' inkoraġġiment il-fatt li sal-lum, l-Awtorità tax-Xandir flimkien mal-Ministru responsabbli mix-xandir, diġà fasslet Kodiċi għall-programmi ta' Ġrajjiet Kurrenti u ieħor għall-bullettini ta' l-Aħbarijiet. Iżda baqa' xi jsir, għaliex kodiċijiet dwar diversi aspetti ta' xandir huma ta' importanza kbira bħala gwida għall-iżvilupp ta' dan il-qasam.

L-Awtorità għandha poteri biex tassigura li tista' taqdi l-funzjonijiet tagħha. Poteri li jridu dejjem jintużaw b'għaqal u responsabbiltà kbira. Imma meta tieħu deċiżjoni, allura dik id-deċiżjoni trid tiġi osservata tempestivament.

Għandha wkoll id-dover, aktar u aktar f'kuntest ta' pluraliżmu, li tara li d-direttivi tagħha huma dejjem osservati u l-ordnijiet tagħha mobdija.

Għandha bil-Liġi dwar ix-Xandir, għall-ewwel darba, dħul assigurat li jsaħħah l-awtonomija tagħha. M'hemmx dubju, li f'soċjeta' demokratika, Awtorità li tissorvelja fuq ix-xandir hemm lokha. Hu falz l-argument ta' dawk li jsostnu li kif ma hemmx awtorità fuq il-mezzi ta' l-istampa iżda hemm biss Liġi ta' l-Istampa, hekk ukoll m'għandux ikun hemm Awtorità tax-Xandir imma biżżejjed ikollok Liġi tax-Xandir. Id-differenza bejn il-karta stampata u r-radju u t-televiżjoni hi waħda enormi. L-immedjatezza tar-radju u tat-televiżjoni, u l-kuntatt personali mat-telespettaturi jew is-semmiegħa, jekk użati ħażin u b'abbuż jistgħu jħallu effetti diżastrużi fuq is-soċjetà tagħna.

L-Awtorità tax-Xandir hi entità kostituzzjonali, inkarigata biex primarjament tkun regolatur li tara li ma jsirx użu ħażin u abbuż mill-meżżi tax-xandir li huma tant importanti u li għandhom potenzjal kbir li jagħmlu l-ġid. Hi regolatur li jrid ikun *catalyst* biex isir użu etikament korrett tal-mezzi tax-xandir.

F'soċjetà demokratika, il-funzjoni ta' l-Awtorità tax-Xandir għandha tkun dik li ssarraf b'mod konkret id-drittijiet kostituzzjonali tal-libertà ta' l-istampa u l-informazzjoni, billi tassigura li fil-pajjiż ikun hawn xandir bilanċjat, imparzjali, li fih għażla u li hu ta' livell għoli, liema Awtorità trid tingħata l-għodda meħtieġa biex taqdi u tinforza l-funzjonijiet u d-deċiżjonijiet tagħha.

Lejn din is-sitwazzjoni rridu nersqu b'*consensus* wara li ngħarblu u nisfruttaw l-esperjenzi ta' l-imgħoddi kemm tagħna kif ukoll ta' pajjiżi oħra biex id-demokrazija, li x-xandir ħieles illum hu wieħed mill-pedamenti tagħha, tkun tarka tabilħaqq għad-drittijiet ta' kull ċittadin.

## DISKUSSJONI

**Is-sur Charles Farrugia:** Onorevoli Prim Ministru, Onorevoli Kap ta' l-Oppożizzjoni, nemmen li intkom it-tnejn temmnu fil-libertà ta' l-informazzjoni u komunikazzjoni hawn Malta. X'ser tkun il-*policy* kemm minn naħa tal-Partit Laburista u kemm minn naħa tal-Gvern rigward ix-xandir bis-satellita, kemm minn hawn Malta u kemm minn barra? Jiġifieri ser jingħataw permessi minn hawn Malta biex wieħed ikun jista' jittrasmetti *via* s-satelliti kemm għal hawn Malta u kemm għal barra minn Malta?

**L-Onor. Dr Fenech Adami:** Jiena naħseb li t-trasmissjonijiet bis-satellita, wieħed irid liċenzja għalihom. Naf li diġà hemm talbiet, jidhirli li rrispondejt mistoqsija fil-Parlament dan l-aħħar, li qegħdin jiġu eżaminati fil-kuntest tal-liġi. Naturalment mhux eskluż, anzi, naħseb li fil-prinċipju liċenzji jistgħu joħorġu. Hemm il-Liġi li ma teskludix, anzi tinkludi kull forma ta' trasmissjoni.

**L-Onor. Dr Sant:** Ma nara li għandu jkun hemm l-ebda problema biex kemm riċeviment tas-satellita f'Malta, u kemm trasmissjoni bis-satellita minn Malta għandhom ikunu kompletament ħielsa. Irid ikun hemm l-osservanza ta' kriterji li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà tal-pajjiż fejn għandu x'jaqsam ma' komunikazzjonijiet deħlin. Il-problema tqum naħseb jien fejn għandhom x'jaqsmu d-*dishes*. Il-ħelsien li għandu jkun hawn li jiddaħħlu iktar *dishes* fil-pajjiż. Li jkun hawn ċertu problemi biex id-*dishes* jiġu installati. Sakemm il-kriterji li għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien ta' l-ambjent ikunu trasparenti u ċari anke hawn naħseb li għandu jkun hemm ħelsien sħiħ biex id-*dishes* f'pajjiżna jiġu installati, kemm mill-individwi u kemm mill-kumpaniji.

**L-Onor. Dr Fenech Adami:** Sa fejn naf jien din hija s-sitwazzjoni, infatti, il-Gvern nista' ngħid kellna ċerti diffikultajiet meta bdew jintalbu t-twaħħil tad-*dishes*. Kien hemm persuna li wkoll kienet għamlet kawża a bażi kostituzzjonali, ma ridniex intawwlu għaliex ma kellniex l-ebda interess li ngħidu li ma jkunx hawn *dishes* biex tirċevi bis-satellita però, mill-ewwel irrealiżżajna li ser ikollna problemi bil-kwantità

ta' *dishes* li jibdew telgħin. Fil-fatt illum biex twaħħal *dish* irid ikollok permess mill-Awtorità ta' l-Ippjanar mil-lat ta' estetika, minn naħa tal-Gvern ma hemmx diffikultajiet.

**Is-sur Charles Farrugia:** Nixtieq nagħmilha ċara li qiegħed ikun hemm diffikultà minn naħa ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar għax dawn qegħdin isibu ix-xagħra fl-għaġina u qegħdin iżommu l-liċenzji.

**Dr Wenzu Mintoff:** Iż-żewġ diskorsi tal-Prim Ministru u tal-Kap ta' l-Oppożizzjoni, b'mod jew b'ieħor għamlu analoġija bejn il-mezzi tax-xandir bir-radju u bit-televiżjoni ma' l-istampa. Il-Prim Ministru fil-fehma tiegħi kien iktar konkret minn Dr Sant għar-raġuni li għall-inqas semma li trid issir id-distinzjoni, mentri Dr Sant qal li għandna nimxu b'analoġija ma dak li jiġri fil-każ ta' l-istampa. Jeħtieġ li l-unika regolamentazzjoni li għandha tibqa' hija l-Liġi ta' l-Istampa, huma l-Qrati Ordinarji u mhux awtorità bħal ma hija l-Awtorità tax-Xandir. Imma r-raġunijiet li semma l-Prim Ministru dwar l-immedjatezza tar-radju u tat-televiżjoni huma li jista' jsir iktar abbuż. Hemm ukoll il-fattur li m'hemmx kompetizzjoni kompletament ħielsa minħabba l-fatt li biex toħroġ gazzetta kull ma tirrikjedi huma ħafna flus u investiment f'makkinarju u f'riżorsi umani, mentri fil-każ tar-radju u tat-televiżjoni hemm il-problema ta' allokazzjoni ta' frekwenzi li huma limitati. F'dak il-każ ma tistax tgħid li hemm sitwazzjoni ta' kompetizzjoni kompletament ħielsa u allura r-rwol ta' awtorità bħal dik ta' l-Awtorità tax-Xandir f'soċjetà demokratika huwa t-tħaris tal-pubbliku in ġenerali, ta' soċjetajiet u ta' organizzazzjonijiet li m'għandhomx u ma jgawdux il-privileġġ ta' liċenzji biex ixandru.

Għalhekk huwa meħtieġ li l-Awtorità tax-Xandir iżżomm il-bilanċ mhux biss bejn l-istazzjonijiet żbilanċjati, imma jeħtieġ ukoll li jinżamm bilanċ tal-forzi kollha fil-pajjiż anke meta wieħed jieħu kont tal-proporzjon ġust tagħhom. Wieħed m'għandux jippresupponi li dan l-istat ta' fatt li għandna llum ser jibqa' hemmhekk għal eternità. Għaliex jekk ser nibqgħu nirraġunaw li min ħa ħa (liċenzja) ser ifisser li aħna ippredestinati f'dan il-pajjiż li nibqgħu kif konna fl-1991 meta ħarġu l-liċenzji temporanji u sussegwentement dawn ġew trasformati f'liċenzji permanenti.

**L-Onor. Dr Fenech Adami:** Jiena ma naħsibx li l-kwistjoni tal-frekwenzi f'dan l-istadju qegħda b'xi mod timpinġi negattivament fuq iktar pluraliżmu. Veru li hemm il-problema ta' frekwenzi li ġew allokati lil Malta żmien ilu mill-ITU; veru li għandna l-problemi ma' l-Italja b'mod partikolari fuq il-frekwenzi imma jiena persważ li dawn huma problemi li jiġu sorvolati. Għall-problemi li għandna mal-Gvern Taljan nista' ngħid li propju dan ix-xahar stess b'insistenza minn naħa tagħna għandhom ikomplu d-diskussjonijiet tekniċi biex naslu għal soluzzjoni.

Fil-fatt il-Gvern Malti qiegħed jitlob ħafna iktar frekwenzi għat-televiżjoni milli għandu illum. Naf li l-Gvern alloka l-frekwenzi li kellu lill-Awtorità tax-Xandir biex tkun tista' tagħti liċenzji a bażi tagħhom, imma ma nħossx li l-kwistjoni ta' frekwenzi b'xi mod sejra tillimita. Qiegħed ngħid kontinġenzjalment, bħalissa jista' jkollna xi problemi, però, problemi li żgur jridu jiġu riżolti. Minbarra hekk illum hawn is-sistema tal-*Cable TV* fejn m'hemmx il-kwistjoni tal-frekwenzi.

**L-Onor. Dr Sant:** Ma nidħolx fl-argument ta' min kien l-aktar konkret. Jien naħseb li kont biżżejjed konkret. Qed ngħidu li l-Awtorità tax-Xandir trid tissorvelja dak li għandu x'jaqsam max-xandir pubbliku. Dak li għandu x'jaqsam max-xandir privat insostni li l-kundizzjonijiet huma ekwivalenti għal dak li jeżisti fil-qasam ta' l-istampa. Inġabu żewġ raġunijiet għaliex dan mhux veru. Waħda ġabha l-Onorevoli Prim Ministru u l-oħra qiegħed iġibha Dr Wenzu Mintoff. Fit-tnejn, fl-opinjoni tiegħi, hemm fallaċja f'dak li qiegħed jintqal. L-Onorevoli Prim Ministru qiegħed jagħmel distinzjoni bejn l-istampa u x-xandir, fis-sens li x-xandir huwa iktar immedjat. Bl-istess argument allura nagħmlu awtorità għall-*mass meetings*, awtorità għall-*Jazz Festivals*, awtorità għal kull ħaġa li hija ta' massa - għax hemmhekk għandek kuntatt immedjat. L-argument, fl-opinjoni tiegħi, ma jreġix. Inti qiegħed titkellem fuq mezzi ta' komunikazzjoni soċjali fid-dinja moderna, u fid-dinja moderna jekk inti tlaqt għat-triq li tlaqna fuqha aħna dawn l-aħħar sentejn, allura m'hemmx dubju li hemm ekwivalenza sħiħa bejn il-mod kif qiegħda tiġi propagata l-istampa u l-mod kif qegħdin jiġu propagati l-mezzi ta' komunikazzjoni permezz tax-xandir. F'dak li għandu x'jaqsam mal-qasam privat: hemm differenza fis-sens illi ma teżistix sistema

ta' pubblikazzjoni li hija mmexxija mill-Gvern. Din ma teżistix fil-qasam tal-*print media*, teżisti fil-qasam pubbliku tax-xandir. Allura hemmhekk iva, l-Awtorità tax-Xandir għandha, għax huma fondi pubbliċi li qegħdin jintużaw, ikollha l-funzjoni, jkollha r-rwol li tiżgura li dawk il-fondi pubbliċi jintużaw b'mod li huwa trasparenti, b'mod li huwa ġust politikament u anke f'oqsma oħra li jippruvaw jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-problema tal-frekwenzi: għall-raġunijiet differenti naqbel ma' l-Onorevoli Prim Ministru li din mhix problema. Jiena nħoss li l-problema l-kbira kienet id-deċiżjoni f'dan l-aħħar snin tal-Gvern Malti li ma jiddefendix tajjeb biżżejjed l-interess Malti. Għandna frekwenzi li suppost huma tagħna li qegħdin jitħallew jittieħdu mit-Taljani. Il-Gvern Taljan jaf biha l-istorja. L-awtoritajiet Sqallin jafu biha u jaċċettaw is-sitwazzjoni u qisu ma ġara xejn. Waqt li minn naħa tagħna għandna kull fakultà li bi dritt *de facto* li ċerti frekwenzi li nistgħu nużawhom, naqbdu nużawhom. Qegħdin nirreferu ruħna kull darba għall-Ftehim Internazzjonali, jekk niftakar tajjeb, mill-1962 meta s-sistema fix-xandir pubbliku kienet ibbażata fix-xandir internazzjonali u lokali, ma' l-Ewropa kollha, kienet ibbażata fuq sistema pubblika taħt idejn il-Gvern. L-aktar pajjiż li telaq fl-estrem l-ieħor dawn l-aħħar snin kien preċiżament l-Italja, fejn ix-xandir privat żviluppa b'mod kompletament għal rih̄u.

Jidher ċar ukoll li l-frekwenzi tat-televiżjoni f'oqsma differenti tista' tużhom fuq bażi reġjonali, u jekk aħna inħaddmu moħħna tajjeb, għandna numru kemm irridu ta' frekwenzi lokali li nistgħu nużawhom. Allura l-problema tal-frekwenzi l-anqas tqum, la fil-każ tar-radju u anqas u anqas fil-każ tat-televiżjoni.

Il-problema hija waħda, ħa nkunu ċari. Il-problema hija ta' tip differenti. Il-problema hija li matul dawn l-aħħar għoxrin sena ħafna u ħafna konsumaturi daħħlu fid-djar tagħhom *boosters* ta' ċertu tip li huma maħsuba biex jaqbdu u jwasslu għandhom it-trasmissjonijiet minn Sqallija. Dawn il-*boosters* m'humiex magħmula b'mod li jiffokaw biss fuq trasmissjonijiet li ġejjin minn Sqallija, imma huma maħduma b'mod li huma ftit wiesgħa fuq ir-*range* li jaqbdu. Allura dawn meta tixħet trasmissjonijiet

minn Malta ser ifixklu ir-*reception* li għandhom iċ-ċittadini Maltin minn dawn il-*boosters* relattivament difettużi. Allura l-problema tkun, hawn xi ħadd li lest jgħid liċ-ċittadini Maltin (u fl-opinjoni tiegħi d-Dipartiment tal-*Wireless and Telegraphy* qiegħed jibqa' lura milli jaqdi dan id-dmir tiegħu) li qegħdin jużaw *boosters* li huma ddisinjati b'mod elementari ħalli jaqbdu frekwenzi ġejjin minn Sqallija biss meta għandhom ikollhom *boosters* ta' tip differenti, iktar sofistikati li jkunu maħsuba biex jaqbdu trasmissjonijiet minn Sqallija mingħajr ma jfixklu r-*reception* li jista' jkollhom ta' trasmissjonijiet minn Malta.

Dak li qiegħed jiġri huwa li ċ-ċittadini, li ħafna minnhom qegħdin jirċevu t-trasmissjonijiet minn Sqallija, qed jaraw li qed ikollhom *receptions* minn Malta li qegħdin iħawwdulhom ir-*reception* in ġenerali. Hemm il-problema li dawn iċ-ċittadini, li l-*Wireless and Telegraphy Department* tal-Gvern mhux qiegħed jgħidilhom il-verità xejn, li l-*boosters* li għandhom huma *boosters* li m'humiex fini biżżejjed biex jaqbdu biss trasmissjonijiet mill-Italja mingħajr ma jiġu imfixkla minn trasmissjonijiet leġittmi minn Malta.

**Is-Sur Robert Francalanza:** Ta' spiss iż-żewġ partiti jikkritikaw lill-Awtorità tax-Xandir fuq diversi *issues*. X'qegħdin jagħmlu ż-żewġ partiti biex jirranġaw dawk l-affarijiet li qegħdin jiġu kkritikati. Per eżempju, reċentement il-Partit Nazzjonalista ikkritika lill-Awtorità ta-Xandir waqt dibattitu politiku. X'qegħdin jagħmlu biex dawn l-affarijiet ma jerġgħux jiġru? It-tieni mistoqsija li xtaqt nagħmel hija aħniex ser nibqgħu għomorna kollu b'awtorità tax-xandir li tiġi ffurmata minn nies innominati miż-żewġ partiti politiċi tradizzjonali?

**L-Onor. Dr Sant:** Iva aħna nikkritikaw lill-Awtorità tax-Xandir. Jiena nikkritika lill-Awtorità tax-Xandir meta tipprova tkun taparsi imparzjali u fl-opinjoni tiegħi ma jirnexxiliex. Hu tipiku r-rapport annwali ta' l-Awtorità fejn minn naħa tħares lejn ir-*Radio 101* b'nuċċali rosa u tara is-*Super One Radio* b'nuċċali iswed u dan mhux ġust. Mhux ġust għar-raġuni li kemm *Radio 101* u kemm *Super One Radio* għandhom il-funzjoni li jirriflettu l-veduti tal-partit li waqqafhom. Wieħed jagħmilha

mod u l-ieħor jagħmilha mod ieħor. Imma li tgħid li stazzjon huwa "*tinged*" u l-ieħor huwa "*slanted*" għalija hija misrappreżentazzjoni li mhix aċċettabbli. Naħseb li l-Awtorità tax-Xandir f'ċerti oqsma titlaq wisq fuq il-veduta tal-gvern tal-ġurnata. Issa m'hinix qiegħed ngħid il-veduta tal-gvern tal-lum, qiegħed ngħid li dejjem jiġri hekk, dejjem ġara hekk u naħseb li dan bilfors jiġri jekk - jekk ma jkollniex xi forma trasparenti ta' kif isiru l-affarijiet.

Dwar kif għandha tiġi appuntata l-Awtorità tax-Xandir: l-aktar xogħol diffiċli u delikat li għandha l-Awtorità tax-Xandir huwa preċiżament dak li tassigura bilanċ politiku, bilanċ ta' ċertu sens, trasparenza ta' ċertu sens u imparzjalità ta' ċertu sens. Jekk inti ġurnalist professjonali ser ikollok il-modi tiegħek kif tapprezza l-affarijiet, il-mod tiegħek kif tagħmel l-affarijiet li mhux dejjem ser jinftehmu bl-istess mod mill-pubbliku li qiegħed tindirizza u l-anqas mill-istess Awtorità.

L-Awtorità tax-Xandir għandha tiġi u tibqa' appuntata kif qegħda tiġi appuntata fis-sens wiesgħa tal-kelma mill-partiti li huma rappreżentati fil-Parlament. Imma mbagħad irid ikun ċar li l-Awtorità tax-Xandir mhix *a managing board*, mhix *board* li tmexxi x-xandir fis-sens maniġerjali tal-kelma. Għandha tkun qegħda hemm kif ikunu l-gvernaturi tal-BBC, li tissettja l-qafas, tiżgura li ċerti normi għaddejjin u tkun hi responsabbli li ma tħalli l-ebda Ministru, l-ebda Kap ta' l-Oppożizzjoni jeżerċita pressjonijiet - għax dak huwa li jiġri fil-fatt. L-aktar li nisma' jien tgergir minn naħa tal-ġurnalisti ta' Xandir Malta - taż-żewġ naħat - huwa l-indħil li kellhom u għandhom mill-Ministeri u nies responsabbli fil-politika biex jgħidu ħaġa u ma jgħidux oħra.

Allura jiena nħoss, li għandha tibqa' l-Awtorità tax-Xandir appuntata bil-mod kif hi appuntata llum, imma għandu jinħass ċar li bejn l-Awtorità tax-Xandir u l-*management* attwali tas-sistema għandu jkun hemm mbagħad korp professjonali li qiegħed imexxi skond normi professjonali u jkollu l-poter, ikollu l-ħila u jkollu s-saħħa li jipproteġi mhux fis-sens fiżiku, imma jipproteġi b'kompetenza professjonali ta' min qiegħed imexxi, u hekk għandha tkun it-triq. Jekk qegħdin nitkellmu fuq imparzjalità politika fit-tmexxija irid ikun hemm *consensus* li teżisti din l-imparzjalità politika.

Biex teżisti dik l-imparzjalità politika trid tkun bit-tmexxija trasparenti ta' awtorità tax-xandir appuntata kif qegħdin ngħidu b'mod pubbliku, b'mod trasparenti, b'mod li jidher x'inhu l-operat tagħha, imma mbagħad it-tmexxija tas-sistema tkun merħija f'idejn ġurnalisti u uffiċjali kompetenti fis-suġġett tagħhom. Qegħdin ngħidu wkoll aħna li għandu jkun hemm kumitat magħżul tal-Kamra li fost l-affarijiet oħra wkoll jirrevedi l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu mat-tmexxija tax-xandir, biex imbagħad ikollok anke *replay* pubblika ta' dak li jkun għaddej. Naħseb li dik hija meħtieġa wkoll biex iżżid it-trasparenza fis-sistema.

**L-Onor. Dr Fenech Adami:** Kif il-partit li qiegħed nirrappreżenta iħares lejn l-Awtorità u kif jidhrilna li l-affarijiet għandhom isiru wrejnieh konkretament bil-Liġi tax-Xandir li saret fl-1991. Din fetħet orizzonti ġodda anke fl-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni. Kieku bqajna fl-interpretazzjoni stretta tal-Kostituzzjoni kif kien isir qabel, kieku la hawn *Radio 101* u l-anqas hawn *Super One Radio*. Jiġifieri aħna bil-fatti għamilna dak li stajna biex il-pluraliżmu jsir realtà.

Ma naħsibx li huwa l-każ li noqgħodu niddiskutu dak li semma fid-diskors tiegħu l-Onorevoli Dr Sant għalkemm f'moħħi mhux ċar l-anqas x'inhu l-kunċett tiegħu fid-dokument tal-*Policy Update* li ħarġu, kif l-Awtorità tax-Xandir m'għandiex ikollha pożizzjoni maniġerjali però hi għandha tkun, jien fhimt, li jkollha l-istazzjon li tmexxieh mingħajr il-funzjoni maniġerjali. Il-kunċett ta' kumitat magħżul mil-Parlament ilna niddiskutuh: kien hemm *Select Committees* tal-Parlament li fihom kien hemm diskussjonijiet interminabbli u konkretament ma naħsibx li wasalna.

Jien naħseb li l-importanti hu li niġġeneraw fiduċja fl-Awtorità, u naħseb li l-Awtorità preżenti rnexxielha hi bil-leġislazzjonijiet li għandna u bl-atteġġjamenti ta' kulħadd minkejja l-kritika li ssir. Li tiġġenera din il-fiduċja fiha nfisha hija importanti ħafna u naħseb li hija kwistjoni kulturali li għandna bżonn f'pajjiżna. Jiena ħadt pjaċir u innutajt dak li qal Dr Michael Redley fuq in-nomina tal-membri tal-ITC: innominati mill-Gvern. Aħna ftit aħjar minn hekk, ma jinnominhomx il-Gvern, jiġu nnominati

mill-President fuq il-parir tal-Prim Ministru wara li jikkonsulta l-Kap ta' l-Oppożizzjoni u nafu s-sistema x'hini. L-importanti hu, li min jiġi nnominat, u jien qiegħed ngħid għalija u ma nirrifletti fuq ħadd partikolarment għall-membri kollha ta' l-Awtorità preżenti, jiena kull meta tajt pariri, anke meta kont fl-Oppożizzjoni, biex jiġi nnominat xi ħadd dejjem ikkunsidrajt, u min ġie nnominat dejjem ikkunsidra, li huwa awtonomu. U qatt xi membru ta' l-Awtorità li jien tajt parir biex ninnominah, ma ġie għandi biex jikkonsulta fuq xi problema, fuq xi deċiżjoni, fuq xi *policy*.

Jiena naħseb li jekk f'dan il-pajjiż, li għamilna pass 'l quddiem f'ħafna sensi, nibdew niġġeneraw il-fiduċja li ngħidu li hemm awtorità, illum hemm il-ħamsa li hemm, għada ikun hemm oħrajn flokhom, u li dawn ikunu nies li mill-ewwel wieħed jara fihom nies ta' onestà u ta' kapaċità. Jekk ikolna dan is-sens ta' fiduċja jiena naħseb anke bil-leġislazzjoni kif inhi, l-funzjoni kif inhi, l-Awtorità tista' taqdi tajjeb il-funzjoni li hija mistennija minnha f'sistema demokratika bħal tagħna.

**Is-sur Joe Grima:** Onorevoli Prim Ministru. Fost in-nies awtonomi u kapaċi li magħhom ninkludi l-membri preżenti ta' l-Awtorità, inti taqbel li għandhom jibqgħu jiġu innominati mill-partiti l-membri ta' l-Awtorità, jew inkella jkollna nsibu l-arja l-oħra kollha li fiha ħafna nies li huma kapaċi u m'humiex marbutin ma' partit partikolari?

Dr Sant mhux l-ewwel darba li għamel proposta fejn jidħlu l-kwistjonijiet tal-frekwenzi: Malta għandha ssegwi xi eżempji ta' pajjiżi oħra li fejn daħlu l-frekwenzi reġjonali qabdu frekwenzi li kien hemm liberi u qassmuhom. Inti ma taqbilx ma' dan, minħabba li l-Awtorità tax-Xandir r-raġuni li tagħti għaliex ma qassmitx iktar frekwenzi hija li l-Gvern ma tagħhiex. Il-Gvern ir-raguni tiegħu hija li għadu ma solviex il-problema li hemm ma' l-Italja. U min jaf il-politika Maltija u l-politika internazzjonali biex issolvi problema ta' din in-natura trid ħafna żmien. Wasalx iż-żmien li l-Gvern jikkonsidra li jara xi frekwenzi, fuq bażi lokali, hawn vakanti u jqassamhom lil dawk li l-Awtorità ddeċidiet li huma idonei biex ikollhom frekwenza?

Nixtieq nistaqsi lil Dr Sant meta tkellem fuq il-Kumitati Parlamentari semma li dawn għandhom ikollhom xogħol ta' investigazzjoni u tmexxija tax-xandir pubbliku. Fid-dokument tar-rinnovament tax-xandir semma' wkoll il-privat, il-pubbliku kien *lapsus* biss, jiġifieri ma semmejtx il-privat jew inkella l-pubbliku biss, jew kien pubbliku u privat?

**L-Onor. Dr Fenech Adami:** Bla dubju ta' xejn jien naqbel li min jiġi nnominat m'għandu l-ebda neċessità li jkollu timbru ta' lealtà għal xi partit jew ieħor. Naħseb li jekk naraw l-Awtorità u d-diversi membri tagħha fl-imgħoddi u anke fil-preżent naħseb li kien hemm min ma tistax tgħid dan il-lealtà tiegħu hija lejn partit partikolari. F'Malta kulħadd jaf lil xulxin u t-tendenzi ilkoll nafuhom.

L-Awtorità hija propensa tgħid iva, l-applikazzjoni lest li nilqagħha u nagħti l-liċenzja però ma nistax għax m'għandix frekwenzi. Il-kwistjoni tal-frekwenzi tista' tirrisolvi ruħha. Il-Gvern Malti *vis-à-vis* il-Gvern Taljan qiegħed jgħid li dak li hu tagħna diġà qegħdin tabbużaw li qegħdin tużawh intom. Għamilna sottomissjonijiet u kien hemm diskussjonijiet tekniċi b'xi riżultati għalkemm mhux pożittivi għal kollox għax għadhom jużawhom.

Però għalija hija kwistjoni li tista' tirrisolvi ruħha. Nerġa ngħid li anke fid-diskussjonijiet, il-Gvern Malti *vis-à-vis* il-Gvern Taljan qiegħed jarroga għalina, bħala dritt, li mbgħad jiġi kkonfermat bl-*Agreements* tal-ITU, li jkollna ħafna iktar frekwenzi mill-erba' li għandna llum fit-televiżjoni.

**Is-sur Joe Grima:** Ippermettili onorevoli Prim Ministru, il-pożizzjoni ta' l-Awtorità hija li ma tistax talloka l-liċenzja għaliex m'għandiex frekwenzi. Jiġifieri l-problema hemm qiegħda, purament teknika.

**L-Onor. Dr Fenech Adami:** Teknikament l-Awtorità hekk ikollha tgħid jekk m'għandiex iktar frekwenzi x'tagħti. Għaliex il-frekwenzi li għaddielha l-Gvern huma dawk li tista' tuża. Però jekk l-istat ta' fatt ikun li għandna applikanti li huma idonei

li jkollhom il-liċenzja jiena persważ li jsiru d-diskussjonijiet neċessarji u l-problema tiġi riżolta. Però l-Gvern Malti sa issa, biex teknikament joqgħod għall-Ftehim Internazzjonali li hemm, issa tajbin jew ħżiena, tort ta' dan il-Gvern jew tort ta' qablu ma nidħlux fiha, dak huwa l-Ftehim li hemm, li erba' frekwenzi għandna u l-Gvern ma setax formalment jagħti frekwenzi iktar lill-Awtorità li m'għandux dritt jagħtihom teknikament. Però mbagħad hemm żgur frekwenzi reġjonali li wieħed jista' jagħti, imma l-problema hija jkollokx interferenzi oħrajn. Allura f'dan l-istadju qegħdin nippruvaw naslu għal xi forma ta' ftehim mal-Gvern Taljan biex ma jkollniex il-problemi anke jekk nużaw frekwenza fuq bażi reġjonali u mbgħad nibdew nidħlu fuq xulxin. Għadna fl-istadju tan-negozjati fejn nittamaw li f'qasir żmien naslu mal-Gvern Taljan. Kif għidt il-proċess huwa għaddej tant li dan ix-xahar, f'Mejju, hemm laqgħa teknika oħra.

**L-Onor. Dr Sant:** Fuq din il-pożizzjoni tal-frekwenzi nixtieq ngħid li t-taħwida li hemm bejn l-Awtorità u l-Gvern jiena naħseb li dawk il-frekwenzi li hemm *available* għandna nużawhom u m'għandniex nużaw iktar l-argument tal-ftehim arkajku tal-1962 biex min irid jieħu frekwenza u jista' jxandar ixandar. Hemm ħafna frekwenzi *available* jistgħu jintużaw. Li noqgħodu ninnegozjaw mat-Taljani u ma naslu qatt, mhix linja tajba.

Fuq l-argument tas-*Select Committee* fuq ix-xandir: jien semmejt xandir pubbliku għax konna qegħdin niffokaw l-aktar fuq ix-xandir pubbliku, imma inħoss li hija xi ħaġa naturali li *Select Commitee* fuq ix-xandir jitkellem ukoll, x'hemm ħażin, fuq ix-xandir privat, fuq l-istat u l-qagħda tax-xandir privat. Din hija ħaġa li tiġri fis-*select committees* tal-Parlamenti tad-dinja kollha. Meta jkollhom *select committee* fuq l-industrija, ma jitkellmux biss fuq l-industrija pubblika, imma jitkellmu fuq il-qagħda tal-industrija privata wkoll. Huwa mod trasparenti pubbliku kif il-Parlamenti kollha jindirizzaw u jiddiskutu l-problemi tax-xandir pubbliku b'sens ta' sorveljanza iktar impenjata, għax hemm fondi pubbliċi dedikati għalihom, u dak li għandu x'jaqsam mal-qagħda u l-istat ġenerali tax-xandir privat.

**Is-sur Laurence Mizzi:** Nixtieq illi l-Gvern u l-Oppożizzjoni jirriflettu iktar fuq il-komposizzjoni tal-membri ta' l-Awtorità. Din mhix xi ħaġa li nqalgħet issa. Fil-bidu l-Awtorità kienet komposta differentement. Kien hemm rappreżentanza ħafna iktar wiesgħa milli hemm illum. Jiena naħseb li għandu jsir imqar tibdil fin-numru massimu ta' sitta, imqar isir tmienja. Irid isir bi qbil bejn il-Gvern u l-Oppożizzjoni, jistgħu jkunu tmienja jew għaxra, ħalli jkollok iż-żewġ partiti jew it-tlett partiti rappreżentati imma jkun hemm ukoll it-*trade unions*, ikun hemm anke aspetti kummerċjali, radjijiet kummerċjali. Għaliex għandna nibqgħu kif aħna?

Jien qiegħed nitkellem b'esperjenza ta' tlett snin membru u erba' snin *Chairman*, veru aħna ma konniex nirrappreżentaw il-partiti, imma l-pressjoni kienet hemm miż-żewġ naħat u, trid u ma tridx, moralment il-pressjoni qegħda hemm. Sa fejn naf jien dejjem, anke fl-Awtorità preżenti, naħseb li rnexxielna negħlbuha din minkejja jgħidu x'jgħidu. Ħafna mid-deċiżjonijiet li ħadna fl-imgħoddi, kienu x'kienu, b'kunsens ħadnihom u naħseb li anke llum isir hekk. Jien naħseb li anke għall-fiduċja pubblika, kemm-il darba l-Awtorità tidher li tkun qegħda tirrappreżenta verament lil-popolazzjoni Maltija ikun ta' ġid għal kulħadd anke għal istess Awtorità.

**L-Onor. Dr Fenech Adami:** Nixtieq infakkar li l-Gvern ippubblika *White Paper* li fiha qiegħed jipproponi emendi kostituzzjonali dwar in-nomini kollha fuq il-kummissjonijiet kostituzzjonali, inkluża l-Awtorità tax-Xandir. L-iskop ewlieni tal-proposti huma, fil-fehma tagħna, biex ikun hemm iktar kredibilità u iktar fiduċja fil-kummissjonijiet kollha. U hemm diversi funzjonijiet differenti milli għandu llum il-President ta' Malta, differenti wkoll il-funzjonijiet tal-Prim Ministru u anke tal-Kap ta' l-Oppożizzjoni. Però ma naħsibx li huwa l-mument li noqgħod nidħol f'dawn il-proposti u nittama li dawn jiġu għad-dibattitu ma jdumux.

**L-Onor. Dr Sant:** Jiena naħseb li l-mistoqsija fundamentali hija min ser jagħżilhom dawn in-nies aktar milli jekk għandhomx ikunu minn naħa jew minn oħra, jirrappreżentawx kummerċ, jirrappreżentawx akkademja, jirrappreżentawx *trade unions* u oħrajn. Il-mistoqsija hija min ser jagħżilhom. Jiena naqbel li l-għażla

għandha ssir mill-partiti li huma rrappreżentati fil-Parlament b'ċerta ugwaljanza. Jekk ikunx hemm għoxrin fiha hija immaterjali.

Naħseb li rridu nirriflettu ftit fuq l-argument tal-kritika. Jiena wieħed mill-iktar nies li lest nikkritika lil kulħadd, inkluż lili nnifsi, anke pubblikament. F'dan is-sens għandna nkunu lesti li nikkritikaw anke lill-Awtorità tax-Xandir u l-fatt li qed tagħmel kritika bl-ebda mod ma jfisser xi animu personali, xi animu politiku lejn il-membri ta' l-Awtorità u, xi kultant, anke lejn id-deċiżjonijiet tagħha. Jekk ma taqbilx magħhom, tgħid li ma taqbilx. Allura naħseb jien li anke meta nibqgħu lura mill-kritika li qed issir irridu nifhmu li l-kritika hija funzjoni normali f'demokrazija. Imbilli tkun aċerba l-kritika ma jfissirx li għandha ddejjaqna l-anqas.

Jiena ngħid li kull ħaġa li ser tagħmel f'demokrazija ser tkun kritikabbli u jekk tiġi kkritikata m'hemm xejn ħażin fiha. Jiġifieri jekk qegħdin naħdmu biex nippruvaw noħolqu struttura li fiha l-Awtorità tax-Xandir u awtoritajiet oħra ma jiġux ikkritikati naħseb li dik hija perspettiva żbaljata. Aħna nistennew li f'demokrazija normali l-azzjonijiet u d-deċiżjonijiet li ser jittieħdu mill-Gvern u mill-Oppożizzjoni u mill-awtoritajiet governattivi u mill-awtoritajiet statali ser ikunu soġġetti għal kritika u hija ħaġa normali li jiġu kkritikati.

**Il-professur Daniel Massa:** Jiena naqbel ma dak li qal Dr Sant li l-Awtorità tax-Xandir m'għandiex tkun meħlusa minn xi kritika. Però, nixtieq nagħmel kumment fuq dak li qal is-sur Reno Calleja dalgħodu, fejn qal li l-politiċi inqas ma jitkellmu aħjar. Jien ma naqbilx ma' dan. Iżda naqbel li ħafna drabi l-politiċi mis-seba' jieħdu l-id u jippruvaw jisirqu l-ispazju ta' kulħadd. Il-qbil bejn il-Prim Ministru u l-Kap ta' l-Oppożizzjoni illi l-membri ta' l-Awtorità tax-Xandir għandhom ikunu u għandhom jibqgħu jiġu nnominati minn għandhom jikkonvinċini li dan huwa fatt.

Ta' min ifakkar, li l-politiċi kultant jitilqulek jiġru bit-titolu ta' konferenza. Per eżempju, qiegħed ninnota li l-isem ta' din il-konferenza huwa l-Funzjoni ta' l-Awtorità tax-Xandir f'Soċjetà Demokratika u qiegħed ninnota wkoll li bl-intervent tal-Prim Ministru

huwa eżattament dak it-titolu. Ma nafx min għażel it-titolu l-ewwel jekk huwiex il-Prim Ministru jew inkella l-Awtorità tax-Xandir.

Però marbuta ma' l-ispazju li ppruvaw jieħdu l-politiċi nixtieq inkompli fuq dak li qal is-sur Laurence Mizzi u nitkellem fuq il-komposizzjoni ta' l-Awtorità tax-Xandir. Kif nara jiena għandek iċ-*Chairman* li huwa meqjus u jidher bħala indipendenti, però imbagħad għal inqas fil-perċezzjoni pubblika, għandek żewġ membri li jidhru li huma nnominati mill-Gvern u żewġ membri oħra li jidhru li huma nnominati mill-Oppożizzjoni. Fil-perċezzjoni pubblika jidher li għandek iċ-*Chairman* indipendenti u tnejn minn nies oħra li suppost, b'xi mod, qed ikollhom xi simpatija lejn il-Gvern jew l-Oppożizzjoni.

Issa jiena naf, u kulħadd jaf hawnhekk, li l-indipendenza ta' l-Awtorità tax-Xandir u tal-membri tagħha hija mħarsa mill-Kostituzzjoni, imma l-perċezzjoni tal-pubbliku hija dik jew le? Jista' jkun li l-perċezzjoni tan-nies hija ħażina, inkorretta però perċezzjoni korretta jew inkorretta xorta waħda għandha konsegwenzi reali. F'għajnejn il-poplu, f'ħafna drabi, jidher, li hemm xi pressjonijiet, li fil-fatt jistgħu ma jeżistux, fuq il-membri u fuq l-Awtorità tax-Xandir għaliex dan il-kunsens dwar kif għandhom jinħatru jew inkella kif għandhom jiġu nnominati minn dawk li l-Prim Ministru iddeskrivihom bħala ż-żewġ forzi politiċi bl-akbar appoġġ tal-poplu. Jien naqbel li jekk il-perċezzjoni pubblika hija li jista' jkun hemm pressjonijiet fuq Awtorità tax-Xandir li qegħda hemmhekk f'soċjetà demokratika biex tassigura l-imparzjalità u bilanċ, allura għandu jsir xi ħaġa biex din l-indipendenza ta' l-Awtorità tax-Xandir ma tiġi bl-ebda mod imnaqqsa jew immermra.

Nixtieq inkun naf jekk hemmx xi ħsieb minn naħa tal-Gvern u wkoll minn naħa ta' l-Oppożizzjoni, ta' kif fil-fatt nistgħu nespandu n-numru tal-membri. Sa fejn naf jien fil-passat kien hemm ċertu żminijiet fejn partiti ġieli taw direzzjoni lil xi nies biex anke jirriżenjaw mill-Awtorità. Jekk dan attwalment ma sarx, jista' jsir fil-futur. Jista' jkollok sitwazzjoni fejn nies li huma nnominati minn partit jew ieħor ikunu taħt pressjoni biex jirriżenjaw u jkollhom jirriżenjaw. F'dak il-każ l-Awtorità tax-Xandir l-

anqas tkun tista' tiffunzjona. Jien nixtieq nara sitwazzjoni fejn in-numru ta' membri jiżdied b'mod u manjera fejn anke jekk jiġri hekk, l-Awtorità tax-Xandir xorta tkun tista' tiffunzjona u taqdi d-dmirijiet tagħha ta' *monitoring* u assigurazzjoni tal-bilanċ.

**L-Onor. Dr Fenech Adami:** Jiena naħseb li għad għandna problema kulturali. Sfortunatament fil-pajjiż meta għixna żminijiet ta' skontru u ta' konfrontazzjoni ħloqna dawn l-atteġġjamenti ta' jekk dak huwa nnominat mill-Kap ta' l-Oppożizzjoni mela dak moħħu sejjer jużah kif irid il-Kap ta' l-Oppożizzjoni. Mhux veru. Dak li nnomina l-Prim Ministru sejjer juża moħħu kif irid. Jiena nħoss li min jirraġuna hekk jinsolenta n-nies. Jiena naf b'dan, kemm meta kont Kap ta' l-Oppożizzjoni u llum li qiegħed Prim Ministru. Kien hemm min, u din hija l-eċċezzjoni u mhux ir-regola, kien hemm min imur hemm bħala l-porta vuċi ta' xi ħadd. Mhux veru li jekk xi ħadd huwa imċappas bil-politika allura dan jitlef id-dehen ta' l-intellett u mhux kapaċi juża l-awtonomija ta' l-intelliġenza ta' moħħu.

Għandna bżonn li kulturalment nikbru f'dan. Jiena kelli okkażjonijiet fejn jien naf li nnominajt lil xi ħadd, u mhux wieħed, li politikament ma jaqbilx miegħi, però naf li huwa serju fil-ġudizzju tiegħu u m'għandix x'ingorr għax hekk hu ġab ruħu.

Min jinnomina? Il-perċezzjoni pubblika rridu aħna kulturalment nibdew nindirizzawha, għax min ser jinnomina f'dan il-pajjiż? Jekk ngħidu jinnomina l-President u l-President min jeleġih? U mbagħad ngħidu l-Prim Ministru u l-Prim Ministru min jeleġih? Jiena mhux tant il-kwistjoni tan-nomina, it-*test* għandu jkun min għandu r-responsabbiltà tan-nomina għandu jinnomina nies li huma *fede degni*, li huma nies li jġorru veru l-awra, u mhux biss l-awra, imma fir-realtà li kapaċi li dak li tafdalhom jagħmluh b'mod oġġettiv. Il-bqija xi ħadd irid jinnomina. Billi ngħidu mhux il-Prim Ministru, mhux il-Kap ta' l-Oppożizzjoni u mhux dak u mhux l-ieħor, finalment irid jinnomina xi ħadd.

Jiġifieri jiena naħseb li għandna problema kulturali f'dan il-pajjiż. Irridu nemmnu li min għandu r-responsabbiltà, min tagħtih pożizzjoni ta' responsabbiltà, għandek

tagħmel ħiltek biex tagħżel bniedem li kapaċi jerfa' dik ir-responsabbiltà. Il-kultur politiku tiegħu, hux ġej mill-kamra tal-kummerċ, hux ġej mill-industrija, ġej minn fejn ġej, il-kwalitajiet tiegħu rridu nfittxu. Minn dak li qal Dr Michael Redley, min huma dawn in-nies? Huma n-nies li ħolqu fiduċja fihom infushom bħala nies *that can deliver* fuq ix-xogħol li ngħata lilhom. Naħseb li għandna bżonn din il-kwalità ta' nies. Huwa aċċidentali l-proċess jekk jinnominax il-Prim Ministru. Wara kollox jekk il-Prim Ministru jinnomina ħażin jista' jkollu xi ftit impatt politiku eventwalment jekk mhux immedjatament.

Jidhirli li wisq naħsbu fuq din il-kwistjoni tan-nomina, irridu ngħidu għandna awtorità, nagħżlu l-aħjar nies li hemm, jinnominhom min jinnominhom, u nagħtuhom l-għodda. Kultant naħseb li fl-imgħoddi, biex ma nitkellimx fuq il-preżent, naħseb li kultant ma kienx hemm l-għodda biżżejjed u l-ħeġġa biżżejjed biex din l-awtonomija u din l-applikazzjoni tal-prinċipji li hemm fil-Kostituzzjoni verament, b'mod palesi, nindunaw li qegħdin jiġu osservati.

**L-Onor Dr Sant:** Kumment fuq dak li qal il-Professur Daniel Massa fejn qal li l-politikanti jippruvaw jieħdu l-ispazju kollu meħtieġ. Verament jekk irridu nkunu iktar korretti, ngħidu wkoll li mhux biss il-politiċi, imma l-aktar flejjes li jintefqu f'dan il-pajjiż u fil-pajjiżi kollha huwa fuq il-kummerċ u fuq in-negozji bir-reklami li jagħmlu u bil-mod kif jipproġettaw il-prodotti tagħhom. Naħseb li l-komunikazzjoni tikkonsisti f'kompetizzjoni bejn ħafna forzi differenti fil-pajjiż fosthom il-politiċi, fosthom ukoll in-negozjanti u fosthom ukoll l-akkademiċi, xi kultant, biex il-komunikazzjoni tagħhom tgħaddi. Din hija parti mill-mudell kompetittiv ta' kif taħdem soċjetà moderna.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-ħatriet ta' membri fuq il-bordijiet statali. La huma bordijiet pubbliċi dawn irid jappuntahom il-forum, jew l-emanazzjoni tal-forum li jirrappreżenta l-korp pubbliku - jiġifieri l-Parlament jew il-Gvern tal-ġurnata, jew il-Gvern tal-ġurnata flimkien ma' l-Oppożizzjoni. Għalija m'hemm l-ebda problema li ngħid li l-membri ta' bordijiet bħal dawn għandhom ikunu appuntati mill-emanazzjoni tal-Parlament. Fil-każ ta' l-Awtorità tax-Xandir u ċertament fil-Kummissjoni Elettorali

għandhom ikunu appuntati mill-partiti rappreżentati fil-Parlament għax huma jirrappreżentaw il-pubbliku f'dan il-pajjiż, il-pubbliku f'sens politiku, f'sens rappreżentattiv tal-kelma.

Għandek raġun, hija ħaġa ċara li l-perċezzjoni pubblika popolari hija li min qiegħed appuntat minn naħa ser jirrappreżenta l-veduti ta' dik in-naħa u min ġie appuntat minn naħa l-oħra qiegħed jirrappreżenta l-veduti tan-naħa l-oħra.

Fiha nnifisha ngħid li m'hemmx problema f'din il-perċezzjoni, ħa nkun ċar, sakemm il-membri kkonċernati jirnexxielhom imbagħad jipproġettaw dehra tagħhom bħala nies integri. Għax jiena rrid li meta jittieħdu deċiżjonijiet ta' natura pubblika, id-deċiżjonijiet jittieħdu biex jirriflettu l-aspirazzjonijiet tal-poplu. Allura x'hemm ħażin li dawn l-aspirazzjonijiet jiġu riflessi b'mod integru fl-operat ta' dawn l-awtoritajiet? Il-punt tiegħi huwa li dik il-perċezzjoni fiha nnifisha ma narahiex ħażina sakemm tiġi ffondata fuq qbil li l-persuni nnominati biex jagħmlu dak ix-xogħol huma nies integri, li mhux sejrin jagħmlu xi ħaġa li tmur kontra l-ġustizzja naturali, kontra l-mod serju kif isiru l-affarijiet. Fil-fehma tiegħi sakemm hemm rabta ma' l-integrità tal-persuni, u jkunu magħrufa bħala integri, allura bażikament m'għandix problema fuq din il-perċezzjoni.

**Is-sur Mario Vassallo:** Naqbel ħafna ma' dak li ntqal li l-kultura trid tinbidel u naħseb wieħed irid jgħid li żviluppat anke minħabba t-tip ta' patrunaġġ li wieħed jara fil-kultura Maltija b'mod ġenerali. Ħafna drabi wieħed ikun innominat biex ikun f'bord, allavolja ma jkollux direttivi, jipprova jinterpreta x'iridu jagħmel min innominah. Il-poplu kollu jaf b'ħafna każi, u din naħseb li hija xi ħaġa li iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar għandna nippruvaw neħilsu minnha. Iktar ma jkun hemm edukazzjoni u iktar ma jkun hemm razzjonalità iktar din tispiċċa malajr.

Naħseb li hemm dimensjoni oħra ta' dan it-tip ta' kultura jekk hix qegħda tinbidel. Is-sitwazzjonijiet m'humiex definiti biss mill-Liġi, m'humiex definiti biss mill-proċess soċjali, imma anke minn nies li jkunu qegħdin fihom. Jiena sinċerament ġejt għal

dan is-seminar bit-tama li l-Awtorità stess tagħtini indikazzjoni ta' kif hi taħsibha, fuq l-esperjenza li għandha, kif għandha tiffunzjona hi f'soċjetà demokratika. Kull ma smajna kienu veduti oħrajn, li ma kienx dak l-iskop. Però, naħseb li f'soċjetà demokratika anke dawn il-korpi għandhom ukoll ikollhom opinjoni li forsi mhix koperta bil-leġislazzjoni, imma għandhom ikollhom il-kuraġġ biex jisblokkaw dawn id-diffikultajiet kulturali li qegħdin insemmu. Huma stess għandhom jippromovu l-ideat tagħhom anke jekk ma jkunx hemm *consensus* fuqhom internament. Biex b'hekk jidher b'mod ċar li hemm awtonomija fil-ħsieb u li hemm ix-xhieda ta' ħsieb indipendenti. Li m'humiex il-ħin kollu imġerrijja minn tip ta' patrunaġġ ta' interpretazzjoni ta' ideat li m'humiex tagħhom bilfors. Xtaqt li kien hemm din ir-riformulazzjoni. X'taħsbu intom bħala Awtorità fuq il-mod li għandkom tiffunzjonaw f'soċjetà demokratika llum f'Malta?

**Mr Chairman:** Ma kienetx l-intenzjoni li l-Awtorità toħroġ tgħid hi x'tixtieq li jsir. L-intezjoni ta' dan is-seminar kien ċar ħafna. L-Awtorità xtaqet li tisma' l-veduti tan-nies li, fl-aħħar mill-aħħar, jieħdu d-deċiżjonijiet f'dan il-pajjiż, kif għidt fil-bidu dalgħodu jien. Tisma' wkoll u tagħti l-opportunità lil min għandu x'jaqsam fit-tħaddim tax-xandir u wkoll lil membri tal-pubbliku in ġenerali biex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom. L-idea ta' l-Awtorità kienet li tisma' ħalli tkun tista' tiżen, tgħarbel u tkun f'pożizzjoni aħjar biex tagħmel il-proposti tagħha.

**Dr Austin Sammut:** Inkwetawni żewġ kummenti li saru miċ-*Chairman* u minn Dr Sant fis-sens li qisu Dr Sant ma nkwetax ruħu kif jipperċepixxu n-nies lil-membri nnominati fuq l-Awtorità. Wara kollox mhux ħażin li l-bniedem jara dak li jixtiequ n-nies li jieħdu d-deċiżjonijiet. Ukoll iċ-*Chairman* għadu kif qal li xtaq jisma' l-veduti tan-nies li, fl-aħħar mill-aħħar, jieħdu d-deċiżjonijiet. Jiena jinkwetani l-fatt li l-Awtorità tax-Xandir bil-membri nnominati miż-żewġ partiti jistgħu jkunu nies imċappsin bil-politika, imma kulħadd qiegħed jgħid li dawn huma nies integri. Fl-istess ħin, meta jiġu biex jieħdu deċiżjoni, id-deċiżjoni ser tkun assolutament tagħhom u m'għandhom jaħsbu bl-ebda mod x'jixtieq bniedem jew x'jixtieq ieħor. Forsi fhimtkom ħażin, imma din l-idea tinkwetani ħafna.

Naqbel ukoll ma' dak li qal il-Professur Massa ftit qabel li l-politiċi jieħdu l-ispazju. Din hija realtà kif anke l-kummerċjanti bir-reklami jieħdu l-ispazju, u ċertu reklami jistgħu jkunu perikolużi, jistgħu ma jkunux għall-ġid tal-poplu, però huma ħaġa kummerċjali u għalhekk forsi naċċettawhom. Il-politika hija ħaġa li trid tibqa' 'l bogħod, sa ċertu punt, mill-mezzi tax-xandir, mhux għax hemm xi ħaġa ħażina fil-politika, imma għaliex l-Awtorità tax-Xandir qegħda hemm propju, fost affarijiet oħra, biex tibbilanċja l-politika u l-interessi tal-partiti politiċi li għalkemm jirrappreżentaw il-pubbliku u jirrappreżentaw l-aspirazzjonijiet u l-ġid tal-pubbliku, jista' jkun hemm doża qawwija wisq.

Għalhekk jiena illum nista' nesprimi l-opinjoni tiegħi u nixtieq nagħmel mistoqsija kemm lill-Prim Ministru u kemm lill-Kap ta' l-Oppożizzjoni x'jidhrilhom jekk tbiddlux mill-pożizzjoni tagħhom tal-bidu. Jien niftakar li l-Partit Nazzjonalista dejjem kien favur li partit ikollu stazzjon tar-radju u anke tat-televiżjoni jekk irid. Il-Partit Laburista kien kontra f'ċertu żmien. Illum jekk sinċerament iż-żewġ kelliema iħarsu lejn dawn is-snin li għaddew, għadhom iżommu l-istess pożizzjoni idealment? Kienu jagħmlu l-istess ħaġa?

L-Onor. Dr Sant: Ser nibda billi nirreaġixxi ftit għal dan il-mudell neo-platoniku ta' kif inħarsu lejn is-soċjetà tagħna. Qisna qegħdin inħarsu lejn nies politiċi fuq din in-naħa u mbagħad tista' tagħżel nies oħra minnbarra dak is-settur, li b'mod kompletament indipendenti, qegħdin hemmhekk qishom erwieħ tajba biss u jaslu għall-ġudizzji li huma kompletament trasparenti. Jiena naħseb li dan huwa mudell li huwa żbaljat, huwa mudell li ma jirreflettix is-soċjetà kif inhi.

Kull persuna, hi min hi, għandha d-dimensjoni tagħha spiritwali, politika, kummerċjali. U jiena ngħid li bl-istess mod kif għandek tkun inkwetat, Dr Sammut, fuq il-'manipulazzjoni politika' għandek ukoll tkun inkwetat, u jien inkwetat iktar minnek, fuq il-manipulazzjoni kummerċjali. Għax ngħid jien, is-settur kummerċjali għandu ħafna iktar mezzi, u ħafna iktar mezzi sofistikati milli għandhom il-politiċi biex jimmanipulaw l-opinjoni. Allura l-Awtorità tax-Xandir, *ipso facto*, għandha jkollha l-

awtorità biex tirregola ukoll l-interessi kummerċjali bl-istess mod. Jekk ser nibqgħu sejrin hekk allura min ser ikun dan l-ispirtu neo-platoniku li m'għandu l-ebda rabta politika, l-ebda rabta soċjali, l-ebda rabta kulturali, l-ebda rabta ekonomika li ser inqegħdu hemm biex iżommlok il-bilanċ? Impossibbli.

Irridu nitilqu mid-dinja tal-bnedmin kif inhuma tabilħaqq, għalhekk l-integrità hija importanti. L-integrità hija dik il-kwalità li f'kuntest ta' regoli li huma aċċettati minn kulħadd, anke minn nies li ma jaqblux bejniethom politikament jew ekonomikament. Fil-kuntest ta' dawk ir-regoli l-integrità tfisser li inti dawk ir-regoli ser tmexxihom kif għandhom jitmexxew. Għalhekk hija kruċjali l-integrità. Imma mbagħad in-nies li ser ikunu qegħdin fuq l-Awtorità jew kwalunkwe bord ieħor, ser jirrispekkjaw ċerti dimensjonijiet tal-pajjiż li huma dimensjonijiet politiċi, kulturali u ekonomiċi, bilfors. Dan huwa l-punt kollu. Għalhekk joħroġ l-element ta' min sejjer jagħżilhom dawn in-nies. Għalhekk il-mistoqsija kruċjali hija min sejjer jagħżilhom. Sejjer jagħżilhom l-emanazzjoni tal-Kamra tar-Rappreżentanti li qegħda tirrappreżenta, fis-sistema tagħna, lill-poplu kollu kemm hu.

Dwar il-mistoqsija tiegħek jekk bdilniex l-opinjoni tagħna, diġà għidtha llum. Oriġinarjament il-pożizzjoni tal-Partit Laburista kienet li fil-kuntest tad-dibattitu dwar il-pluraliżmu, ir-riforma li kellha ssir kienet riforma li twassal biex il-pluraliżmu jintuża u jitħaddem fil-qasam ta' servizz monopolistiku tax-xandir ta' l-Istat. Il-mudell l-ieħor kien tal-Gvern preżenti fejn għandek servizzi privati ġenb ma' ġenb ma' servizz li m'għadux monopolistiku imma servizz pubbliku. Din id-deċiżjoni ttieħdet fil-Parlament u ġiet ikkonfermata fl-aħħar elezzjoni, u l-argument tal-Partit Laburista issa huwa li la darba ntagħżlet din it-triq dan huwa stat ta' fatt, ejjew nimxu fuq din it-triq, mhux noqgħodu nerġgħu niddibattu kif ser nirriversjawha. Allura f'dak il-kuntest ta' mudell fejn għandek servizz privat u servizz statali u mhux monopolistku, x'hini l-aħjar triq 'l quddiem? Dik hija l-bidla li għamel il-Partit Laburista.

**L-Onor. Fenech Adami:** Jiena ma naħsibx li għamilna bidla, anzi bqajna fuq l-istess binarji li emminna dejjem fihom. Naħseb fuq il-binarju li issa mexjin fih hawn

*consensus* bejn il-partit ta' l-Oppożizzjoni u l-partit li qiegħed fil-Gvern u dawn għandhom l-ikbar rrappreżentanza *in termini* ta' voti tal-poplu Malti. F'dan is-sens allura għandna *consensus* ta' dan il-binarju kif għandna nimxu fuq ix-xandir. Minn naħa tagħna ma kienx hemm bidliet, kienet xi ħaġa li dejjem insistejna fuqha, issa nieħu pjaċir li attwajnieha.

**Mr Chairman:** Kumment qasir dwar l-inkwiet li għandu Dr Sammut. Forsi jiena m'għamiltiex ċara meta ma għamiltx id-distinzjoni importanti bejn dak li tisma' u dak li ssegwi. Fis-sens li wieħed jisma' biex jitgħallem, jisma' dawk l-ideat li jkun hemm u l-iżvolġiment ta' dawn l-ideat. Mhux sempliċement ikun hemm sentenza jew tnejn u tipprova taqta' fejn qiegħed iwassal dak il-ħsieb. Allura inti tkun f'pożizzjoni ħafna aħjar li tara fejn dawk l-ideat jistgħux jiġu attwati b'mod li jaqdu l-interess pubbliku, u fejn taħseb li dawk ma jaqblux. Jekk ma tkunx taf eżattament fejn sejjer il-ħsieb, inti ma tkun qatt f'pożizzjoni li tagħti ġudizzju suriet in-nies fuqhom, imma tagħti ġudizzju mgħaġġel u inkomplet.

**Is-Sur Micallef:** L-Awtorità ġabet diversi kelliema fejn kollha wrew l-anomalija tas-sitwazzjoni differenti minn pajjiżi oħra fejn il-politikanti f'Malta jxandru bl-istazzjonijiet tar-radju tagħhom. Nixtieq nistaqsi lil Onorevoli Prim Ministru u anke lil Onorevoli Dr Sant x'akkwistat Malta bir-*Radio 101* u bis-*Super One Radio*?

**L-Onor. Dr Fenech Adami:** Meta l-Partit Nazzjonalista għamel id-domanda biex ikollu l-istazzjon tar-radju tiegħu fl-1978 jew 1979 ir-risposta kienet li dik kienet ċajta. Naħseb li huwa inutli li noqgħodu naraw pajjiżi oħra x'għamlu, però naħseb li huwa ħażin li ninsew il-kuntest lokali. Bħalissa fl-Italja il-*buzz phrase* li għaddejja hija l-*par condicio* li ħareġ biha l-President Scalfaro.

Il-*par condicio* f'Malta kienet tesiġi li, jekk iridu, l-partiti politiċi setgħu jkollhom ir-radju tagħhom. Naħseb li l-esperiment tar-radjijiet u l-liberalizzazzjoni sħiħa, li bdejna fiż-żmien li jien kont il-Ministru responsabbli mill-*Wireless and Telegraphy Department* irnexxew. Jien tajt il-liċenzja qabel ma' għaddiet il-Liġi, lill-Partit

Nazzjonalista u lill-Partit Laburista u ma jiddispjaċinix minn dik id-deċiżjoni għaliex naħseb li r-riżultat kien wieħed pożittiv.

Naturalment issa jiġġudika l-elettorat, tiġġudika l-udjenza jekk radju wieħed huwiex *slanted* u l-ieħor *tinged.* Naħseb li huwa tajjeb li jkunu l-udjenza u l-elettorat tagħna li jaraw liema huwa l-aħjar mod kif wieħed jipprova jilħaq il-pubbliku. Jiena naħseb li kien fatt pożittiv għad-demokrazija f'pajjiżna li l-partiti politiċi għandhom illum l-opportunità li jkollhom ir-radju tagħhom u t-televiżjoni ukoll.

**L-Onor. Dr Sant:** Fit-triq li ttieħdet jiġifieri t-triq li jkun hemm servizz ta' xandir privat u servizz mhux monopolistiku pubbliku aħna nħossu li hija kompletament leġittima illi l-partiti jkollhom aċċess għal dawn il-funzjonijiet, li jkollhom ukoll l-istabbilimenti tagħhom biex jittrasmettu, bħal ma għandhom għal gażżetti. Bl-istess loġika li l-partiti jistgħu jkollhom gazzetta, fis-settur ta' l-istampa, dawn jista' jkollhom sistema privata tax-xandir, il-mezzi ta' komunikazzjoni tagħhom tax-xandir.

Fl-Istati Uniti il-Partit Demokratiku għandu l-istazzjon tat-televiżjoni tiegħu u l-Partit Repubblikan ser iwaqqaf l-istazzjon tiegħu dalwaqt. Fil-Ġermanja hemm żewġ stazzjonijiet tat-televiżjoni. Wieħed minnhom huwa kkontrollat b'mod ċar mill-SPD, u *chain* oħra li taħdem fuq bażi reġjonali u fuq bażi federali, hija mmexxija, ispirata, u kkontrollata b'ċertu mod u, ħaġa paradossali, għandha fondi pubbliċi mis-CDU u CSU. Ma nitilqux bl-idea li din hija xi ħaġa speċjali, hija xi ħaġa li teżisti f'demokraziji oħrajn u tirrispekkja minnufih it-triq li ntagħżlet f'dan il-pajjiż li jkun hawn sistema privata u sistema pubblika.